2024/2746

30.10.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2746

tal-25 ta' Ottubru 2024

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi n-Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/220

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi n-Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4a(3), l-Artikolu 5(1), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 5a(2) u (4), l-Artikolu 5b(7), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(4), l-Artikolu 8a(2) u l-Artikolu 19(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2023/2674 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emenda r-Regolament (KE) Nru 1217/2009. B'din l-emenda, in-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola (FADN, Farm Accountancy Data Network) jinbidel f'Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN, Farm Sustainability Data Network). Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-qafas legali l-ġdid li jirriżulta minn dik l-emenda, ċerti regoli jenħtieġ li jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 5(1), it-tielet paragrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti limiti għad-daqs ekonomiku tal-azjendi. Tali limiti jeħtieġ li jvarjaw skont l-Istat Membru u, f'xi każijiet, skont it-taqsima tal-FSDN, biex jitqiesu l-istrutturi tal-biedja differenti tagħhom.

(3) L-Artikolu 5a tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 jipprevedi li kull Stat Membru għandu jfassal pjan għall-għażla tal-azjendi prospettanti ("pjan tal-għażla") li jiżgura kampjun rappreżentattiv tal-qasam tal-istħarriġ. Għall-ħolqien tal-pjan tal-għażla, il-qasam tal-istħarriġ jenħtieġ li jiġi stratifikat abbażi tat-taqsimiet tal-FSDN elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, kif ukoll abbażi tat-tipi ta' biedja u tad-daqsijiet ekonomiċi. Il-pjan tal-għażla jenħtieġ li jitfassal qabel il-bidu tas-sena ta' rappurtar sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tirrieżamina l-kontenut tiegħu qabel ma jkun jista' jintuża biex jintgħażlu l-azjendi prospettanti. Sabiex tinżamm ir-rappreżentattività tal-kampjun magħżul fir-rigward tal-varjabbli ekonomiċi, filwaqt li jiġu inkorporati aspetti oħra ta' sostenibbiltà, il-mudelli u l-metodi relatati mal-forma u l-kontenut tal-pjan tal-għażla jenħtieġ li jiġu aġġornati. L-għażla tal-azjendi operati mill-Istati Membri jenħtieġ li tqis is-suġġetti ambjentali u soċjali introdotti bil-konverżjoni għall-FSDN.

(4) Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 5b tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, li japplikaw għall-finijiet tal-FSDN, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ta' implimentazzjoni għat-tipoloġija tal-Unjoni.

(5) It-tip ta' biedja u d-daqs ekonomiku tal-azjenda jenħtieġ li jiġu ddeterminati bl-użu ta' kriterju ekonomiku. Huwa xieraq li tintuża l-produzzjoni standard imsemmija fl-Artikolu 5b(2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għal dan l-għan. Dawn il-produzzjonijiet standard jeħtieġ li jiġu stabbiliti skont il-prodott u jenħtieġ li jiġu allinjati mal-lista ta' varjabbli tad-*data* strutturali ewlenin stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). F'dan ir-rigward, jenħtieġ li tiġi żgurata korrispondenza bejn il-karatteristiċi tal-istħarriġ dwar l-istruttura u l-intestaturi tal-prospett tal-azjenda tal-FSDN.

([1]) ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1217/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2023/2674 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 fir-rigward tal-konverżjoni tan-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola f'Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (ĠU L, 2023/2674, 29.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2674/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1091/oj).

(6) Hekk kif l-attivitajiet mhux agrikoli tal-azjenda jsiru aktar importanti, fit-tipoloġija tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi inkluż varjabbli ta' klassifikazzjoni li jirrifletti l-importanza ta' tali attivitajiet ta' qligħ relatati direttament mal-azjenda.

(7) Billi huwa xieraq li tintuża l-produzzjoni standard imsemmija fl-Artikolu 5b(2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 bħala kriterju ekonomiku biex jiġi ddeterminat it-tip ta' biedja u d-daqs ekonomiku tal-azjenda, huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti ċerti regoli għat-trażmissjoni lill-Kummissjoni tal-produzzjonijiet standard u d-*data* meħtieġa għall-kalkolu tagħhom.

(8) Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-FSDN, il-karatteristiċi tal-prospett tal-azjenda jenħtieġ li jiġu mmodifikati, inklużi l-bidu u t-tmiem tas-sena ta' rappurtar, il-forma u t-tqassim tal-prospett tal-azjenda agrikola, id-definizzjoni tal-varjabbli u l-frekwenza tat-trażmissjoni tad-*data*. B'mod partikolari, il-varjabbli l-ġodda relatati mad-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u tas-sostenibbiltà soċjali tal-biedja jenħtieġ li jkopru s-suġġetti stabbiliti fl-Anness -I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009. Għandhom jiġu stabbiliti prinċipji ġenerali għall-kumpilazzjoni tal-prospetti tal-azjendi agrikoli, inkluża l-ħtieġa li jinġabru varjabbli ambjentali u soċjali u l-possibbiltajiet ġodda pprovduti mill-kondiviżjoni tad-*data* ma' sorsi oħra tad-*data*.

(9) Il-varjabbli u d-definizzjoni tal-varjabbli marbuta ma' wieħed jew aktar mis-suġġetti stabbiliti fl-Anness -I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandhom ikunu dettaljati, u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-analiżi speċifika tagħhom. Id-definizzjoni ta' varjabbli ġodda jenħtieġ li tkun konsistenti mad-*data* tal-kontabbiltà eżistenti, li hija inkluża fid-*data* tal-FSDN, abbażi ta' forma u tqassim simili.

(10) L-Artikolu 8(4), il-punt (d) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 jistabbilixxi li jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-metodi u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni, inklużi l-estensjonijiet possibbli tal-iskadenzi u l-eżenzjonijiet għal varjabbli speċifiċi li jistgħu jingħataw lil Stat Membru, għandhom jiġu stabbiliti. Huwa xieraq, filwaqt li jitqiesu l-organizzazzjoni u l-metodi differenti għall-kumpilazzjoni tad-*data* madwar l-Istati Membri, li jiġu stabbiliti skadenzi rilevanti għal ċerti varjabbli fil-perjodu tas-sena ta' rappurtar 2025 sas-sena ta' rappurtar 2027. Tali perjodu jenħtieġ li japplika kemm għall-istabbiliment tal-iskeda ta' żmien għas-sottomissjoni tad-*data* kif ukoll għall-ġestjoni tal-baġit annwali.

(11) Il-prospetti tal-azjenda agrikola mimlija kif xieraq jenħtieġ li jintbagħtu lill-Kummissjoni fil-ħin mill-aġenzija ta' kollegament maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, biex tiġi żgurata l-ġestjoni uniformi u f'waqtha tad-*data* mogħtija. Il-proċess tat-twassil tad-*data* lill-Kummissjoni jenħtieġ li jsir prattiku u sigur. Għaldaqstant jenħtieġ li jkun hemm arranġament biex l-aġenzija ta' kollegament tibgħat l-informazzjoni ikkonċernata direttament lill-Kummissjoni permezz tas-sistema komputerizzata stabbilita mill-Kummissjoni għall-finijiet ta' dak ir-Regolament kif ukoll għal aktar modalitajiet f'dan ir-rigward. Huwa xieraq li l-limiti taż-żmien għas-sottomissjonill-pre ta' din id-*data* lill-Kummissjoni jqisu r-rekord tal-passat tal-Istati Membri fit-twassil ta' din id-*data*.

(12) Kull prospett tal-azjenda agrikola ppreżentat lill-Kummissjoni jenħtieġ li jimtela kif xieraq sabiex jitqies bħala eliġibbli għall-pagament tal-ammont.

(13) Il-limitu fuq l-għadd totali ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija kif xieraq eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni għal kull Stat Membru u għal kull taqsima tal-FSDN huwa stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1217/2009. Madankollu, sabiex jitqiesu l-bidliet strutturali, jenħtieġ li tkun permessa flessibbiltà fl-għadd massimu ta' azjendi prospettanti eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni għal kull taqsima tal-FSDN sabiex tikkumpensa għal konsenji nieqsa f'taqsimiet oħra tal-FSDN, dment li jiġi rrispettat l-għadd massimu tal-azjendi prospettanti tal-Istat Membru kkonċernat, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1217/2009.

(14) Skont l-Artikolu 19(1),il-punt (a) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, ammont jenħtieġ li jkun pagabbli lill-Istati Membri għall-preżentazzjoni tal-prospetti tal-azjenda agrikola mimlija kif xieraq sal-iskadenza stabbilita. Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel bejn l-FADN u l-FSDN, ir-regoli li jirregolaw l-ammont pagabbli lill-Istati Membri jenħtieġ li jiġu adattati għall-pagamenti fil-perjodu tas-sena ta' rappurtar 2025 għas-sena ta' rappurtar 2027 u jqisu l-punt sa fejn il-prospetti tal-azjenda agrikola mimlija kif xieraq mogħtija jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġu analizzati s-suġġetti stabbiliti fl-Anness -I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009.

(15) Il-Kummissjoni, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 ([4]), l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa li jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom, inkluż li jwettqu awditi, kontrolli fuq il-post u investigazzjonijiet dwar in-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni skont dan ir-Regolament.

(16) Sabiex jiġu implimentati r-regoli dwar il-kondiviżjoni tad-*data* inklużi fl-Artikolu 4a tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar id-*data* li għandha tiġi estratta mis-settijiet tad-*data* differenti. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* jenħtieġ li jiġu stabbiliti bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet tal-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu l-fattibbiltà li tiġi estratta d-*data*, is-sistemi elettroniċi l-oħra li diġà hemm fis-seħħ u l-ġestjoni tas-sistema tad-*data* kompjuterizzata tal-FSDN. Sabiex ikun hemm allinjament mal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi skont il-Politika Agrikola Komuni (PAK) kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u fir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), b'mod partikolari fl-Artikolu 67(3) tiegħu, huwa xieraq li jiġu stabbiliti skadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* li se jippermettu li d-*data* tal-FSDN tintrabat mal-applikazzjonijiet għall-għajnuna tal-PAK sottomessi mill-istess azjendi. Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 ([8]) jenħtieġ li jitqiesu wkoll fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-*data* spazjali tal-biċċiet tar-raba'.

(17) Sabiex jiġu implimentati r-regoli dwar il-ħżin, l-ipproċessar, l-użu mill-ġdid u l-kondiviżjoni tad-*data* inklużi fl-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar is-sistema tad-*data* kompjuterizzata għat-trażmissjoni u l-analiżi tad-*data* f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 ([9]).

(18) L-għadd, ir-rilevanza, u d-definizzjoni tal-varjabbli, kif ukoll id-dispożizzjonijiet finanzjarji, inkluża d-definizzjoni ta' prospett tal-biedja komplut kif xieraq, u d-dispożizzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-data jenħtieġ li jkunu soġġetti għal reviżjoni fl-2027, b'kont meħud tal-esperjenza miksuba wara l-kompilazzjoni tad-data għall-ewwel sena ta' rapportar, u abbażi ta' analiżi tal-fattibbiltà li tqis, fost l-oħrajn, il-kontribut mill-Istati Membri, inklużi d-disponibbiltà u l-kwalità ta' sorsi ta' data ġodda u eżistenti, l-implimentazzjoni possibbli ta' metodi ġodda, u l-piż finanzjarju fuq l-Istati Membri u l-azjendi prospettanti.

(19) Ir-regoli l-ġodda introdotti b'dan ir-Regolament jissostitwixxu r-regoli eżistenti stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/220 ([10]). Għalhekk jenħtieġ li dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jitħassar. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li t-trażmissjoni tad-*data*, il-verifika tad-*data* u l-pagamenti għas-snin kontabilistiċi kollha ta' qabel l-2025 ikunu jistgħu jiġu ffinalizzati, jenħtieġ li dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jkompli japplika wara l-1 ta' Jannar 2025.

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

([7]) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2007/2/oj).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 tal-21 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi lista ta' settijiet tad-*data* speċifiċi ta' valur għoli u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u għall-użu mill-ġdid tagħhom (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/138/oj).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/46/oj).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/220 tat-3 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi network għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabbiltà dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 46, 19.2.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/220/oj).

(20) Meta titqies il-ħtieġa li l-Istati Membri jagħmlu tranżizzjoni mill-FADN għall-FSDN, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mis-sena ta' rappurtar 2025.

(21) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jibdew iħejju l-pjan tal-għażla minnufih, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(22) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) u pprovda l-Kummenti Formali tiegħu fit-13 ta' Settembru 2024.

(23) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tan-Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TAQSIMA 1

QASAM TAL-ISTĦARRIĠ U PJAN TAL-GĦAŻLA

Artikolu 1

Il-limitu tad-daqs ekonomiku

Il-limiti tad-daqs ekonomiku, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-għadd ta' azjendi prospettanti

L-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull Stat Membru u għal kull taqsima tan-Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN), imsemmija fl-Artikolu 5a(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, huwa stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Il-pjan tal-għażla

1. Il-mudelli u l-metodi relatati mal-forma u l-kontenut tad-*data* msemmija fl-Artikolu 5a(4) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 huma stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, b'mezzi elettroniċi, dwar il-pjan tal-għażla msemmi fl-Artikolu 5a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 u approvat mill-Kumitat Nazzjonali msemmi fl-Artikolu 6(2) ta' dak ir-Regolament, mhux aktar tard minn xahrejn qabel il-bidu tas-sena ta' rappurtar li għaliha jirreferi dak il-pjan tal-għażla.

([11]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

TAQSIMA 2

TIPOLOĠIJA TAL-UNJONI GĦALL-AZJENDI AGRIKOLI

Artikolu 4

Tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja

Il-metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja, imsemmija fl-Artikolu 5b(3) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, u l-korrispondenza tagħhom mat-tipi ġenerali u prinċipali ta' biedja, imsemmija f'dak l-Artikolu, huma stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Id-daqs ekonomiku tal-azjenda agrikola

Il-metodu għall-kalkolu tad-daqs ekonomiku tal-azjenda, imsemmi fl-Artikolu 5b(4) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, u l-klassijiet tad-daqs ekonomiku, imsemmija fl-Artikolu 5b(1) ta' dak ir-Regolament, huma stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Il-koeffiċjent tal-produzzjoni standard u l-produzzjoni standard totali ta' azjenda

1. Il-metodu ta' kalkolu biex jiġi ddeterminat il-koeffiċjent tal-produzzjoni standard ta' kull karatteristika, imsemmi fl-Artikolu 5b(2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, u l-proċedura għall-ġbir tad-*data* korrispondenti huma stabbiliti fl-Annessi IV u VI ta' dan ir-Regolament.

Il-koeffiċjent tal-produzzjoni standard tal-karatteristiċi differenti ta' azjenda, imsemmi fl-Artikolu 5b(2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, għandu jiġi ddeterminat għall-varjabbli tal-għelejjel u tal-bhejjem elenkati fil-Parti 2.1 tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament u għal kull unità ġeografika msemmija fil-punt 2(b) tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

2. Il-produzzjoni standard totali ta' azjenda għandha tinkiseb bil-multiplikazzjoni tal-koeffiċjent tal-produzzjoni standard ta' kull varjabbli tal-għelejjel u tal-bhejjem mal-għadd ta' unitajiet korrispondenti.

Artikolu 7

Attivitajiet oħra ta' qligħ relatati direttament mal-azjenda

L-attivitajiet l-oħra ta' qligħ relatati direttament mal-azjenda, imsemmija fl-Artikolu 5b(5) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, huma definiti fil-Parti 1 tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament. L-importanza ekonomika tagħhom għall-azjenda għandha tiġi espressa bħala faxxa ta' perċentwali tal-fatturat tal-azjenda.

Il-metodu biex tiġi stmata l-importanza tal-attivitajiet ta' qligħ imsemmija fl-ewwel paragrafu huwa stabbilit fil-Partijiet 2 u 3 tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Il-faxxi ta' perċentwali msemmija fl-ewwel paragrafu huma stabbiliti fil-Parti 3 tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

In-notifikazzjoni tal-produzzjonijiet standard u d-*data* għad-determinazzjoni tagħhom

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni (Eurostat) il-produzzjonijiet standard, id-*data* għad-determinazzjoni tagħhom u l-metadata korrispondenti, kif imsemmi fl-Artikolu 5b(6) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, għal perjodu ta' referenza tas-sena N qabel il-31 ta' Diċembru tas-sena N+3.

2. Għas-sottomissjoni tad-*data* u tal-metadata msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jużaw is-sistemi kompjuterizzati magħmula disponibbli mill-Kummissjoni (Eurostat) għal dak l-għan.

TAQSIMA 3

IL-PROSPETT TAL-AZJENDA AGRIKOLA U L-PREŻENTAZZJONI TAD-*DATA* LILL-KUMMISSJONI

Artikolu 9

Il-bidu u t-tmiem tas-sena ta' rappurtar

Is-sena ta' rappurtar ta' 12-il xahar konsekuttiv, imsemmija fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, għandha tintemm matul il-perjodu mill-31 ta' Diċembru sat-30 ta' Ġunju inklużi.

Artikolu 10

Id-definizzjonijiet tal-varjabbli, il-forma u t-tqassim tal-prospett tal-azjenda agrikola u l-frekwenza tat-trażmissjoni tad-*data*

Id-definizzjonijiet tal-varjabbli marbuta ma' wieħed jew aktar mis-suġġetti stabbiliti fl-Anness -I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, il-forma u t-tqassim tal-preżentazzjoni tad-*data*, u l-frekwenza tat-trażmissjoni tad-*data*, imsemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, huma stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Il-metodi u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni

1. Il-prospetti tal-azjenda agrikola għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni mill-aġenzija ta' kollegament imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 permezz ta' sistema ta' *data* kompjuterizzata, skont l-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009. L-informazzjoni meħtieġa għandha tiġi skambjata elettronikament abbażi ta' mudelli disponibbli għall-aġenzija ta' kollegament permezz ta' dik is-sistema ta' *data* kompjuterizzata.

2. L-Istati Membri għandhom jiġu infurmati dwar il-kundizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tas-sistema kompjuterizzata msemmija fil-paragrafu 1, fil-Kumitat għan-Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli.

3. It-tabelli u l-varjabbli tal-FSDN huma stabbiliti fl-Anness IX. L-Istati Membri għandhom jissottomettu fil-prospetti tal-azjenda agrikola d-*data* msemmija fl-Artikolu 10 mis-snin ta' rappurtar 2025 u 2027 f'konformità mal-iskeda ta' żmien stabbilita fl-Anness IX. Għas-sena ta' rappurtar 2026, il-varjabbli li għandhom jiġu sottomessi għandhom ikunu l-istess bħas-sena ta' rappurtar 2025. Fir-rigward tat-tabelli indikati fl-Anness IX, għandhom jiġu sottomessi varjabbli ġodda tal-FSDN stabbiliti fl-Anness IX għall-ewwel darba għas-sena ta' rappurtar 2025 jew 2027. Wara dawn is-snin ta' rappurtar, dan għandu jkompli jiġi sottomess kull sena.

Madankollu, id-*data* li għandha tiġi sottomessa għas-sena ta' rappurtar 2027 tista' tiġi sottomessa wkoll f'sena aktar bikrija.

4. Il-prospetti tal-azjenda għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni sal-15 ta' Diċembru, wara t-tmiem tas-sena ta' rappurtar inkwistjoni.

Madankollu, il-Ġermanja tista' tibgħat il-prospetti tal-azjenda lill-Kummissjoni fi żmien 15-il ġimgħa wara l-iskadenza msemmija fl-ewwel subparagrafu.

5. Il-prospetti tal-azjenda għandhom jitqiesu li twasslu lill-Kummissjoni ladarba d-*data* msemmija fl-Artikolu 10 tkun ġiet introdotta fis-sistema ta' *data* kompjuterizzata msemmija fil-paragrafu 1, il-kontrolli sussegwenti bbażati fuq il-kompjuter ikunu twettqu u l-aġenzija ta' kollegament tkun ikkonfermat li d-*data* hija lesta biex tittella' f'dik is-sistema ta' *data* kompjuterizzata.

Artikolu 12

Estensjonijiet tal-iskadenzi u eżenzjonijiet għal varjabbli speċifiċi

1. Għas-sena ta' rappurtar 2025, l-eżenzjonijiet mis-sottomissjoni tad-*data* relatata ma' varjabbli speċifiċi msemmija fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament mogħtija lil ċerti Stati Membri, kif imsemmi fl-Artikolu 8(4), il-punt (d) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, huma stabbiliti fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

2. Għas-snin ta' rappurtar 2026 u 2027, il-Kummissjoni tista' testendi l-iskadenza għas-sottomissjoni tad-*data* dwar varjabbli speċifiċi msemmija fl-Artikolu 11(4), l-ewwel subparagrafu, jekk l-Istat Membru jagħmel talba ġustifikata. Din it-talba għandha tintbagħat lill-Kummissjoni mill-Istat Membru kkonċernat sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju tas-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar inkwistjoni.

3. Għas-snin ta' rappurtar 2026 u 2027, il-Kummissjoni tista' teżenta lill-Istati Membri milli jissottomettu *data* dwar varjabbli speċifiċi msemmija fl-Anness VIII għal sena ta' rappurtar partikolari jekk l-Istat Membru jagħmel talba ġustifikata. Din it-talba għandha tintbagħat lill-Kummissjoni mill-Istat Membru kkonċernat mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju tas-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar.

TAQSIMA 4

AMMONT PAGABBLI LILL-ISTATI MEMBRI

Artikolu 13

Prospetti tal-azjenda mimlija kif xieraq

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 19(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, prospett tal-azjenda jimtela kif xieraq meta l-kontenut tiegħu jkun fattwalment preċiż, affidabbli u verifikabbli, u d-*data* li tinsab fih tiġi rreġistrata u ppreżentata f'konformità mal-forma u t-tqassim stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, sabiex titqies mimlija kif xieraq, id-*data* dwar il-prospetti tal-azjenda matul il-perjodu għas-snin ta' rappurtar 2025, 2026 u 2027 għandu jkun fiha d-*data* tat-tabelli stabbiliti fl-Anness VIII, filwaqt li jitqiesu l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Anness IX.

Artikolu 14

Għadd ta' prospetti tal-azjenda eliġibbli għall-pagament

1. L-għadd totali ta' prospetti tal-azjenda mimlija u sottomessi kif xieraq għal kull Stat Membru, imsemmi fl-Artikolu 5a(2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, li huma eliġibbli għall-pagament tal-ammont pagabbli lil kull Stat Membru ma għandux jaqbeż l-għadd totali ta' azjendi prospettanti stabbilit għal dak l-Istat Membru fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. Meta l-Istati Membri jkollhom aktar minn taqsima waħda tal-FSDN, l-għadd ta' prospetti tal-azjenda mimlija u sottomessi kif xieraq għal kull taqsima tal-FSDN li huma eliġibbli għall-pagament jista' jkun sa 20 % ogħla mill-għadd stabbilit għat-taqsima tal-FSDN ikkonċernata fl-Anness II, dment li l-għadd totali ta' prospetti tal-azjenda mimlija u sottomessi kif xieraq tal-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ogħla min-numru totali stabbilit għal dak l-Istat Membru fl-Anness II.

Madankollu, il-prospetti tal-azjenda minn taqsima tal-FSDN b'għadd ogħla ta' prospetti tal-azjenda sottomessi minn dak stabbilit għal dik it-taqsima tal-FSDN fl-Anness II ma għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli għall-pagament f'taqsima tal-FSDN li għaliha l-Istat Membru jissottometti inqas minn 80 % tal-għadd meħtieġ ta' azjendi prospettanti.

Artikolu 15

Pagament tal-ammont

1. L-ammont pagabbli lil kull Stat Membru, imsemmi fl-Artikolu 19(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, għandu jitħallas f'żewġ pagamenti parzjali:

(a) pagament ta' prefinanzjament li jikkorrispondi għal 50 % tal-ammont totali stabbilit abbażi tal-Artikoli 16 u 17 ta' dan ir-Regolament li għandu jsir fil-bidu ta' kull sena ta' rappurtar;

(b) il-pagament tal-bilanċ għandu jitħallas wara li l-prospetti tal-azjenda kkonsenjati jkunu ġew ivverifikati u meqjusa mill-Kummissjoni bħala mimlija kif xieraq.

2. L-ammont imħallas lil kull Stat Membru għandu jikkontribwixxi għal kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin: it-tlestija xierqa tal-prospetti tal-azjenda, it-titjib fil-ħinijiet tat-twassil tad-*data*, il-proċessi, is-sistemi, il-proċeduri u l-kwalità kumplessiva tal-prospetti tal-azjendi agrikoli.

3. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tirkupra kwalunkwe ammont imħallas bi żball.

Artikolu 16

Ammont pagabbli lill-Istati Membri

1. L-ammont pagabbli lil kull Stat Membru, imsemmi fl-Artikolu 19(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, għandu jiġi stabbilit għal EUR 636 għal kull prospett tal-azjenda.

2. Jekk il-limiti ta' 80 % imsemmija fl-Artikolu 19(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 la jintlaħqu fil-livell ta' taqsima tal-FSDN, u lanqas fil-livell tal-Istat Membru kkonċernat, it-tnaqqis imsemmi f'dik id-dispożizzjoni għandu jiġi applikat biss fil-livell tal-Istat Membru.

Artikolu 17

Ammont pagabbli lill-Istati Membri għas-snin ta' rappurtar 2025, 2026 u 2027

1. B'deroga mill-Artikolu 16(1) ta' dan ir-Regolament, għas-snin ta' rappurtar 2025, 2026 u 2027, l-ammont pagabbli lil kull Stat Membru msemmi fl-Artikolu 19(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 huwa l-ammonti massimi stabbiliti fl-Anness X ta' dan ir-Regolament. Dan l-ammont jikkonsisti minn:

(a) ammont stabbilit abbażi tal-ħtieġa għall-preżentazzjoni tad-*data* stabbilita fit-tabelli A sa M fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament ("data tal-FADN") bl-eċċezzjoni tal-varjabbli elenkati fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament;

(b) ammont stabbilit abbażi tal-ħtieġa għal titjib fil-ħinijiet tat-twassil tad-*data*, il-proċessi, is-sistemi, il-proċeduri u l-kwalità kumplessiva tal-prospetti tal-azjendi agrikoli;

(c) ammont stabbilit abbażi tal-ħtieġa għall-preżentazzjoni tad-*data* kollha tal-FSDN, bl-eċċezzjoni tad-*data* tal-FADN, f'konformità mal-eżenzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

2. Jekk, għal Stat Membru, l-għadd totali ta' prospetti tal-azjenda mimlija kif xieraq ippreżentati sal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 11 ikun inqas mill-għadd massimu ta' azjendi prospettanti stabbilit għal dak l-Istat Membru fl-Anness II, l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (c), għandhom jitnaqqsu b'mod proporzjonali.

Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 19(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, meta l-għadd totali ta' prospetti tal-azjenda mimlija u ppreżentati kif xieraq fir-rigward ta' taqsima tal-FSDN jew ta' Stat Membru jkun inqas minn 80 % fuq l-azjendi prospettanti stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi applikat tnaqqis għall-ammonti msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (c), ta' dan l-Artikolu.

3. Għad-*data* tal-FSDN, bl-eċċezzjoni tad-*data* eżistenti tal-FADN, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c), jekk Stat Membru jagħti, bħala parti minn prospett tal-azjenda, tabella fejn id-*data* tkun nieqsa, tali prospett tal-azjenda għandu, b'deroga mill-Artikolu 13(2), jitqies bħala mimli kif xieraq. Madankollu, l-ammont previst fil-paragrafu 1, il-punt (c), għandu jitnaqqas b'EUR 21 għal kull tabella mhux kompluta, filwaqt li jitqiesu l-eżenzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX.

4. Għad-*data* tal-FADN imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, jekk Stat Membru jagħti, bħala parti minn prospett tal-azjenda, tabella fejn *data* tkun nieqsa, l-ammont pagabbli għall-prospett tal-azjenda li jkun fih it-tabella mhux kompluta ma jiġix allokat.

5. Jekk Stat Membru jagħti, għas-snin ta' rappurtar 2025 jew 2026, bħala parti minn prospett tal-azjenda, tabella b'*data* li hija meħtieġa biss għas-sena ta' rappurtar 2027 f'konformità mal-Anness IX, għandu jitħallas ammont addizzjonali ta' EUR 21 lill-Istat Membru għal kull tabella mibgħuta bil-quddiem.

L-ammonti annwali massimi għall-konsenji bil-quddiem ta' *data* dovuta skont l-Anness IX għas-sena ta' rappurtar 2027 huma stabbiliti fl-Anness X taħt l-intestatura "Riżerva għall-konsenji bil-quddiem". Jekk l-ammont totali li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jkun akbar mill-ammont massimu tar-riżerva għall-konsenji bil-quddiem stabbilita fl-Anness X, l-ammont għal kull tabella għandu jitnaqqas proporzjonalment biex jiġi żgurat li l-ammont totali ma jaqbiżx l-ammont annwali massimu stabbilit fl-Anness IX.

TAQSIMA 5

PREŻENTAZZJONI LILL-KUMMISSJONI TAD-*DATA* MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4a(1), IL-PUNT (a) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 18

Id-*data* li għandha tiġi estratta mis-sett tad-*data*

Id-*data* li trid tiġi estratta mis-sett tad-*data* msemmi fl-Artikolu 4a(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 hija stabbilita fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 19

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni

1. Id-*data* għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni mill-aġenzija ta' kollegament imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 permezz ta' sistema tad-*data* kompjuterizzata, kif stabbilit fl-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009. Il-forma u t-tqassim tad-*data* huma stabbiliti fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-aġenziji ta' kollegament dwar il-kundizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tas-sistema kompjuterizzata msemmija fil-paragrafu 1, fil-Kumitat għan-Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli.

3. Id-*data* fir-rigward tas-sena ta' rappurtar N għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni sal-15 ta' Diċembru tas-sena N +2.

4. L-ewwel sena tat-trażmissjoni tad-*data* għandha tkun l-2027 fir-rigward tas-sena ta' rappurtar 2025. Madankollu, l-aġenziji ta' kollegament jistgħu jittrażmettu *data* fir-rigward ta' snin ta' rappurtar preċedenti. Il-Kummissjoni tista' teżenta lill-aġenziji ta' kollegament milli jissottomettu *data* għal sena ta' rappurtar partikolari fuq talba ġustifikata sottomessa lill-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru tas-sena ta' rappurtar N+1.

5. Id-*data* titqies li tkun twasslet lill-Kummissjoni ladarba jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet:

(a) id-*data* msemmija fl-Artikolu 18 tkun ġiet introdotta fis-sistema tad-*data* kompjuterizzata msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) il-kontrolli sussegwenti bbażati fuq il-kompjuter ikunu ġew eżegwiti; u

(c) l-aġenzija ta' kollegament ikkonfermat li d-*data* hija lesta biex tittella' f'dik is-sistema tad-*data* kompjuterizzata.

6. L-aġenziji ta' kollegament għandhom jipprovdu d-*data* li tinsab fis-sett tad-*data* msemmi fl-Artikolu 4a(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009. L-aġenziji ta' kollegament mhumiex meħtieġa jiżguraw konsistenza sħiħa ta' dak is-sett ta' *data* mad-*data* tal-FSDN sottomessa lill-Kummissjoni.

TAQSIMA 6

PREŻENTAZZJONI LILL-KUMMISSJONI TAD-*DATA* MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4a(1), IL-PUNT (b) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 20

Id-*data* li għandha tiġi estratta mis-sett tad-*data*

Id-*data* li trid tiġi estratta mis-sett tad-*data* msemmi fl-Artikolu 4a(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 hija stabbilita fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 21

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni

1. L-aġenzija ta' kollegament imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandha tissottometti d-*data* lill-Kummissjoni permezz ta' sistema tad-*data* kompjuterizzata, kif imsemmi fl-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009. Il-forma u t-tqassim tad-*data* huma stabbiliti fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-aġenzija ta' kollegament dwar il-kundizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tas-sistema kompjuterizzata msemmija fil-paragrafu 1, fil-Kumitat għan-Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli.

3. Id-*data* fir-rigward tas-sena ta' rappurtar N għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni sal-15 ta' Diċembru tas-sena N +1.

4. L-ewwel sena tat-trażmissjoni tad-*data* għandha tkun l-2028 fir-rigward tas-sena ta' rappurtar 2027.

Madankollu, l-aġenziji ta' kollegament jistgħu jittrażmettu *data* fir-rigward ta' snin ta' rappurtar preċedenti.

Il-Kummissjoni tista' teżenta lill-aġenziji ta' kollegament, mis-sena ta' rappurtar 2027 'il quddiem, milli jissottomettu *data* għal sena ta' rappurtar partikolari fuq talba ġustifikata li għandha tintbagħat sal-31 ta' Ottubru tas-sena ta' rappurtar N.

5. Id-*data* titqies li tkun twasslet lill-Kummissjoni ladarba jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet:

(a) id-*data* msemmija fl-Artikolu 20 tkun ġiet introdotta fis-sistema tad-*data* kompjuterizzata msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) il-kontrolli sussegwenti bbażati fuq il-kompjuter ikunu ġew eżegwiti; u

(c) l-aġenzija ta' kollegament ikkonfermat li d-*data* hija lesta biex tittella' f'dik is-sistema tad-*data* kompjuterizzata.

6. L-aġenziji ta' kollegament għandhom jipprovdu d-*data* li tinsab fis-sett tad-*data* msemmi fl-Artikolu 4a(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009. L-aġenziji ta' kollegament mhumiex meħtieġa jiżguraw konsistenza sħiħa ta' dak is-sett ta' *data* mad-*data* tal-FSDN sottomessa lill-Kummissjoni.

TAQSIMA 7

REGOLI DETTALJATI DWAR IL-ĦŻIN, L-IPPROĊESSAR, L-UŻU MILL-ĠDID U L-KONDIVIŻJONI TAD-*DATA* MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8a(2) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 22

Sistema tad-*data* kompjuterizzata

Is-sistema tad-*data* kompjuterizzata, imsemmija fl-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, stabbilita mill-Kummissjoni, għandha tiżgura l-iskambju sigur ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Is-sistema tad-*data* kompjuterizzata msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiżgura politika ta' sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni applikabbli għall-persunal li juża s-sistema f'konformità mar-regoli rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46.

Id-*data* individwali miksuba matul l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandha tintuża skont l-Artikoli 16, 16a u 16b ta' dak ir-Regolament.

TAQSIMA 8

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

Artikolu 23

Klawżola ta' reviżjoni

1. Id-definizzjonijiet tal-varjabbli kif stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament, ir-regoli finanzjarji stabbiliti fit-Taqsima 4 ta' dan ir-Regolament, u d-dispożizzjonijiet dwar il-preżentazzjoni tad-*data* stabbiliti fit-Taqsima 5 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu riveduti mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2027, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19b tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009.

2. Ir-reviżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun preċeduta mill-analiżi tal-Kummissjoni tal-fattibbiltà tal-emendi proposti għal dan ir-Regolament abbażi, fost l-oħrajn, tal-kontribut mill-Istati Membri.

Artikolu 24

Tħassir

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/220 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2025.

Madankollu, dak ir-Regolament għandu jkompli japplika fir-rigward tas-snin kontabilistiċi ta' qabel l-2025.

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-sena ta' rappurtar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Limitu tad-daqs ekonomiku għall-qasam tal-istħarriġ imsemmi fl-Artikolu 1

Stat Membru/Diviżjoni FSDN	Soll (f'EUR)
Il-Belġju	25 000
Il-Bulgarija	4 000
Iċ-Ċekja	15 000
Id-Danimarka	25 000
Il-Ġermanja	25 000
L-Estonja	8 000
L-Irlanda	8 000
Il-Greċja	8 000
Spanja	8 000
Franza (bl-eċċezzjoni ta' La Réunion u Antilles françaises)	25 000
Franza (La Réunion u Antilles françaises biss)	15 000
Il-Kroazja	4 000
L-Italja	8 000
Ċipru	4 000
Il-Latvja	4 000
Il-Litwanja	4 000
Il-Lussemburgu	25 000
L-Ungerija	8 000
Malta	4 000
In-Netherlands	25 000
L-Awstrija	15 000
Il-Polonja	8 000
Il-Portugall	4 000
Ir-Rumanija	4 000
Is-Slovenja	4 000
Is-Slovakkja	25 000
Il-Finlandja	15 000
L-Iżvezja	15 000

ANNESS II

Għadd ta' azjendi prospettanti msemmija fl-Artikolu 2

Numru ta' referenza	Isem tad-diviżjoni FSDN	Għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena ta' rappurtar
IL-BELĠJU		
341	Il-Provinċja ta' Flanders	650
342	Brussell	—
343	Wallonia	450
Total tal-Belġju		1 100
IL-BULGARIJA		
831	Северозападен (Il-Majjistral)	393
832	Северен централен (It-Tramuntana Ċentrali)	377
833	Североизточен (Il-Grigal)	347
834	Югозападен (Il-Lbiċ)	222
835	Южен централен (In-Nofsinhar Ċentrali)	482
836	Югоизточен (Ix-Xlokk)	381
Total għall-Bulgarija		2 202
745	**IĊ-ĊEKJA**	1 282
370	**ID-DANIMARKA**	1 450
IL-ĠERMANJA		
015	Schleswig-Holstein/Hamburg	294
030	Is-Sassonja t'Isfel	660
040	Bremen	—
050	Nordrhein-Westfalen	689
060	Hessen	317
070	Rheinland-Pfalz	543
080	Baden-Württemberg	438
090	Il-Bavarja	1 164
100	Saarland	64
110	Berlin	—
112	Brandenburg	184
113	Mecklenburg-Vorpommern	106
114	Is-Sassonja	212
115	Is-Sassonja-Anhalt	225
116	Thüringen	215
Total tal-Ġermanja		5 111
755	**L-ESTONJA**	580
380	**L-IRLANDA**	900

Numru ta' referenza	Isem tad-diviżjoni FSDN	Għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena ta' rappurtar
IL-GREĊJA		
450	Μακεδονία — Θράκη (il-Maċedonja-it-Traċja)	1 050
460	Ήπειρος — Πελοπόννησος — Νήσοι Ιονίου (Epiru, il-Peloponnese, il-Gżejjer Jonji)	920
470	Θεσσαλία (It-Tessalija)	370
480	Στερεά Ελλάς — Νήσοι Αιγαίου — Κρήτη (Sterea Ellas, il-Gżejjer Eġej, Kreta)	626
	Total tal-Greċja	2 966
SPANJA		
500	Il-Galicia	450
505	Il-Prinċipat tal-Asturji	190
510	Il-Cantabria	150
515	Il-Pajjiż Bask	352
520	Navarra	316
525	La Rioja	244
530	Aragona	676
535	Il-Katalonja	664
540	Il-Ġżejjer Baleariċi	180
545	Kastilja u León	950
550	Madrid	190
555	Kastilja-La Mancha	900
560	Il-Komunità ta' Valenzja	638
565	Murcia	348
570	Extremadura	718
575	L-Andalusija	1 504
580	Il-Gżejjer Kanarji	230
Total ta' Spanja		8 700
FRANZA		
121	Île-de-France	190
131	Champagne-Ardenne	370
132	Picardie	270
133	In-Normandija ta' Fuq	170
134	Centre	410
135	In-Normandija t'Isfel	240
136	Bourgogne	340
141	Nord-Pas de Calais	280
151	Lorraine	230

Numru ta' referenza	Isem tad-diviżjoni FSDN	Għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena ta' rappurtar
152	Alsace	200
153	Franche-Comté	210
162	Pays de la Loire	460
163	Il-Bretanja	480
164	Poitou-Charentes	360
182	Aquitaine	550
183	Midi-Pyrénées	480
184	Limousin	220
192	Rhône-Alpes	480
193	Auvergne	360
201	Languedoc-Roussillon	430
203	Provence-Alpes-Côte d'Azur	420
204	Korsika	170
207	Réunion	160
208	Antilles françaises	120
Total ta' Franza		7 600
IL-KROAZJA		
861	Il-Kroazja Adrijatika	329
862	Kontinentalna Hrvatska	922
Total tal-Kroazja		1 251
L-ITALJA		
221	Il-Valle d'Aosta	233
222	Il-Piemonte	481
230	Il-Lombardia	588
241	Trentino	434
242	Alto Adige	418
243	Il-Veneto	559
244	Il-Friuli-Venezia Giulia	374
250	Il-Liguria	392
260	L-Emilia-Romagna	503
270	It-Toskana	436
281	Il-Marche	388
282	L-Umbria	426
291	Il-Lazio	600
292	L-Abruzzo	490
301	Il-Molise	355

Numru ta' referenza	Isem tad-diviżjoni FSDN	Għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena ta' rappurtar
302	Il-Campania	533
303	Il-Calabria	460
311	Il-Puglia	456
312	Il-Basilicata	372
320	Sqallija	445
330	Sardenja	475
Total tal-Italja		9 418
740	**ĊIPRU**	500
770	**IL-LATVJA**	1 000
775	**IL-LITWANJA**	1 000
350	**IL-LUSSEMBURGU**	450
L-UNGERIJA		
764	L-Ungerija tat-Tramuntana	170
767	Il-Pjanura l-Kbira	1 180
768	It-Transdanubju	550
	Total tal-Ungerija	1 900
780	**MALTA**	536
360	**IN-NETHERLANDS**	1 500
660	**L-AWSTRIJA**	1 800
IL-POLONJA		
785	Pomorze i Mazury	1 340
790	Wielkopolska i Śląsk	2 960
795	Mazowsze i Podlasie	3 600
800	Małopolska i Pogórze	1 100
Total tal-Polonja		9 000
IL-PORTUGALL		
615	It-Tramuntana u ċ-Ċentru	1 233
630	Ribatejo-Oeste	351
640	Alentejo u Algarve	399
650	Azores u Madeira	317
Total tal-Portugall		2 300
IR-RUMANIJA		
840	Il-Grigal	724
841	Ix-Xlokk	913
842	Muntenia tan-Nofsinhar	857
843	Oltenia tal-Lbiċ	519

Numru ta' referenza	Isem tad-diviżjoni FSDN	Għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena ta' rappurtar
844	Il-Punent	598
845	Il-Majjistral	701
846	Iċ-Ċentru	709
847	Bucharest-Ilfov	79
	Total tar-Rumanija	5 100
820	**IS-SLOVENJA**	908
810	**IS-SLOVAKKJA**	562
IL-FINLANDJA		
670	Il-Finlandja tan-Nofsinhar	324
675	Pohjanmaa, Sisä-Suomi u Pohjois-Suomi	326
Total tal-Finlandja		650
L-IŻVEZJA		
710	Slättbyggdslän	637
720	Skogs- och mellanbygdslän	258
730	Län i norra Sverige	130
Total tal-Iżvezja		1 025

ANNESS III

Mudelli u metodi għat-tħejjija tal-pjan tal-għażla msemmi fl-Artikolu 3(1)

Ir-Regolament (KE) Nru 1217/2009 jirrikjedi li kull Stat Membru jfassal pjan għall-għażla tal-azjendi prospettanti li jiżgura kampjun rappreżentattiv tal-qasam tal-istħarriġ. Sabiex tiġi żgurata r-rappreżentattività tad-*data* tal-FSDN għall-qasam tal-istħarriġ tagħha fuq livell tad-diviżjonijiet, fil-pjan tal-għażla ma għandu jiġi applikat l-ebda raggruppament ta' diviżjonijiet tal-FSDN.

Bl-istess mod, it-tipi u d-daqsijiet rilevanti kollha tal-biedja rrappreżentati fiċ-ċensiment jew l-istħarriġ tal-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli (IFS) iridu jiġu koperti fil-livell ta' dettall li jipprovdi riżultati rappreżentattivi dwar gruppi importanti ta' azjendi agrikoli, fil-limiti tad-daqs tal-kampjun. Minħabba s-soluzzjonijiet organizzattivi u tekniċi disponibbli bħalissa fil-livell tal-Kummissjoni biex jiġu pprovduti riżultati ponderati għall-qasam tal-istħarriġ tal-FSDN, kampjun tal-FSDN mogħti mill-Istati Membri lill-Kummissjoni ma għandux jirrappreżenta inqas milli suppost jew jirrappreżenta żżejjed il-karatteristiċi ewlenin tal-azjendi agrikoli fil-qasam tal-istħarriġ b'mod sinifikanti. Dan jinkludi wkoll metodi tal-biedja bħall-biedja organika u l-karatteristiċi tal-azjendi agrikoli bħal parti mill-attività ddedikata għat-trobbija tan-naħal. F'każijiet ta' għażla mhux aleatorja ta' kampjun tal-azjendi agrikoli (azjendi prospettanti) għall-FSDN, il-proċedura tal-għażla għandha l-għan li tevita l-preġudizzju u tipprovdi kampjuni xierqa għall-fini tal-FSDN, b'mod partikolari, għal valutazzjoni xierqa tal-introjtu tal-azjendi agrikoli mistħarrġa. Raggruppamenti separati għandhom jirreferu b'mod ċar għat-tipi ġenerali u prinċipali ta' biedja u/jew tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja biex jidentifikawhom b'mod univokali abbażi tal-klassifikazzjoni, b'attenzjoni partikolari għat-tipi ta' biedja ta' importanza partikolari fl-Istat Membru.

Id-*data* msemmija fl-Artikolu 5a(4) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni fil-format li ġej:

1. SKEDA INFORMATTIVA

1.	Informazzjoni ġenerali
1.1.	Sena ta' rappurtar
1.2.	Stat Membru
1.3.	Isem l-aġenzija ta' kollegament
1.4.	L-aġenzija ta' kollegament tagħmel parti mill-amministrazzjoni pubblika (iva/le)?
2.	Il-bażi tal-pjan tal-għażla
2.1.	Is-sors tal-popolazzjoni totali ta' azjendi
2.2.	Is-sena li ntużat għall-popolazzjoni ta' azjendi
2.3.	Sena tal-koeffiċjenti tal-produzzjoni standard
3.	Proċeduri għall-istratifikazzjoni tal-qasam tal-istħarriġ
3.1.	Raggruppament skont it-tip ta' azjenda
3.2.	Raggruppament skont id-daqs ta' azjenda
3.3.	Kriterju nazzjonali addizzjonali li ntuża għall-istratifikazzjoni tal-qasam tal-istħarriġ
3.3.1.	Spjega fid-dettall il-kriterju nazzjonali użat jekk applikabbli:
3.3.2.	Il-kriterju nazzjonali addizzjonali ntuża fl-għażla nazzjonali tal-kampjun?
3.3.3.	Il-kriterju nazzjonali addizzjonali ntuża fil-ponderazzjoni nazzjonali tal-kampjun?
3.3.4.	Jekk il-kriterju nazzjonali ntuża għall-għażla tal-Unjoni, jekk jogħġbok spjega l-għażla tiegħek u spjega fid-dettall l-implikazzjonijiet għar-rappreżentattività tal-qasam tal-istħarriġ tal-FSDN tal-Unjoni.

4.	Il-metodi biex ġiet iddeterminata r-rata tal-għażla u d-daqs tal-kampjun li ntgħażel għal kull saff
	— *Allokazzjoni proporzjonali* — *Allokazzjoni ottimu* — *Allokazzjonijiet proporzjonali u ottimi flimkien* — *Metodu ieħor*
5.	Il-proċeduri għall-għażla tal-azjendi prospettanti
	— *Għażla aleatorja* — *Għażla mhux aleatorja* — *Għażliet aleatorji u mhux aleatorji flimkien* — *Metodu ieħor*
6.	Huwa mistenni aġġornament ta' dan il-pjan tal-għażla? Għal liema raġuni?
7.	Informazzjoni addizzjonali li ma ddaħħlitx fil-punti ta' qabel
P2.		Ortikultura = SO_CLND044 (Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli - Ortikultura kummerċjali)) + SO_CLND081 (Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli) + SO_CLND046 (Fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-mixtliet) + SO_CLND082 (Fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-mixtliet) taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli) + SO_CLND079 (Faqqiegħ ikkultivat) + SO_CLND070 (Mixtliet)
P3.		Għelejjel permanenti = SO_CLND055 (Frott, frott artab u ġwież (għajr il-frott taċ-ċitru, l-għeneb u l-frawli)) + SO_CLND061 (Frott taċ-ċitru) + SO_CLND069 (Żebbuġ) + SO_CLND062 (Għeneb) + SO_CLND071 (Għelejjel permanenti oħra) + SO_CLND084 (Għelejjel permanenti taħt il-ħġieġ)
P4.		Bhejjem li jirgħu u foraġġ = GL (Bhejjem li jirgħu) + FCP4 (Foraġġ għall-bhejjem li jirgħu)
P5.		Granivori = P51 (Ħnieżer) + P52 (Pollam) + SO_CLVS029 (Fenkiet tat-tgħammir)

3. TIPI TA' BIEDJA KIF IMSEMMIJA FIL-PARTI 1

Azjendi speċjalisti — għelejjel

Tip ta' biedja ġenerali	Tip ta' biedja prinċipali	Tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja
1. Għelejjel tal-għelieqi speċjalisti	15. Għelejjel speċjalisti taċ-ċereali, taż-żerriegħa żejtnija u tal-proteini	151. Għelejjel speċjalisti taċ-ċereali (għajr ir-ross), taż-żrieragħ żejtnin u tal-proteini 152. Ross speċjalist 153. Ċereali, żrieragħ żejtnin, għelejjel tal-proteini u ross ikkombinati
	16. Tkabbir ġenerali ta' għelejjel tal-għelieqi	161. Għelejjel tal-għeruq speċjalisti 162. Ċereali, żrieragħ żejtnin, għelejjel tal-proteini u għelejjel tal-għeruq ikkombinati 163. Ħxejjex tal-għelieqi speċjalisti 164. Tabakk speċjalist 165. Qoton speċjalist 166. Għelejjel tal-għelieqi varji kkombinati

Tip ta' biedja ġenerali	Tip ta' biedja prinċipali	Tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja
2. Ortikultura speċjalista	21. Ortikultura speċjalista ta' ġewwa	211. Ħxejjex speċjalisti ta' ġewwa
		212. Fjuri u pjanti ornamentali speċjalisti ta' ġewwa
		213. Ortikultura speċjalista mħallta ta' ġewwa
	22. Ortikultura speċjalista ta' barra	221. Ħxejjex speċjalisti ta' barra
		222. Fjuri u pjanti ornamentali speċjalisti ta' barra
		223. Ortikultura mħallta speċjalista ta' barra
	23. Ortikultura oħra	231. Faqqiegħ speċjalist
		232. Mixtliet speċjalisti
		233. Ortikultura varja
3. Għelejjel permanenti speċjalisti	35. Vinji speċjalisti	351. Inbid ta' kwalità speċjalist
		352. Inbid speċjalist għajr l-inbid ta' kwalità
		353. Għeneb tal-mejda speċjalist
		354. Vinji oħra
	36. Frott u frott taċ-ċitru speċjalisti	361. Frott speċjalist (għajr iċ-ċitru, il-frott tropikali u subtropikali u l-ġwież)
		362. Frott taċ-ċitru speċjalist
		363. Ġwież speċjalist
		364. Frott tropikali u subtropikali speċjalist
		365. Frott speċjalist, ċitru, frott tropikali u subtropikali u ġwież: produzzjoni mħallta
	37. Żebbuġ speċjalist	370. Żebbuġ speċjalist
	38. Għelejjel permanenti varji kkombinati	380. Għelejjel permanenti varji kkombinati

Azjendi speċjalisti — produzzjoni tal-annimali

Tip ta' biedja ġenerali	Tip ta' biedja prinċipali	Tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja
4. Bhejjem li jirgħu speċjalisti	45. Bhejjem tal-ħalib speċjalisti	450. Bhejjem tal-ħalib speċjalisti
	46. Bhejjem bovini speċjalisti — trobbija u tismin	460. Bhejjem bovini speċjalisti — trobbija u tismin
	47. Bhejjem bovini — tal-ħalib, tat-trobbija u tat-tismin ikkombinati	470. Bhejjem bovini — tal-ħalib, tat-trobbija u tat-tismin ikkombinati
	48. Nagħaġ, mogħoż u bhejjem oħra li jirgħu	481. Nagħaġ speċjalisti 482. Nagħaġ u bhejjem bovini flimkien 483. Mogħoż speċjalisti 484. Bhejjem varji li jirgħu
5. Granivori speċjalisti	51. Ħnieżer speċjalisti	511. Trobbija tal-ħnieżer speċjalisti 512. Tismin tal-ħnieżer speċjalisti 513. Trobbija u tismin tal-ħnieżer ikkombinati
	52. Pollam speċjalist	521. Tiġieġ tal-bajd speċjalisti 522. Laħam tal-pollam speċjalist 523. Tiġieġ tal-bajd u laħam tal-pollam ikkombinati
	53. Granivori varji kkombinati	530. Granivori varji kkombinati

Azjendi mħallta

Tip ta' biedja ġenerali	Tip ta' biedja prinċipali	Tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja
6. Tkabbir tal-għelejjel imħallta	61. Tkabbir tal-għelejjel imħallta	611. Ortikultura u għelejjel permanenti kkombinati 612. Għelejjel tal-għelieqi u ortikultura kkombinati 613. Għelejjel tal-għelieqi u vinji kkombinati

Tip ta' biedja ġenerali	Tip ta' biedja prinċipali	Tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja
		614. Għelejjel tal-għelieqi u għelejjel permanenti kkombinati
		615. Tkabbir tal-għelejjel imħallta, l-aktar għelejjel tal-għelieqi
		616. Tkabbir ta' għelejjel imħallta oħrajn
7. Bhejjem imħallta	73. Bhejjem imħallta, l-aktar bhejjem li jirgħu	731. Bhejjem imħallta, l-aktar tal-ħalib
		732. Bhejjem imħallta, l-aktar bhejjem mhux tal-ħalib li jirgħu
	74. Bhejjem imħallta, l-aktar granivori	741. Bhejjem imħallta: granivori u tal-ħalib
		742. Bhejjem imħallta: granivori, u bhejjem mhux tal-ħalib li jirgħu
8. Għelejjel imħallta — bhejjem	83. Għelejjel tal-għelieqi — bhejjem li jirgħu kkombinati	831. Għelejjel tal-għelieqi kkombinati mal-bhejjem tal-ħalib
		832. Bhejjem tal-ħalib ikkombinati mal-għelejjel tal-għelieqi
		833. Għelejjel tal-għelieqi kkombinati mal-bhejjem mhux tal-ħalib li jirgħu
		834. Bhejjem li jirgħu mhux tal-ħalib ikkombinati mal-għelejjel tal-għelieqi
	84. Għelejjel varji u bhejjem ikkombinati	841. Għelejjel u granivori kkombinati
		842. Għelejjel permanenti u bhejjem li jirgħu kkombinati
		843. Trobbija tan-naħal
		844. Għelejjel imħallta u bhejjem varji
9. Azjendi mhux ikklassifikati	99. Azjendi mhux ikklassifikati	999. Azjendi mhux ikklassifikati

ANNESS V

Id-daqs ekonomiku tal-azjendi u l-klassijiet tad-daqs ekonomiku msemmija fl-Artikolu 5

1. DAQS EKONOMIKU TAL-AZJENDA

Id-daqs ekonomiku ta' azjenda jitkejjel mill-produzzjoni standard totali espressa f'EUR.

2. KLASSIJIET TAD-DAQS EKONOMIKU TAL-AZJENDI

L-azjendi huma kklassifikati skont il-klassijiet tad-daqs, li l-limiti tagħhom huma stabbiliti hawn taħt.

Klassijiet	Limiti f'EUR
I	anqas minn 2 000
II	minn 2 000 sa 3 999
III	minn 4 000 sa 7 999
IV	minn 8 000 sa 14 999
V	minn 15 000 sa 24 999
VI	minn 25 000 sa 49 999
VII	minn 50 000 sa 99 999
VIII	minn 100 000 sa 249 999
IX	minn 250 000 sa 499 999
X	minn 500 000 sa 749 999
XI	minn 750 000 sa 999 999
XII	minn 1 000 000 sa 1 499 999
XIII	minn 1 500 000 sa 2 999 999
XIV	3 000 000 u aktar

Il-klassijiet tad-daqs II u III; II u IV; IV u V; III sa V; VI u VII; VIII u IX; X u XI; XII sa XIV; jew X sa XIV jistgħu jinġabru flimkien.

ANNESS VI

Il-koeffiċjenti tal-Produzzjoni Standard (SOCs, Standard Output Coefficients) imsemmija fl-Artikolu 6

1. DEFINIZZJONI U PRINĊIPJI GĦALL-KALKOLU TAL-SOCs

(a) Il-produzzjoni standard (SO, Standard Output), il-koeffiċjent tal-produzzjoni standard (SOC) u l-SO totali ta' azjenda huma ddefiniti kif stipulat fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

(b) Perjodu tal-produzzjoni

L-SOCs jikkorrispondu għal perjodu ta' produzzjoni ta' 12-il xahar.

Għall-prodotti tal-għelejjel u l-prodotti tal-bhejjem li l-perjodu tal-produzzjoni tagħhom ikun inqas jew iżjed minn 12-il xahar, jiġi kkalkulat SOC li jikkorrispondi mat-tkabbir jew mal-produzzjoni f'perjodu ta' 12-il xahar.

(c) *Data* bażika u perjodu ta' referenza

L-SOCs jiġu ddeterminati abbażi tal-produzzjoni għal kull unità u bil-prezz mal-ħruġ mill-azjenda agrikola msemmi fid-definizzjoni ta' SOC fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. Għal dan l-għan, id-*data* bażika tingħabar fl-Istati Membri għal perjodu ta' referenza definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/1417 ([1]).

(d) Unitajiet

(1) Unitajiet fiżiċi:

(a) l-SOCs għall-varjabbli tal-għelejjel jiġu ddeterminati abbażi tal-erja espressa f'ettari.

(b) Għall-faqqiegħ, l-SOCs jiġu ddeterminati abbażi tal-produzzjoni grossa għall-ħasdiet suċċessivi annwali kollha u jiġu espressi għal kull 100 m^2 ta' erja ta' għelejjel. Biex jintużaw fil-kuntest tal-FSDN, tali SOCs għall-faqqiegħ jiġu diviżi bl-għadd ta' ħsad annwali suċċessiv, u tali numru jrid jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

(c) l-SOCs relatati mal-varjabbli tal-bhejjem huma ddeterminati skont kull bhima.

(d) Japplikaw eċċezzjonijiet għall-pollam, li għalihom l-SOCs jiġu stabbiliti f'termini ta' 100 tajra, u għan-naħal, li għalihom jiġu ddeterminati skont il-kaxxa tan-naħal.

(2) Unitajiet monetarji u ttondjar:

Id-data bażika għad-determinazzjoni tal-SOCs u l-SOs kkalkulati huma stabbiliti f'EUR. Għall-Istati Membri li ma jiffurmawx parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja, is-SOCs jinbidlu f'EUR skont ir-rati tal-kambju medji għall-perjodu ta' referenza ddefinit fil-punt 1(c) ta' dan l-Anness. Dawn ir-rati tal-kambju medji jiġu kkalkulati abbażi tar-rati tal-kambju uffiċjali ppubblikati mill-Kummissjoni (Eurostat).

L-SOCs jistgħu jiġu ttondjati sal-eqreb EUR 5 meta jkun xieraq.

2. KATEGORIZZAZZJONI TAL-SOCs

(a) Skont il-varjabbli tal-għelejjel u tal-bhejjem

L-SOCs huma ddeterminati għall-varjabbli tal-għelejjel u tal-bhejjem kollha li jikkorrispondu għall-intestaturi għall-applikazzjoni tal-SOCs elenkati fit-Tabella 2.1. fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1417 tat-13 ta' Marzu 2024 li jissupplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi n-Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli bir-regoli għad-determinazzjoni tal-introjtu annwali, għall-analiżi tas-sostenibbiltà tal-azjenda u għall-aċċess għad-*data* għall-finijiet ta' riċerka, u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1198/2014 (ĠU L, 2024/1417, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1417/oj).

(b) Kategorizzazzjoni ġeografika

— L-SOCs jiġu ddeterminati mill-inqas abbażi ta' unitajiet ġeografiċi li jistgħu jintużaw għall-IFS u għall-FSDN. Dawn l-unitajiet ġeografiċi huma kollha bbażati fuq in-Nomenklatura tal-Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS) ġenerali kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ([2]) Dawn l-unitajiet huma deskritti bħala raggruppament mill-ġdid tar-reġjuni NUTS 3. Iż-żoni b'restrizzjonijiet naturali ma jitqisux bħala unità ġeografika.

— Ma jiġi ddeterminat l-ebda SOC għall-varjabbli li mhumiex rilevanti fir-reġjun ikkonċernat.

3. ĠBIR TAD-*DATA* GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-SOCs

(a) Id-*data* bażika għad-determinazzjoni tal-SOCs tiġġedded mill-inqas kull darba li jsir stħarriġ Ewropew dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli fil-forma ta' ċensiment kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(b) Meta l-IFS ikun jista' jsir bħala stħarriġ fuq kampjun kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2018/1091, l-aġġornament tal-SOCs għandu jsir:

(a) b'tiġdid tad-*data* bażika b'mod simili għal dak speċifikat fil-punt (a),

(b) jew b'użu ta' koeffiċjent tal-bidla li bih jiġu aġġornati l-SOCs biex jitqiesu l-bidliet, kif stmat mill-Istat Membru, fi kwantitajiet magħmula għal kull unità u bi prezzijiet għal kull varjabbli u għal kull reġjun, li okkorrew mill-aħħar perjodu ta' referenza, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/1417.

4. EŻEKUZZJONI

L-Istati Membri huma responsabbli, f'konformità ma' dan l-Anness, għall-ġbir tad-*data* bażika meħtieġa għall-kalkolu tal-SOCs u għall-kalkolu tagħhom, għall-qlib tagħhom f'EUR u għall-ġbir tad-*data* meħtieġa għall-applikazzjoni tal-metodu ta' aġġornament, kif xieraq. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-*data* u l-metadata lill-Kummissjoni bl-użu ta' format tekniku speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat). Id-*data* u l-metadata għandhom ikunu provduti lill-Kummissjoni (Eurostat) permezz ta' servizzi ta' punt ta' dħul uniku. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet dwar il-kalkoli tal-SOC li għandhom jintużaw mill-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-koerenza tal-metodoloġija tal-kalkolu tas-SOC madwar l-Unjoni u biex jiġu proposti aġġustamenti għal dik il-metodoloġija tal-kalkolu.

5. TRATTAMENT TA' KAŻIJIET SPEĊJALI

Ir-regoli speċifiċi li ġejjin huma stabbiliti għall-kalkolu tal-SOCs għal ċerti varjabbli u għall-kalkolu tal-SO totali tal-azjenda:

(a) Art mistrieħa

L-SOC relatat mal-art mistrieħa jitqies biss fil-kalkolu tal-SO totali tal-azjenda meta f'dik l-azjenda jkun hemm SOCs pożittivi oħrajn.

(b) Ġonna kulinari

Normalment il-prodotti tal-ġonna kulinarji jkunu maħsuba għall-konsum tad-detentur tagħhom u mhux għall-bejgħ u għalhekk l-SOCs għall-ġonna kulinarji jitqiesu li huma żero.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: http://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1091/oj).

(c) Bhejjem

Għall-bhejjem, il-varjabbli jitqassmu skont il-kategorija tal-età. Il-produzzjoni tikkorrispondi għall-valur ta' kemm kiber l-annimal tul iż-żmien li dam fil-kategorija jiġifieri tikkorrispondi għad-differenza bejn il-valur tal-annimal meta jħalli l-kategorija u l-valur tiegħu jidħol fil-kategorija (li jissejjaħ ukoll il-valur tat-tibdil).

(d) Bovini iżgħar minn sena

L-SOCs relatati ma' bovini iżgħar minn sena jitqiesu fil-kalkolu tal-SO totali tal-azjenda biss jekk fl-azjenda jkun hemm aktar bovini iżgħar minn sena milli baqar. Fil-kalkolu jitqiesu biss l-SOCs relatati mal-għadd żejjed ta' bovini iżgħar minn sena. Hemm SOC wieħed biss relatat mal-bovini iżgħar minn sena irrispettivament mill-ġeneru tal-annimal.

(e) Nagħaġ u mtaten oħra u mogħoż u bdabad oħra

L-SOCs relatati ma' nagħaġ u mtaten oħra jitqiesu biss fil-kalkolu tal-SO totali tal-azjenda jekk fl-azjenda ma jkun baqa' l-ebda nagħġa tat-tgħammir.

L-SOCs relatati ma' mogħoż u bdabad oħra jitqiesu biss fil-kalkolu tal-SO totali tal-azjenda jekk fl-azjenda ma jkun baqa' l-ebda mogħża tat-tgħammir.

(f) Qżieqeż

L-SOCs relatati mal-qżieqeż jitqiesu biss fil-kalkolu tal-SO totali tal-azjenda jekk f'dik l-azjenda ma jkunx hemm ħnieżer nisa tat-tgħammir.

(g) Foraġġ

Jekk fl-azjenda ma jkunx hemm bhejjem li jirgħu (jiġifieri bovini, nagħaġ jew mogħoż), il-foraġġ (jiġifieri l-għeruq, il-pjanti maħsuda fi stadju bikri, il-mergħat u r-ragħa) jitqies li hu maħsub għall-bejgħ u li hu parti mill-produzzjoni ġenerali tal-għelejjel.

Jekk fl-azjenda jkun hemm bhejjem li jirgħu, il-foraġġ jitqies li hu maħsub biex jitma l-bhejjem li jkunu qed jirgħu u li hu parti mill-produzzjoni tal-bhejjem li jirgħu u tal-foraġġ.

ANNESS VII

Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda msemmija fl-Artikolu 7

1. DEFINIZZJONI TAL-ATTIVITAJIET L-OĦRA BI SKOP TA' QLIGĦ (OGA) DIRETTAMENT RELATATI MAL-AZJENDA

L-attivitajiet bi qligħ li huma direttament relatati mal-istabbiliment għajr l-attivitajiet agrikoli tiegħu jinkludu l-attivitajiet kollha, ħlief għax-xogħol tal-azjenda agrikola, li huma direttament relatati mal-istabbiliment u li għandhom impatt ekonomiku fuqu. Dawn huma attivitajiet fejn jintużaw jew ir-riżorsi tal-azjenda (l-erja, il-bini, il-makkinarju, il-prodotti agrikoli, eċċ.) jew il-prodotti tal-azjenda.

F'dan il-kuntest, attivitajiet bi skop ta' qligħ ifissru xogħol attiv; għaldaqstant, huma esklużi investimenti purament finanzjarji. Il-kiri tal-art jew ta' riżorsi agrikoli oħra tal-azjenda agrikola għal attivitajiet differenti mingħajr aktar involviment f'dawn l-attivitajiet ma jitqiesx bħala OGA iżda bħala parti mill-attività agrikola tal-azjenda.

L-ipproċessar kollu tal-prodotti tal-biedja jitqies bħala OGA sakemm dan ma jitqiesx bħala parti minn attività agrikola. Il-produzzjoni tal-inbid u taż-żejt taż-żebbuġa huma meqjusa bħala attività agrikola jekk il-proporzjon mixtri ta' nbid jew żejt taż-żebbuġa ma jkunx sinifikanti.

Kull ipproċessar ta' prodott agrikolu primarju sabiex minnu jsir prodott sekondarju fl-azjenda, irrispettivament jekk il-materja prima hijiex prodott fl-azjenda jew jekk tinxtarax minn barra, jitqies bħala OGA. Dan jinkludi l-ipproċessar tal-laħam, il-produzzjoni tal-ġobon, eċċ.

2. VALUTAZZJONI TAL-IMPORTANZA TAL-ATTIVITAJIET L-OĦRA BI SKOP TA' QLIGĦ DIRETTAMENT RELATATI MAL-AZJENDA

Il-proporzjon tal-OGA direttament relatati mal-azjenda fil-produzzjoni tal-azjenda huwa stmat bħala s-sehem tal-OGA direttament relatati mal-fatturat tal-azjenda fis-somma tal-fatturat totali tal-azjenda u tal-pagamenti diretti lil dik l-azjenda skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 ([1]):

$$RATIO = \frac{Turnover\ of\ OGA\ directly\ related\ to\ the\ holding}{Total\ holding\ turnover\ (agricultural + OGA\ directly\ realted\ to\ the\ holding) + direct\ payments}$$

3. KLASSIJIET LI JIRRIFLETTU L-IMPORTANZA TAL-OGA DIRETTAMENT RELATATI MAL-AZJENDA

L-azjendi jitpoġġew fi klassifiki li jirriflettu l-proporzjon tal-OGA direttament relatati mal-produzzjoni tal-azjenda. Għandhom japplikaw il-limiti li ġejjin:

Klassijiet	Firxiet perċentwali
I	Minn 0 % sa 10 % (sehem marġinali)
II	Minn aktar minn 10 % sa 50 % (sehem medju)
III	Minn aktar minn 50 % sa anqas minn 100 % (sehem sinifikanti)

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608, http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1307/oj).

ANNESS VIII

Id-definizzjoni tal-varjabbli, il-forma u t-tqassim tal-prospett tal-azjenda agrikola u l-frekwenzi tat-trażmissjoni msemmija fl-Artikolu 10

Id-*data* li għandha tiġi kkumpilata tiġi trażmessa kull sena.

Id-*data* għandha tiġi kkumpilata skont prinċipju bbażat fuq il-kontabbiltà, li jfisser li d-*data* tal-FSDN timtela bl-aktar informazzjoni aġġornata u affidabbli dwar varjabbli speċifiku, derivata l-ewwel minn reġistrazzjoni sistematika u regolari tat-tranżazzjonijiet u l-attivitajiet tal-azjenda agrikola, ibbażata primarjament fuq id-dokumenti sors tagħha (bħal fatturi, noti tal-konsenja/tad-dispaċċ, ħamrija jew analiżi oħra tal-laboratorju).

Kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, l-informazzjoni tista' tinġabar minn sorsi oħra tad-*data* kif ukoll bl-użu ta' metodi ta' kumpilazzjoni tad-*data* jew approċċi innovattivi għall-kondiviżjoni u l-kumpilazzjoni tad-*data*.

F'każ li d-dokumenti sors jew sorsi oħra ta' *data* ma jkunux disponibbli, l-informazzjoni għandha tinkiseb kemm jista' jkun minn kwantifikazzjonijiet oħra disponibbli, li jistgħu jinkludu riżultati tal-immudellar.

Informazzjoni kwalitattiva jew kwantitattiva oħra għandha tiġi kkumpilata abbażi ta' klassifikazzjonijiet standardizzati.

Id-*data* li għandha tiġi kkumpilata hija kklassifikata skont it-tabella u mqassma fi gruppi, kategoriji u kolonni. Il-konvenzjoni użata għar-riferiment għal taqsima ta' *data* speċifika hija:

<kodiċi tat-tabella>.<grupp>.<kodiċi tal-kategorija>(.<kodiċi oħra ta' kategorija speċifika).column

Bil-konverżjoni għall-FSDN, it-tabelli huma indikati b'kodiċi bbażat fuq ir-regoli li ġejjin:

— kodiċijiet tat-tabelli b'ċifra waħda: Tabelli tal-FADN eżistenti qabel is-sena ta' rappurtar 2025.

— Kkodiċijiet tat-tabelli b'żewġ ċifri: tabelli tal-FSDN ġodda introdotti mis-sena ta' rappurtar 2025.

— Kodiċijiet tat-tabelli bi tliet ċifri: tabelli tal-FSDN ġodda introdotti mis-sena ta' rappurtar 2025 relatati mal-istess suġġett.

L-ordni tat-tabelli fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament tirrifletti l-ordni tas-suġġetti indikati fl-Anness -I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009.

Il-valuri speċifiċi tad-*data* jingabru fil-livell tal-kolonni. Fit-tabelli li jidhru hawn taħt, il-kaxxi l-vojta huma dawk fejn jistgħu jiddaħħlu l-valuri tad-*data*; il-kaxxi mmarkati bil-griż u s-simbolu '—' ma għandhomx tifsira fil-kuntest tal-grupp, u b'hekk ma tistax tiddaħħal *data* fihom.

Eżempji:

— B.UT.20.A (kolonna A tal-grupp UT, kategorija 20, mit-tabella B) tirrappreżenta l-"Erja" tal-"EAU mikrija" li għandha titniżżel taħt l-"EAU għall-biedja mill-inkwilin" fit-tabella B;

— I.A.10110.1.0.TA (kolonna TA tal-grupp A, kategorija 10110, mit-tabella I) tirrappreżenta l-erja totali tal-"Qamħ komuni u spelt" għat-tip ta' għelejjel 1 "Għelejjel tal-għalqa – għalla ewlenija, għalla kkombinata" u l-kodiċi tad-*data* nieqsa 0 "L-ebda *data* nieqsa".

— M.S.1150.1.2.V (kolonna V tal-grupp S, kategorija 1150 bil-kodiċijiet 1 u 2 ta' kategoriji speċifiċi oħra mit-tabella M) tirrappreżenta l-valur tas-sussidju ta' "Appoġġ Bażiku għall-Introjtu għas-Sostenibbiltà – ibbażat fuq intitolamenti għall-pagamenti" li huwa ffinanzjat biss mill-baġit tal-Unjoni u jingħata għal kull ettaru.

Meta valur ma jkunx rilevanti jew ikun nieqes għal xi azjenda partikolari, iddaħħalx il-valur "0".

Għat-tabelli, l-ewwel tabella turi l-matriċi ta' livell għoli għall-gruppi u għall-kolonni. It-tieni tabella tistabbilixxi t-tqassim għall-kategoriji fejn kull kategorija hija rrappreżentata b'kodiċi wieħed jew aktar u sottokodiċi wieħed jew aktar.

Id-*data* fi prospett tal-biedja għandha tiġi pprovduta f'konformità mar-regoli li ġejjin:

— valuri finanzjarji: huma espressi f'termini monetarji mingħajr VAT u mingħajr ma jitqiesu għotjiet u sussidji ([1]), li huma rreġistrati separatament, f'EUR jew f'unitajiet monetarji nazzjonali. Iżda, fil-każ ta' muniti nazzjonali li l-unità tagħhom tirrappreżenta valur baxx relattiv meta mqabbel ma' EUR, jista' jsir ftehim bejn l-aġenzija ta' kollegament ta' Stat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni biex il-valuri jiġu espressi f'mijiet jew eluf ta' unitajiet tal-munita nazzjonali;

— kwantitajiet fiżiċi: fi qnatar (1 q = 100 kg) ħlief fil-każ tal-bajd, li jiġu espressi f'eluf u fil-każ tal-inbid u prodotti relatati, li jiġu espressi f'ettolitri,

— erji: f'ares (1 a = 100 m^2), ħlief fil-każ tal-faqqiegħ li jiġi espress f'metri kwadri tal-erja kkultivata totali u ħlief fit-Tabella M "Sussidji", li fiha l-unitajiet bażiċi jridu jiġu rreġistrati f'ettari,

— għadd medju ta' bhejjem: tal-anqas sa żewġ punti deċimali, ħlief fil-każ tal-pollam u tal-fniek, li jridu jingħataw bħala numri sħaħ, u fil-każ tan-naħal li għandhom jiġu espressi f'għadd ta' kaxxi tan-naħal okkupati;

— unitajiet ta' xogħol: tal-anqas żewġ punti deċimali.

Għal kull kategorija tat-tabella u kull valur fil-kolonni, hemm aktar definizzjonijiet u struzzjonijiet taħt it-tabella kkonċernata.

([1]) Għotjiet u sussidji jfissru kull forma ta' għajnuna diretta minn fondi pubbliċi li rriżultaw fi rċevuta speċifika.

Tabella A

Informazzjoni ġenerali dwar l-azjenda

Kategorija ta' informazzjoni ġenerali	Kodiċi (*)

		Kolonni									
Grupp ta' informazzjoni		Taqsima tal-FSDN	Subdiviżjoni	Numru tasserje tal-azjenda	Grilja	NUTS	Data	Piż tal-azjenda agrikola	Tip ta' biedja	Klassi ta' daqs ekonomiku	Kodiċi
		R	**S**	**H**	**GR**	**N**	**DT**	**W**	**TF**	**ES**	**C**
ID	Identifikazzjoni tal-azjenda				—	—	—	—	—	—	—
LO	Post fejn tinsab l-azjenda	—	—	—			—	—	—	—	
AI	Informazzjoni tal-kontabbiltà	—	—	—	—	—		—	—	—	
TY	Tipoloġija	—	—	—	—	—	—				—
CL	Klassijiet	—	—	—	—	—		—	—	—	
OT	Dettalji oħra tal-azjenda	—	—	—	—	—	—	—	—	—	

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni	Grupp	**R**	**S**	**H**	**GR**	**N**	**DT**	**W**	**TF**	**ES**	**C**
10	Numru tal-azjenda	**ID**				—	—	—	—	—	—	—
25	Kodiċi tal-grilja INSPIRE	**LO**	—	—	—		—	—	—	—	—	—
40	NUTS3	**LO**	—	—	—	—		—	—	—	—	—
60	Tip ta' kontabbiltà	**AI**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
70	Data tal-għeluq tal-kontijiet	**AI**	—	—	—	—	—		—	—	—	—
80	Piż nazzjonali kkalkolat mill-Istat Membru	**TY**	—	—	—	—	—	—		—	—	—
90	Klassifikazzjoni fil-ħin tal-għażla	**TY**	—	—	—	—	—	—	—			—

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni	Grupp	R	S	H	GR	N	DT	W	TF	ES	C
100	Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ (OGA) relatati direttament mal-azjenda	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
110	Tip ta' sjieda/objettiv ekonomiku	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
120	Status ġuridiku	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
130	Livell ta' responsabbiltà tad-detentur(i)	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
140	Biedja organika	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
142	Is-sena li fiha l-azjenda agrikola bdiet il-konverżjoni organika	**CL**	—	—	—	—	—		—	—	—	—
145	Sehem tal-prodotti tal-biedja organika	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
150	Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta (DOP) / Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP) / Speċjalità Tradizzjonali Garantita (STG) / prodott tal-muntanji	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
151	Setturi b'DOP/IĠP/STG/prodott tal-muntanji	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
160	Żoni li jġarrbu diffikultajiet naturali u diffikultajiet speċifiċi oħra	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
170	Altitudni	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
190	Żona tan-Natura 2000	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
200	Żona tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE)	**CL**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
210	Sistema tal-irrigazzjoni	**OT**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
220	Ġranet ta' mergħa minn kull bhima f'imrieħi komuni	**OT**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni	Grupp	R	S	H	GR	N	DT	W	TF	ES	C
230	Membru tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (OP)	**OT**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
231	Rilevanza ekonomika tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (OPs) għall-azjenda agrikola	**OT**										
232	Għadd ta' membri tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (OP)	**OT**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
240	Parteċipazzjoni f'fondi mutwi	**OT**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
241	Kumpens għat-telf	**OT**	—	—	—	—	—	—	—	—	—	

A.ID. *Identifikazzjoni tal-azjenda*

Meta tintgħażel għall-ewwel darba, kull azjenda prospettanti tiġi assenjata numru. L-azjenda żżomm dan in-numru għad-durata tal-inklużjoni tagħha fin-network tal-FSDN. Ladarba assenjat, numru ma għandux jiġi allokat lil azjenda oħra.

Madankollu, f'każijiet fejn l-azjenda tgħaddi minn bidla fundamentali, u b'mod partikolari meta din il-bidla tkun ir-riżultat ta' subdiviżjoni f'żewġ azjendi separati jew ta' fużjoni ma' azjenda oħra, tista' titqies bħala azjenda ġdida. F'dan il-każ għandu jiġi assenjat numru ġdid. Bidla fit-tip ta' biedja pprattikata fl-azjenda ma teħtieġx l-assenjazzjoni ta' numru ġdid. F'każ fejn tista' tinqala' konfużjoni bejn żewġ azjendi prospettanti jekk waħda minnhom iżżomm in-numru tagħha (eż. meta jinħolqu subdiviżjonijiet reġjonali ġodda), in-numru għandu jinbidel. F'dawn il-każijiet trid tintbagħat tabella lill-Kummissjoni mill-Istat Membru li turi l-ekwivalenza tan-numri l-qodma u dawk ġodda.

In-numru tal-azjenda jinkludi tliet gruppi ta' indikazzjonijiet kif ġej:

A.ID.10.R. *Diviżjoni tal-FSDN*: irid jingħata numru ta' kodiċi li jikkorrispondi mas-sett ta' kodiċijiet fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

A.ID.10.S. *Subdiviżjoni*: irid jingħata numru ta' kodiċi.

Is-subdiviżjonijiet magħżula għandhom ikunu bbażati fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni, imsejħa n-nomenklatura tal-unitajiet tal-istatistika territorjali (NUTS) stabbilita mill-Kummissjoni (Eurostat) f'kooperazzjoni mal-istituti nazzjonali għall-istatistika.

Fi kwalunkwe każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat tabella lill-Kummissjoni, li tindika r-reġjuni NUTS korrispondenti għal kull kodiċi tas-subdiviżjonijiet li jintuża, kif ukoll ir-reġjun korrispondenti li għalih jiġu kkalkulati valuri speċifiċi ta' produzzjoni standard.

A.ID.10.H. *Numru tas-serje tal-azjenda*.

A.LO. *Post fejn tinsab l-azjenda*

Il-post fejn tinsab l-azjenda jingħata b'żewġ indikazzjonijiet: il-kodiċi tal-grilja INSPIRE u l-kodiċi tal-unitajiet territorjali tal-livell 3 tan-NUTS.

A.LO.25.GR. Il-kodiċi taċ-ċellola tal-Grilja ta' Unitajiet Statistiċi INSPIRE ta' 1 km għall-użu madwar l-Ewropa, kif stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 fejn ([2]) tinsab l-azjenda agrikola. Dan il-kodiċi għandu jintuża biss għal skopijiet ta' trażmissjoni.

Għall-finijiet ta' disseminazzjoni tad-*data*, minbarra l-mekkaniżmi normali ta' kontroll tad-divulgazzjoni għad-data tabulari, għandhom jintużaw grilji mbejta biex jiġi żgurat li jkun hemm aktar minn 15-il azjenda agrikola fil-grilja jew fi ħdan unità amministrattiva NUTS.

A.LO.40.N. Il-kodiċi tan-NUTS3 jfisser il-kodiċi tal-unità territorjali tal-livell 3 tan-NUTS fejn tinsab l-azjenda. Għandha tingħata l-aħħar verżjoni tal-kodiċi kif deskritt fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003.

A.AI. *Informazzjoni tal-kontabbiltà*

A.AI.60.C. *Tip ta' kontabbiltà:* għandha tingħata indikazzjoni dwar it-tip ta' kontabbiltà li jkollu l-farm. Għandhom jintużaw in-numri tal-kodiċi li ġejjin:

1 Kontabbiltà b'kontroentrati

2 Kontabbiltà b'entrata unika

3 L-ebda

A.AI.70.DT. *Data tal-għeluq tal-kontijiet*: li trid tinkiteb bil-format "SSSS-XX-JJ", pereżempju 2009-06-30 jew 2009-12-31.

A.TY. *Tipoloġija*

A.TY.80.W. *Piż nazzjonali tal-azjenda:* għandu jingħata l-valur tal-fattur tal-estrapolazzjoni kkalkulat mill-Istat Membru.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' *data* u servizzi ġeografiċi. (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1089/oj).

A.TY.90.TF. *Tip ta' biedja fil-ħin tal-għażla:* il-kodiċi tat-tip ta' biedja tal-azjenda f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament, fiż-żmien tal-għażla għas-sena kontabilistika inkwistjoni.

A.TY.90.ES. *Daqs ekonomiku fil-ħin tal-għażla:* il-kodiċi tal-klassi tad-daqs ekonomiku tal-azjenda f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament, fiż-żmien tal-għażla għas-sena kontabilistika inkwistjoni.

A.CL. *Klassijiet*

A.CL.100.C. *Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda*: dawn iridu jingħataw bħala medda ta' perċentwali li jindikaw is-sehem tal-fatturat mill-fatturat totali tal-azjenda agrikola ([3]), li jiġi minn attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda. Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1 ≥ 0 sa ≤ 10 % (sehem marġinali)

2 ≥ 10 sa ≤ 50 % (sehem medju)

3 > 50 % sa < 100 % (sehem sinifikanti)

A.CL.110.C. *Tip ta' sjieda/objettiv ekonomiku*: għandha tingħata indikazzjoni dwar x'inhuma l-objettivi ekonomiċi u tas-sjieda tal-azjenda. Għandhom jintużaw in-numri tal-kodiċi li ġejjin:

1 azjenda agrikola tal-familja: l-azjenda tuża x-xogħol u l-kapital tad-detentur(i)/tal-maniġer(s) u l-familja tiegħu/tagħha, u dawn ikunu l-benefiċjarji tal-attività ekonomika

2 sħubija: il-fatturi ta' produzzjoni tal-azjenda jiġu pprovduti minn diversi sħab, fejn minn tal-inqas uħud minnhom jipparteċipaw fix-xogħol tal-azjenda agrikola mingħajr ma jitħallsu. Il-benefiċċji jmorru għas-sħubija

3 kumpanija b'objettiv ta' profitt: il-benefiċċji jintużaw għar-remunerazzjoni tal-azzjonisti permezz ta' dividendi/profitti. L-azjenda hija proprjetà tal-kumpanija

4 kumpanija mingħajr objettiv ta' profitt: il-benefiċċji jintużaw primarjament biex jinżammu l-impjiegi jew għal objettiv soċjali simili. L-azjenda hija proprjetà tal-kumpanija

A.CL.120.C. *L-istatus legali:* għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda hijiex persuna legali jew le. Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 Falz

1 Veru

A.CL.130.C. *Livell ta' responsabbiltà tad-detentur(i):* għandha tingħata indikazzjoni dwar il-livell ta' responsabbiltà (responsabbiltà ekonomika) tad-detentur (ewlieni). Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1 Sħiħ.

2 Parzjali.

A.CL.140.C. *biedja organika*: għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda tapplikax metodi tal-produzzjoni organika, skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 5 tiegħu. Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1 l-azjenda ma tapplikax metodi ta' produzzjoni organika

2 l-azjenda tapplika biss metodi ta' produzzjoni organika għall-prodotti kollha tagħha

3 l-azjenda tapplika kemm metodi ta' produzzjoni organiċi kif ukoll metodi oħra ta' produzzjoni

4 l-azjenda qed tikkonverti għal metodi ta' produzzjoni organika

([3]) Ara l-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj).

A.CL.142.DT. *Is-sena li fiha l-azjenda agrikola bdiet il-konverżjoni organika* is-sena għandha tingħata fil-format "SSSS".

A.CL.145.C. *Sehem tal-prodotti tal-biedja organika mibjugħa bħala organiċi f'azjendi agrikoli ċċertifikati*: f'każ li azjenda tkun iċċertifikata għall-biedja organika, li għandha tiġi pprovduta bħala medda perċentwali li tindika s-sehem tal-bejgħ f'valuri monetarji ta' prodotti mibjugħa bħala organiċi fuq il-bejgħ totali tal-azjenda agrikola. Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1 0 %

2 > 0 sa ≤ 25 %

3 > 25 % sa ≤ 50 %

4 > 50 % sa ≤ 75 %

5 > 75 % sa < 100 %

6 100 %

A.CL.150.C. *"Denominazzjoni tal-oriġini protetta" (DOP) / "Indikazzjoni Ġeografika Protetta" (IĠP) / "Speċjalità Tradizzjonali Garantita" (STG) / "biedja tal-muntanji"*: trid tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda tipproduċix prodotti agrikoli u/jew oġġetti tal-ikel protetti minn indikazzjonijiet ta' Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta (DOP), Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP), Speċjalità Tradizzjonali Garantita (STG) jew prodott tal-muntanji, jew dwar tipproduċix prodotti agrikoli li jkun magħruf li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel protetti minn DOP/IĠP/STG/"prodott tal-muntanji", skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1 l-azjenda ma tipproduċi l-ebda prodott jew oġġett tal-ikel protett minn indikazzjonijiet ta' DOP, IĠP, STG jew "prodott tal-muntanji", u l-ebda prodott li jkun magħruf li jintuża fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel protetti minn indikazzjonijiet ta' DOP, IĠP, STG jew "prodott tal-muntanji";

2 l-azjenda tipproduċi biss prodotti jew oġġetti tal-ikel protetti minn indikazzjonijiet ta' DOP, IĠP, STG jew "prodott tal-muntanji", u/jew prodotti li jkunu magħrufa li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel protetti minn indikazzjonijiet ta' DOP, IĠP, STG jew "prodott tal-muntanji";

3 l-azjenda tipproduċi xi prodotti jew oġġetti tal-ikel protetti minn indikazzjonijiet ta' DOP, IĠP, STG jew "prodott tal-muntanji", jew xi prodotti li jkun magħruf li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel protetti minn indikazzjonijiet ta' DOP, IĠP, STG jew "prodott tal-muntanji".

A.CL.151.C. *Setturi b'Denominazzjoni tal-oriġini protetta / b'Indikazzjoni Ġeografika Protetta / bi Speċjalità Tradizzjonali Garantita / b'biedja tal-muntanji*: jekk il-biċċa l-kbira tal-produzzjoni ta' xi setturi speċifiċi hija ta' prodotti jew oġġetti tal-ikel li jkunu mħarsa minn indikazzjonijiet ta' DPO, IĠP, STG jew "biedja tal-muntanji", u/jew ta' prodotti li hu magħruf li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel imħarsa minn indikazzjonijiet ta' DPO, IĠP, STG jew "biedja tal-muntanji", għandha tingħata indikazzjoni tas-setturi tal-produzzjoni (tista' tintgħażel aktar minn waħda). Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi elenkati hawn taħt. Meta l-azjenda tipproduċi xi prodotti jew oġġetti tal-ikel protetti minn indikazzjonijiet ta' DOP, IĠP, STG jew "prodott tal-muntanji" jew xi prodotti li jkun magħruf li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel protetti minn indikazzjonijiet ta' DOP, IĠP, STG jew "prodott tal-muntanji", iżda dan ma jqisx il-maġġoranza tal-produzzjoni f'dak is-settur partikolari, irid jintuża l-kodiċi għal "mhux applikabbli". Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 mhux applikabbli

31 ċereali

32 żerriegħa żejtnija u għelejjel tal-proteini

33 frott u ħaxix (inkluż il-frott taċ-ċitru, iżda esklużiż-żebbuġ)

34 żebbuġ;

35 vinji

36 ċanga

([5]) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

37 ħalib tal-baqar

38 laħam tal-majjal

39 nagħaġ u mogħoż (ħalib u laħam)

40 laħam tal-pollam

41 bajd

42 settur ieħor

Il-punti A.CL.150.C. *Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta / Indikazzjoni Ġeografika Protetta / Speċjalità Tradizzjonali Garantita / prodott tal-muntanji* u A.CL.151.C huma fakultattivi għall-Istati Membri. Jekk jiġu applikati mill-Istat Membru, din l-informazzjoni għandha timtela għall-azjendi agrikoli kollha li ttieħdu bħala kampjun. Jekk tiġi applikata A.CL.150.C, għandha tiġi applikata wkoll A.CL.151.C.

A.CL.160.C. *Żoni li jġarrbu diffikultajiet naturali u diffikultajiet speċifiċi oħra*: Trid tingħata indikazzjoni dwar jekk il-maġġoranza tal-erja agrikola użata tal-azjenda tinsabx f'żona koperta mill-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1 il-maġġoranza tal-erja agrikola użata tal-azjenda ma tinsabx f'żona li tiffaċċja restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra, skont it-tifsira tal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013;

21 il-maġġoranza tal-erja agrikola użata tal-azjenda tinsab f'żona li tiffaċċja restrizzjonijiet naturali sinifikanti, skont it-tifsira tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013;

22 il-maġġoranza tal-erja agrikola użata tal-azjenda tinsab f'żona li tiffaċċja restrizzjonijiet speċifiċi, skont it-tifsira tal-Artikolu 32(4) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013;

3 il-maġġoranza tal-erja agrikola użata tal-azjenda li tinsab f'żona muntanjuża skont it-tifsira tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament(UE) Nru 1305/2013.

A.CL.170.C. *Altitudni*: L-altitudni trid tiġi indikata bin-numru tal-kodiċi korrispondenti:

1 il-biċċa l-kbira tal-azjenda tinsab f'altitudni ta' < 300 m;

2 il-biċċa l-kbira tal-azjenda tinsab f'altitudni ta' 300 sa 600 m;

3 il-biċċa l-kbira tal-azjenda tinsab f'altitudni ta' > 600 m.

A.CL.190.C. *Żona tan-Natura 2000:* trid tingħata indikazzjoni dwar jekk il-maġġoranza tal-erja agrikola użata tal-azjenda tinsabx f'żoni relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([8]) (Natura 2000). Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1 il-maġġoranza tal-erja agrikola użata tal-azjenda ma tinsabx f'żona tan-Natura 2000;

2 il-maġġoranza tal-erja agrikola użata tal-azjenda tinsab f'żona tan-Natura 2000.

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1305/oj).

([7]) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj).

([8]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj).

A.CL.200.C. *Żona li għaliha tapplika id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (Direttiva 2000/60/KE):* trid tingħata indikazzjoni dwar jekk il-maġġoranza tal-erja agrikola użata tal-azjenda tinsabx f'żoni eliġibbli għal pagamenti biex tikkumpensa għall-iżvantaġġi imposti mir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), kif stabbilit mill-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tal-PAK skont l-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([10]). Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1 il-maġġoranza tal-erja agrikola użata tal-azjenda ma tinsabx f'żona eliġibbli għal pagamenti biex jikkumpensaw l-iżvantaġġi imposti mir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE;

2 il-maġġoranza tal-erja agrikola użata tal-azjenda tinsab f'żona eliġibbli għal pagamenti biex jikkumpensaw l-iżvantaġġi imposti mir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE.

A.OT. *Dettalji oħra tal-azjenda*

A.OT.210.C. *Sistema tal-irrigazzjoni*: trid tingħata indikazzjoni dwar is-sistema tal-irrigazzjoni ewlenija użata fl-azjenda agrikola fis-sena ta' rappurtar:

0 mhux applikabbli (meta ma tkun saret l-ebda irrigazzjoni fl-azjenda agrikola)

1 mas-superfiċe

2 biit-tbexxix

3 bit-taqtir

4 oħra

A.OT.220.C. *Ġranet ta' mergħa minn kull annimal tar-razzett f'imriegħi komuni*: Għadd ta' ġranet ta' mergħa minn kull annimal tar-razzett f'imriegħi komuni li jintużaw mill-azjenda.

A.OT.230.C *Membru tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (OP)*: Indikazzjoni ta' jekk l-azjenda agrikola (id-detentur(i) jew il-maniġer(s) tal-azjenda agrikola) hijiex membru ta' organizzazzjoni tal-produtturi li tikkondividi l-kostijiet u/jew tippromwovi l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli, u jekk iva, liema mill-prodotti tal-azjenda agrikola jiġu kkummerċjalizzati mill-organizzazzjoni tal-produtturi (agħżel is-setturi kollha koperti mill-OP li l-azjenda agrikola hija membru tagħhom). Għall-iskop ta' dan l-istħarriġ, "organizzazzjonijiet tal-produtturi" tfisser għal kwalunkwe tip ta' entità li tkun ġiet iffurmata bl-inizjattiva tal-produtturi biex iwettqu attivitajiet konġunti f'settur speċifiku (kooperazzjoni orizzontali). L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jridu jiġu kkontrollati mill-produtturi, u jista' jkollhom għamliet ġuridiċi differenti, eż. kooperattivi agrikoli, assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jew kumpaniji privati bi produtturi bħala azzjonisti.

0 mhux membru ta' organizzazzjoni tal-produtturi

Membru ta' organizzazzjoni tal-produtturi għall-kondiviżjoni tal-produzzjoni, tal-kostijiet amministrattivi u ta' investimenti u/jew, membru ta' organizzazzjoni tal-produtturi għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-azjendi agrikoli fosthom:

31 Ċereali

32 żerriegħa żejtnija u għelejjel tal-proteini

33 frott u ħaxix (inkluż il-frott taċ-ċitru, iżda eskluż iż-żebbuġ)

34 żebbuġ;

35 vinji

36 ċanga

37 ħalib tal-baqar

([9]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

38 laħam tal-majjal

39 nagħaġ u mogħoż (ħalib u laħam)

40 laħam tal-pollam

41 bajd

42 settur ieħor.

A.OT.231.C *Rilevanza ekonomika tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (OP) għall-azjenda agrikola*: Indikazzjoni tas-sehem tal-produzzjoni kumplessiva tal-azjenda agrikola (bejgħ totali), f'termini ta' valur, li jiġi kkummerċjalizzat permezz tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

1 ≥ 0 sa ≤ 10 % (sehem marġinali)

2 ≥ 10 sa ≤ 50 % (sehem medju)

3 > 50 % sa ≤ 100 % (sehem sinifikanti)

A.OT.232.C *Għadd ta' membri tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (OP)*: Indikazzjoni tad-daqs tal-OP ewlenija li l-azjenda agrikola (id-detentur(i) jew il-maniġer(s)) tkun membru tagħha. L-"OP ewlenija" hija l-OP li tikkummerċjalizza l-biċċa l-kbira tal-produzzjoni tal-azjenda agrikola (f'termini ta' valur).

1 OP b'inqas minn 10 membri

2 OP għandha bejn 10 u 19-il membru

3 OP għandha bejn 20 u 49 membru

4 OP għandha bejn 50 u 99 membru

5 OP għandha bejn 100 u 499 membru

6 OP għandha bejn 500 u 999 membru

7 OP għandha 1 000 membru (jew aktar)

Il-Ġermanja hija eżentata milli tissottometti data relatata mal-varjabbli A.OT.230.C, A.OT.231.C, u A.OT.232.C għas-sena ta' rapportar 2025.

A.OT.240.C *Parteċipazzjoni f'fondi mutwi:* Trid tingħata indikazzjoni dwar jekk il-bidwi jipparteċipax f'fond mutwu. Fond mutwu huwa skema akkreditata minn Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu għall-bdiewa affiljati sabiex jassiguraw lilhom infushom, li fiha jsiru pagamenti kumpensatorji lill-bdiewa affiljati li jesperjenzaw telf ekonomiku. L-istabbiliment ta' fondi mutwi jista' jitħeġġeġ minn tipi differenti ta' appoġġ pubbliku, fosthom: i) il-kontribuzzjoni għall-kapital tal-bidu; ii) allowances governattivi għall-kontribuzzjonijiet annwali għall-fond, inkluż mill-bdiewa; iii) kumpens ta' pagamenti magħmula lill-bdiewa; iv) inċentivi fiskali għad-depożiti ta' fondi. Eżempju ta' appoġġ pubbliku għal fondi mutwi jista' jinstab fl-Artikolu 76(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/2115, li skontu l-Istati Membri jistgħu jagħtu kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi, inkluż għall-kost amministrattiv tal-istabbiliment.

Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 Le, il-bidwi ma jipparteċipa fl-ebda fond mutwu.

1 Iva, il-bidwi jipparteċipa f'fond mutwu.

A.OT.241.C *Kumpens għat-telf:* Trid tingħata indikazzjoni dwar jekk il-bidwi ppreżentax applikazzjoni għal kumpens għat-telf minħabba avvenimenti estremi fi ħdan jew barra l-iskemi tal-assigurazzjoni li għalihom il-kostijiet tal-primjums tal-assigurazzjoni huma rreġistrati fit-Tabella H taħt il-kodiċijiet 5051 u/jew 5055. Kumpens barra mill-iskemi tal-assigurazzjoni jista' jkun rilevanti jew minħabba li l-bidwi ma jkunx assigurat jew minħabba li l-assigurazzjoni tal-bidwi ma tkoprix il-ħsara. Jekk ma jiġu rreġistrati l-ebda kostijiet bħal dawn fit-Tabella H, dan ifisser li l-applikazzjoni għall-kumpens għat-telf minħabba avvenimenti estremi ġiet ippreżentata taħt skemi ta' appoġġ *ex-post* għall-kriżijiet bħar-riżerva agrikola tal-PAK, il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, l-għajnuna mill-Istat, eċċ.

Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 Le

1 Iva, skont kuntratt tal-assigurazzjoni

2 Iva, skont skemi pubbliċi ta' appoġġ għall-kriżijiet *ex-post*

3 Iva, it-tnejn li huma.

KOLONNI FIT-TABELLA A

Il-kolonna R tirreferi għad-diviżjoni FSDN, il-kolonna S għas-subdiviżjoni, il-kolonna H għan-numru tas-serje tal-azjenda, il-kolonna GR għall-Grilja tal-Unitajiet Statistiċi INSPIRE, il-kolonna N għan-NUTS, il-kolonna AO għan-numru tal-uffiċċju tal-kontabbiltà, il-kolonna DT għad-data, il-kolonna W għall-piż tal-azjenda agrikola, il-kolonna TF għat-tip ta' biedja, il-kolonna ES għall-klassi tad-daqs ekonomiku, u l-kolonna C tal-kodiċi.

Tabella B

Tip ta' okkupazzjoni

Kategorija ta' Erja agrikola użata (EAU)		Kodiċi (*)
Grupp ta' informazzjoni		Erja Agrikola Użata
		A
UO	EAU għall-biedja mis-sid	
UT	EAU għall-biedja mill-inkwilin	
US	EAU għall-biedja bi tqassim jew modi oħrajn	

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Grupp	A
10	EAU għall-biedja mis-sid	**UO**	
20	EAU mikrija	**UT**	
30	EAU għall-biedja bi tqassim	**US**	

Artijiet ta' azjendi miżmuma b'mod konġunt minn żewġ sħab jew aktar jridu jiġu rreġistrati bħala okkupati mis-sid, mikrija jew maħduma bi tqassim, skont l-arranġament fis-seħħ bejn is-sħab.

L-erja agrikola użata (EAU) hija l-erja totali okkupata minn raba' fi stadju bikri, bur u mergħa permanenti, għelejjel permanenti u ġonna kulinari, użata mill-azjenda, irrispettivament mit-tip ta' pussess. Art komuni użata mill-azjenda ma għandhiex tkun inkluża.

Għandhom jintużaw il-gruppi ta' informazzjoni u l-kategoriji li ġejjin:

B.UO. *EAU għall-biedja mis-sid*

B.UO.10.A EAU (raba' fi stadju bikri, bur permanenti, għelejjel permanenti u ġonna kulinari) li l-bidwi huwa s-sid, l-inkwilin għal għomru jew id-detentur tal-kirja tagħhom u/jew EAU b'kundizzjonijiet simili.

B.UT. *EAU għall-biedja mill-inkwilin*

B.UT.20.A EAU (raba' fi stadju bikri, bur permanenti, għelejjel permanenti u ġonna kulinari) li tinħadem minn persuna li mhijiex is-sid, l-inkwilin għal għomru jew id-detentur tal-kirja u li l-erja msemmija hija mikrija lilu (il-kera għandha titħallas bi flus u/jew in natura; din ġeneralment tkun iffissata bil-quddiem, u normalment ma tvarjax skont ir-riżultati tal-biedja) u/jew l-EAU maħduma b'kundizzjonijiet simili ta' pussess.

L-erja mikrija ma tinkludix art li l-ħsad tagħha jinxtara bħala għalla wieqfa. L-ammonti mħallsa għax-xiri ta' għelejjel wieqfa jridu jingħataw fit-Tabella H taħt il-kodiċijiet 2020 sa 2040 (għalf tal-bhejjem mixtri) fil-każ ta' art bil-ħaxix jew għelejjel tal-għalf u taħt il-kodiċi 3090 (kostijiet speċifiċi oħra tal-għelejjel) fil-każ ta' għelejjel li jistgħu jitqiegħdu fis-suq (prodotti li normalment jiġu kkummerċjalizzati). L-għelejjel li jistgħu jitqiegħdu fis-suq mixtrija wieqfa jridu jiġu pprovduti mingħajr ma tiġi speċifikata l-erja inkwistjoni (tabella H).

Art mikrija għal inqas minn sena fuq bażi okkażjonali u l-produzzjoni tagħha trid tiġi ttrattata b'mod simili bħal art li l-ħsad tagħha jinxtara bħala għalla wieqfa.

B.US. *EAU għall-biedja bi tqassim jew modi oħrajn*

B.US.30.A EAU (raba' fi stadju bikri, bur u mergħa permanenti, għelejjel permanenti u ġonna kulinari) li tinħadem b'mod konġunt minn min jagħti l-konċessjoni u minn min jaqsam l-uċuħ tar-raba' abbażi ta' ftehim ta' qsim tal-uċuħ tar-raba' u/jew l-erja agrikola użata maħduma b'kundizzjonijiet simili.

KOLONNI FIT-TABELLA B

Il-kolonna A tirreferi għall-EAU.

Tabella C

Xogħol

Struttura tat-tabella

Tabella C	
Xogħol	
Kategorija ta' xogħol	Kodiċi (*)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni											
		Ġenerali						Total tax-xogħol fl-azjenda (xogħol agrikolu u xogħol għal OGA direttament relatati mal-azjenda)		Sehem tax-xogħol għal OGA direttament relatati mal-azjenda	Paga medja		Sigurtà soċjali
		Numru ta' persuni	Ġeneru	Irġiel	Nisa	Sena tat-twelid	Taħriġ agrikolu tal-maniġer	Ħin maħdum fis-sena	Unitajiet ta' Xogħol fis-Sena	% tal-ħin maħdum fis-sena	Paga kull sena	Paga fis-siegħa	Irtirar
		P	G	G1	G2	B	T	Y1	W1	Y2	AW	AW1	R
		Numru sħiħ	Kodiċi	Numru sħiħ	Numru sħiħ	Erba' ċifri	Kodiċi	sigħat	AWU	%	Munita nazzjonali	Munita nazzjonali	Kodiċi
UR	Mhux imħallas, regolari										—	—	
UC	Mhux imħallas, mhux regolari		—			—	—		—		—	—	—
PR	Imħallas, regolari											—	—
PC	Imħallas, regolari	—	—	—	—	—	—		—		—		—
EX	Esterni		—			—	—		—		—	—	—

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2746/oj

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni	Grupp	P	G	G1	G2	B	T	Y1	W1	Y2	AW	AW1	R
10	Detentur(i)/maniġer(s)	**UR**	—		—	—						—	—	
		PR	—		—	—							—	—
20	Detentur(i)/mhux maniġer(s)	**UR**	—		—	—		—				—	—	
		PR	—		—	—		—					—	—
30	Maniġer(s)/mhux detentur(i)	**UR**	—		—	—						—	—	
50	Oħrajn	**UR**		—			—	—				—	—	—
		PR		—			—	—					—	—
60	Xogħol mhux regolari	**UC**		—			—	—		—		—	—	—
		PC		—			—	—		—		—		—
70	Maniġer imħallas	**PR**	—		—	—							—	—
80	Ħaddiema esterni	**EX**		—			—	—		—		—	—	—

It-terminu "xogħol" jinkludi l-persuni kollha involuti f'xogħol fl-azjenda agrikola matul is-sena ta' rappurtar. Madankollu, xi *data* trid tiġi pprovduta wkoll għal persuni li jkunu għamlu dan ix-xogħol f'isem persuna jew impriża oħra (ħaddiema esterni li l-kostijiet tagħhom huma inklużi fit-tabella H taħt il-kodiċi 1020).

Fil-każ ta' assistenza reċiproka bejn l-azjendi, fejn din l-assistenza tkun tikkonsisti fi skambju ta' xogħol, u l-assistenza riċevuta tkun fil-prinċipju ekwivalenti għall-assistenza mogħtija, il-ħin maħdum mill-ħaddiema tal-azjenda agrikola u kwalunkwe paga relatata jiġu speċifikati fil-prospett tal-azjenda agrikola.

Xi kultant l-assistenza riċevuta tiġi kkumpensata b'assistenza ta' xorta oħra (pereżempju għajnuna fl-għamla ta' xogħol tiġi kkumpensata bil-provvista ta' makkinarju). Meta l-iskambju ta' servizzi jkun fuq skala limitata, ma jiġi indikat xejn fuq il-prospett tal-azjenda agrikola (fl-eżempju mogħti hawn fuq, l-għajnuna riċevuta ma tidhirx bħala parti mix-xogħol; madankollu, il-kostijiet tal-makkinarju jinkludu l-kostijiet involuti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tat-tagħmir). F'każijiet eċċezzjonali meta l-iskambju ta' servizzi jkun fuq skala kbira, il-proċedura hija waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-assistenza riċevuta bħala xogħol tiġi kkumpensata b'servizz ta' xorta oħra (eż. il-provvista ta' makkinarju): il-ħin tax-xogħol li wieħed jagħmel jiġi rreġistrat bħala xogħol imħallas f'azjenda agrikola (il-gruppi PR jew PC, skont jekk il-ħaddiema ġewx impjegati fl-azjenda agrikola fuq bażi regolari jew le); il-valur tal-assistenza mogħtija tiġi rreġistrata kemm bħala produzzjoni fil-kategorija korrispondenti f'tabelli oħra (f'dan l-eżempju, "Xogħol b'kuntratt" bil-kodiċi 2010 fit-tabella L) kif ukoll bħala kost ("Pagi u sigurtà soċjali" bil-kodiċi 1010 fit-tabella H);

(b) l-assistenza mogħtija bħala xogħol tiġi kkumpensata b'servizz ta' xorta oħra (eż. il-provvista ta' makkinarju): f'din is-sitwazzjoni l-ħin tax-xogħol ipprovdut u kwalunkwe paga relatata ma jiġux ikkunsidrati; il-valur tas-servizz riċevut jiġi rreġistrat bħala input fil-grupp korrispondenti f'tabella oħra (f'dan l-eżempju, "Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju" bil-kodiċi 1020 fit-tabella H).

Trid issir distinzjoni bejn il-gruppi ta' informazzjoni u l-kategoriji ta' xogħol li ġejjin:

C.UR. *Xogħol regolari mhux imħallas*

Xogħol mhux imħallas jew xogħol b'inqas remunerazzjoni (fi flus jew in natura) mill-ammont li normalment jitħallas għas-servizzi pprovduti (jenħtieġ li tali ħlas ma jidhirx fil-kostijiet tal-azjenda agrikola) u li matul is-sena ta' rappurtar ipparteċipa (barra l-btajjel normali) għal minn tal-inqas ġurnata shiħa fil-ġimgħa.

Persuna impjegata regolarment f'azjenda agrikola, iżda ingaġġata għal perjodu limitat fis-sena ta' rappurtar minħabba raġunijiet speċjali, madankollu tiddaħħal (għall-għadd ta' sigħat maħduma) bħala xogħol regolari.

Jistgħu jinqalgħu l-każijiet li ġejjin jew oħrajn simili:

(a) kundizzjonijiet speċjali ta' produzzjoni fl-azjenda agrikola li minħabba fihom ma jkunx hemm xogħol matul is-sena: pereżempju l-azjendi taż-żebbuġ jew tal-inbid, u l-azjendi agrikoli speċjalizzati fit-tismin staġonali tal-annimali jew fil-produzzjoni tal-frott u tal-ħxejjex fil-miftuħ;

(b) assenza mix-xogħol għajr minħabba btajjel normali, pereżempju servizz militari, mard, aċċidenti, maternità, liv estiż, eċċ.;

(c) wieħed jibda, jew jieqaf, jaħdem mal-azjenda;

(d) waqfien totali tax-xogħol fl-azjenda minħabba kawżi aċċidentali (għargħar, nirien, eċċ.).

Hemm il-kategoriji li ġejjin:

C.UR.10. *Detentur(i)/maniġer(s)*

Persuna li terfa' r-responsabbiltà ekonomika u ġuridika għall-azjenda u tieħu ħsieb il-ġestjoni tagħha ta' kuljum. Fil-każ tal-mezzadrija, min iwettaq il-mezzadrija jiġi indikat bħala id-detentur/il-manager.

C.UR.20. *Detentur(i)/mhux maniġer(s)*

Persuna li terfa' r-responsabbiltà ekonomika u ġuridika għall-azjenda mingħajr ma tieħu ħsieb il-ġestjoni tagħha ta' kuljum.

C.UR.30. *Maniġer(s)/mhux detentur(i)*

Persuna li tieħu ħsieb il-ġestjoni ta' kuljum tal-azjenda mingħajr ma terfa' r-responsabbiltà ekonomika u ġuridika għaliha.

C.UR.50. *Xogħol regolari mhux imħallas ieħor*

Ix-xogħol regolari mhux imħallas mhux inkluż fil-kategoriji preċedenti jinkludi wkoll il-foreman u s-submaniġers mhux responsabbli għall-ġestjoni tal-azjenda agrikola kollha.

C.UC. *Xogħol mhux regolari mhux imħallas*

C.UC.60. Ix-xogħol mhux imħallas li ma jkunx sar b'mod regolari fl-azjenda matul is-sena kontabilistika jiġi aggregat f'din il-kategorija.

C.PR. *Xogħol regolari mħallas*

Xogħol imħallas (fi flus u/jew in natura) fuq l-iskala normali għas-servizzi pprovduti u li matul is-sena kontabilistika (eskluż il-btajjel normali) ikunu ħadmu għall-azjenda għal mill-inqas ġurnata sħiħa fil-ġimgħa.

Iridu jintwerew il-kategoriji li ġejjin:

C.PR.10. *Detentur(i)/maniġer(s)*

Persuna li terfa' r-responsabbiltà ekonomika u ġuridika għall-azjenda u tieħu ħsieb il-ġestjoni tagħha ta' kuljum. Fil-każ tal-mezzadrija, min iwettaq il-mezzadrija jiġi indikat bħala id-detentur/il-manager.

C.PR.20. *Detentur(i)/mhux maniġer(s)*

Persuna li terfa' r-responsabbiltà ekonomika u ġuridika għall-azjenda mingħajr ma tieħu ħsieb il-ġestjoni tagħha ta' kuljum.

C.PR.70. *Maniġer imħallas*

Persuna b'salarju li tkun responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-azjenda.

C.PR.50. *Oħrajn*

Ix-xogħol regolari mħallas kollu (eskluż il-maniġer b'salarju tal-azjenda) jiġi aggregat f'dan il-grupp. Inklużi wkoll il-foreman u s-submaniġers mhux responsabbli għall-ġestjoni tal-azjenda agrikola kollha.

C.PC. *Xogħol mhux regolari mħallas*

C.PC.60. Ix-xogħol imħallas li ma jkunx sar b'mod regolari fl-azjenda matul is-sena kontabilistika (inkluż il-ħaddiema parzjali) jiġi aggregat f'din il-kategorija.

C.EX *Esterni*

C.EX.80. *Esterni*

Dan il-grupp jirreferi għall-ħaddiema reklutati permezz ta' partijiet terzi (eż., aġenziji ta' impjieg temporanju). Ħaddiema esterni mhumiex parti mir-remunerazzjoni tal-azjenda agrikola; madankollu, huma ġestiti mid-detentur/il-maniġer. Dawn il-ħaddiema jistgħu jkunu regolari jew mhux regolari.

KOLONNI FIT-TABELLA C

Għadd ta' persuni (kolonna P)

L-għadd ta' persuni għandu jiġi indikat fil-kategoriji fejn jistgħu jidhru (il-kategoriji 50 u 60 mill-gruppi "xogħol regolari mhux imħallas" UR jew "xogħol regolari mħallas" PR u 80 mill-grupp "esterni" EX).

Ġeneru (kolonna G)

Il-ġeneru għandu jiġi speċifikat għad-detentur(i), il-maniġer(s) fil-kategoriji fejn jistgħu jidhru (il-kategoriji 10 sa 30 u 70 mill-gruppi "xogħol regolari mhux imħallas" UR jew "xogħol imħallas regolari" PR). Il-ġeneru għandu jkun indikat b'numru ta' kodiċi, jiġifieri:

1 raġel

2 mara

L-Istati Membri li għandhom dispożizzjonijiet jew prattiki legali li jirrikonoxxu li l-individwi jistgħu ma jaqgħux f'kategoriji maskili u femminili jew ma jkunux jixtiequ li jiġu assoċjati ma' waħda minnhom jistgħu jużaw kodiċijiet addizzjonali.

Irġiel, Nisa (kolonni G1 u G2)

L-għadd ta' rġiel u nisa għandu jingħata biss għall-kategoriji 50 u 60 mill-gruppi "xogħol regolari mhux imħallas" UR u "xogħol regolari mħallas" PR u 80 mill-grupp "esterni" EX. Għall-kategorija 80 "esterni" din l-informazzjoni hija fakultattiva.

L-Istati Membri li għandhom dispożizzjonijiet jew prattiki legali li jirrikonoxxu li l-individwi jistgħu ma jaqgħux f'kategoriji maskili u femminili jew ma jkunux jixtiequ li jiġu assoċjati ma' waħda minnhom jistgħu jużaw kolonni addizzjonali.

Sena tat-twelid (kolonna B)

Is-sena tat-twelid għandha tingħata biss għad-detentur(i) u/jew il-maniġer(s), (il-kategoriji 10 sa 30 u 70 mill-gruppi "xogħol regolari mhux imħallas" UR jew "ħaddiema mħallsa regolari" PR) bl-użu tal-erba' ċifri tas-sena tat-twelid.

Taħriġ agrikolu tal-maniġer (kolonna T)

It-taħriġ agrikolu għandu jingħata biss għall-maniġer(s) (il-kategoriji 10, 70 u 30 mill-gruppi "xogħol regolari mhux imħallas" UR jew "xogħol regolari mħallas" PR). It-taħriġ agrikolu jiġi indikat b'numru ta' kodiċi, jiġifieri:

1 esperjenza agrikola prattika biss

2 taħriġ agrikolu bażiku

3 taħriġ agrikolu sħiħ

Total tax-xogħol fl-azjenda (xogħol agrikolu u xogħol għal OGA direttament relatati mal-azjenda)

Ix-xogħol f'azjenda jinkludi x-xogħol kollu ta' organizzazzjoni, ta' superviżjoni u ta' twettiq, kemm manwali kif ukoll amministrattiv, li jsir b'rabta max-xogħol agrikolu fl-azjenda agrikola u x-xogħol relatat mal-OGA direttament relatati mal-azjenda:

Xogħol agrikolu fl-azjenda agrikola:

— organizzazzjoni u ġestjoni finanzjarja (bejgħ u xiri mill-azjenda agrikola, żamma tal-kotba kontabilistiċi, eċċ.),

— xogħol fl-għelieqi (ħrit, żrigħ, ħsad, manutenzjoni tas-siġar tal-frott, eċċ.),

— trobbija tal-bhejjem (tħejjija tal-għalf, għalf tal-bhejjem, tmigħ tal-annimali, ħlib, indukrar tal-bhejjem, eċċ.),

— tħejjija tal-prodotti għas-suq, ħżin, bejgħ direct tal-prodotti tal-azjenda agrikola, ipproċessar tal-prodotti tal-azjenda agrikola għall-awtokonsum, produzzjoni tal-inbid u taż-żejt taż-żebbuġa,

— manutenzjoni tal-bini, tal-makkinarju, tat-tagħmir, tas-sisien tal-ħaxix, tal-fosos, eċċ.,

— trasport għall-azjenda mwettaq mill-forza tax-xogħol tal-azjenda.

Xogħol għall-OGA direttament relatati mal-azjenda

— xogħol b'kuntratt (bl-użu ta' mezzi tal-produzzjoni tal-azjenda),

— turiżmu, akkomodazzjoni u attivitajiet rikreattivi oħra,

— ipproċessar tal-prodotti tal-azjenda agrikola (irrispettivament jekk il-materja prima tiġix prodotta fl-azjenda jew jekk tinxtarax minn barra), pereżempju ġobon, butir, laħam ipproċessat …,

— produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli,

— forestrija u pproċessar tal-injam,

— OGA oħra (biedja terapewtika, artiġjanat, akkwakultura, ...).

Dawn li ġejjin mhumiex inklużi fix-xogħol tal-azjenda:

— xogħol fil-produzzjoni ta' assi fissi (kostruzzjoni jew tiswijiet maġġuri ta' bini jew ta' makkinarju, tħawwil ta' siġar tal-frott, demolizzjoni ta' bini, qlugħ tas-siġar tal-frott, eċċ.),

— xogħol imwettaq għall-unità domestika tad-detentur(i) jew tal-maniġer(s).

Ħin maħdum fis-sena (il-kolonna Y1)

Il-ħin maħdum għandu jiġi indikat f'sigħat għall-gruppi u l-kategoriji kollha. Għandu jirreferi għall-ħin iddedikat għax-xogħol tal-azjenda. Fil-każ ta' ħaddiema b'inqas ħiliet, il-ħin maħdum għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali mal-kapaċitajiet tagħhom. Il-ħin maħdum minn ħaddiema parzjali huwa stmat billi l-ammont totali mħallas għax-xogħol jiġi diviż bil-paga fis-siegħa ta' ħaddiem impjegat bis-siegħa.

Unitajiet ta' xogħol fis-sena (kolonna W1)

Il-forza tax-xogħol impjegata b'mod regolari tiġi kkonvertita f'unitajiet ta' xogħol fis-sena. L-għadd ta' unitajiet ta' xogħol fis-sena mhuwiex irreġistrat għal xogħol mhux regolari (kategorija 50 kemm ta' ħaddiema UC mhux imħallsa kif ukoll ta' PC imħallsa) u għall-kategorija 80 esterni EX. Unità waħda annwali ta' xogħol hija ekwivalenti għal persuna waħda li taħdem il-ħin kollu mal-azjenda. Persuna waħda ma tistax taqbeż l-ekwivalenti ta' unità waħda ta' xogħol, anki jekk il-ħin tax-xogħol attwali tagħha jaqbeż l-istandard għar-reġjun u għat-tip ta' azjenda. Persuna li ma taħdimx matul is-sena kollha fl-azjenda tirrappreżenta frazzjoni ta' "unità fis-sena". L-"unità waħda ta' xogħol fis-sena" ta' kull waħda minn dawn il-persuni tinkiseb billi wieħed jiddividi l-ħin tax-xogħol effettiv fis-sena bil-ħin tax-xogħol normali fis-sena ta' ħaddiem full-time fir-reġjun li jkun qiegħed jitqies u fl-istess tip ta' azjenda.

Fil-każ ta' ħaddiema b'inqas ħiliet, l-ekwivalent ta' unitajiet ta' xogħol fis-sena għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat mal-kapaċitajiet tagħhom.

Sehem tax-xogħol għal OGA bħala % tal-ħin maħdum fis-sena (il-kolonna Y2)

Is-sehem tax-xogħol għal OGA espress bħala ħin maħdum huwa obbligatorju għall-kategoriji kollha tax-xogħol. Dan jingħata bħala % tas-sigħat maħduma matul is-sena ta' rappurtar.

Kostijiet ta' pagi u sigurtà soċjali fis-sena (kolonna AW)

Il-kostijiet ta' pagi u sigurtà soċjali għal xogħol imħallas fis-sena (spjegazzjonijiet huma pprovduti fit-tabella H taħt il-kodiċi 1010) għandhom jiġu pprovduti għall-kategoriji 10, 20, 50 u 70 taħt il-grupp "xogħol regolari mħallas" PR. Għall-kategoriji 10, 20, 70 tirreferi għal kull persuna filwaqt li għall-kategorija 50 għandu jkun ammont medju.

Kostijiet ta' pagi u sigurtà soċjali fis-siegħa (kolonna AW1)

Il-pagi medji u l-kostijiet tas-sigurtà soċjali għal xogħol imħallas fis-siegħa (spjegazzjonijiet huma pprovduti fit-tabella H taħt il-kodiċi 1010) għandhom jiġu pprovduti għall-kategorija 60 taħt il-grupp PC "xogħol mhux regolari mħallas".

Irtirar (kolonna R)

Għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk id-detenturi u/jew il-maniġers humiex se jkunu intitolati għal pensjoni tal-irtirar (obbligatorja u/jew komplementari, għax-xogħol tagħhom fl-agrikoltura u/jew f'setturi oħra). Din l-informazzjoni għandha tingħata biss għal xogħol regolari mhux imħallas (UR) għall-kategoriji 10, 20 u 30.

Il-kopertura tal-iskema tal-irtirar hija indikata b'numru tal-kodiċi, jiġifieri:

1 iva (il-persuna se tkun intitolata għal pensjoni tal-irtirar)

2 le (il-persuna mhijiex se tkun intitolata għal pensjoni tal-irtirar)

Tabella D

Assi u investimenti

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' assi		Kodiċi (*)
		Kolonna
Grupp ta' informazzjoni		Valur
		V
OV	Valwazzjoni tal-ftuħ	
AD	Deprezzament akkumulat	
DY	Deprezzament tas-sena kurrenti	
IP	Investiment/Xiri, qabel ma jitnaqqsu s-sussidji	
S	Sussidji	
SA	Bejgħ	
CV	Valwazzjoni tal-għeluq	

"Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	OV	AD	DY	IP	S	SA	CV
1005	Flus kontanti, riċevibbli, assi kurrenti oħra u ekwivalenti		—	—	—	—	—	
1040	Inventarji		—	—				
2010	Assi bijoloġiċi – pjanti							
3010	Art agrikola		—	—				
3020	Titjib tal-art							
3030	Bini agrikolu							

"Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	OV	AD	DY	IP	S	SA	CV
4010	Makkinarju u tagħmir							
5010	Art tal-foresti, inkluż injam wieqaf		—	—				
7005	Assi intanġibbli							
8010	Assi oħra mhux kurrenti							

Għandhom jintużaw il-kategoriji ta' assi li ġejjin:

1005. *Flus kontanti, riċevibbli, assi kurrenti oħra u ekwivalenti*

Flus kontanti u assi oħra li jistgħu faċilment jinbidlu fi flus kontanti. Assi ta' terminu qasir, ammonti dovuti lill-azjenda li jinħolqu b'mod normali mill-attivitajiet kummerċjali. Kwalunkwe assi oħra li jinbiegħu faċilment jew li huwa mistenni li jitħallsu fi żmien sena.

1040. *Inventarji*

Stokkijiet ta' prodotti li huma proprjetà tal-azjenda li jistgħu jew jintużaw bħala inputs jew jinżammu għall-bejgħ, irrispettivament jekk humiex immanifatturati mill-azjenda jew mixtrija.

2010. *Assi bijoloġiċi — pjanti*

Il-valuri tal-pjanti li għadhom ma nħasdux (l-għelejjel kollha permanenti u wieqfa). Id-deprezzament akkumulat (D.AD) u d-Deprezzament tas-sena kurrenti (D.DY.) jridu jiġu rrappurtati biss għal għelejjel permanenti."

3010. *Art agrikola*

Art agrikola li hija proprjetà tal-azjenda.

3020. *Titjib tal-art*

Titjib tal-art (eż. il-bini ta' ċnut jew ħitan, sistemi ta' dranaġġ, apparat permanenti għat-tisqija) li jappartjenu għad-detentur, irrispettivament mit-tip ta' okkupazzjoni tal-art. L-ammonti mdaħħla huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

3030. *Bini agrikolu*

Bini li jappartjeni għad-detentur, irrispettivament mit-tip ta' okkupazzjoni tal-art. L-intestatura għandha timtela u l-ammonti mdaħħla huma soġġetti għal deprezzament fil-kolonna DY.

4010. *Makkinarju u tagħmir*

Tratturi, kultivaturi bil-mutur, trakkijiet, vannijiet, karozzi, tagħmir tal-biedja kbir u żgħir. L-intestatura għandha timtela, u l-ammonti mdaħħla huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

5010. *Art tal-foresti, inkluż injam wieqaf*

Artijiet tal-foresti okkupati mis-sid li huma inklużi fl-azjenda agrikola.

7005. *Assi intanġibbli*

L-assi kollha intanġibbli, kemm dawk li jistgħu jinxtraw jew jinbiegħu faċilment (eż. kwoti u drittijiet meta jkunu negozjabbli mingħajr l-art u jkun jeżisti suq attiv għalihom), kif ukoll dawk li ma jistgħux jinxtraw jew jinbiegħu faċilment (eż. software, liċenzji, eċċ.). L-intestatura għandha timtela u l-ammonti mdaħħla huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

L-assi intanġibbli kollha l-oħra li ma jistgħux faċilment jiġu mixtrija jew mibjugħa (eż. software, liċenzji, eċċ.) L-intestatura għandha timtela u l-ammonti mdaħħla huma soġġetti għad-deprezzament fil-kolonna DY.

8010. *Assi oħra mhux kurrenti*

Assi oħra fit-tul. L-intestatura għandha timtela u, jekk applikabbli, l-ammonti ta' deprezzament irreġistrati fil-kolonna DY.

Gruppi ta' informazzjoni fit-Tabella D

Il-gruppi ta' informazzjoni huma: (OV) valwazzjoni tal-ftuħ, (AD) deprezzament akkumulat, (DY) deprezzament tas-sena kurrenti, (IP) investimenti jew xiri qabel ma jitnaqqsu s-sussidji, (S) sussidji, (SA) bejgħ, (CV) valwazzjoni tal-għeluq. Dawn huma spjegati hawn taħt.

Hemm biss valur wieħed tal-kolonna (V).

Metodi ta' valwazzjoni

Jintużaw il-metodi ta' valwazzjoni li ġejjin:

Valur ġust li minnu jitnaqqsu l-kostijiet stmati fil-post tal-bejgħ	l-ammont li bih jistgħu jiġu skambjati l-assi, jew ikun saldu ta' obbligazzjoni, bejn partijiet konsapevoli u disposti fi tranżazzjoni distakkata, li minnu jitnaqqsu l-ispejjeż stmati li wieħed iġarrab b'rabta mal-bejgħ	3010, 5010, 7005 jekk negozjabbli
Kost storiku	spejjeż nominali jew oriġinali tal-assi waqt l-akkwist	2010, 3020, 3030, 4010, 7005 jekk mhux negozjabbli
Valur kontabilistiku	il-valur tal-assi kif jidher fil-karta tal-bilanċ	1005, 1040, 8010

D.OV. *Valwazzjoni tal-ftuħ*

Il-valwazzjoni tal-ftuħ hija l-valur tal-assi fil-bidu tas-sena kontabilistika. Għall-azjendi agrikoli li kienu inklużi fil-kampjun anki fis-sena ta' qabel, il-valwazzjoni tal-ftuħ għandha taqbel mal-valwazzjoni tal-għeluq tas-sena ta' qabel.

D.AD. *Deprezzament akkumulat*

Id-deprezzament akkumulat huwa s-somma tad-deprezzament tal-assi mill-bidu tal-ħajja tiegħu sa tmiem il-perjodu preċedenti.

D.DY. *Deprezzament tas-sena kurrenti*

Allokazzjoni sistematika tal-ammont deprezzabbli tal-assi matul il-ħajja utli tagħhom.

Tabella bir-rati annwali ta' deprezzament applikati minn kull Stat Membru għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni fi żmien xieraq għall-istabbiliment tas-sistema kompjuterizzata ta' konsenja u kontroll imsemmija fl-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament.

D.IP. *Investimenti/Xiri*

In-nefqa totali fuq xiri, tiswijiet kbar u l-produzzjoni ta' assi fissi matul is-sena kontabilistika. Meta jkunu ġew riċevuti għotjiet u sussidji fir-rigward ta' dawn l-investimenti, l-ammont minfuq qabel ma jitnaqqsu l-għotjiet u s-sussidji msemmija jrid jiddaħħal fil-kolonna IP.

Ix-xiri ta' oġġetti żgħar ta' makkinarju u tagħmir kif ukoll ta' siġar żgħar u arbuxelli għal operazzjoni minuri ta' tħawwil mill-ġdid ma għandux jidher f'dawn il-kolonni iżda għandu jiġi inkluż fil-kostijiet tas-sena kontabilistika.

It-tiswijiet il-kbar li effettivament iżidu l-valur tal-makkinarju u tat-tagħmir meta mqabbel mal-valur li dawn kellhom qabel it-tiswija għandhom ukoll ikunu inklużi f'din il-kolonna, jew bħala parti integrali mid-deprezzament tal-makkinarju jew tat-tagħmir, li, kif xieraq, se jiġi adattat b'tali mod li titqies il-ħajja estiża (minħabba t-tiswijiet) tal-oġġett inkwistjoni jew billi l-kost tat-tiswijiet il-kbar jitqassam matul il-ħajja utli mistennija.

Il-valur tal-assi fissi prodotti għandu jiġi valwat abbażi tal-kost tagħhom (inkluż il-valur tax-xogħol imħallas u/jew mhux imħallas) u għandu jiżdied mal-valur tal-assi fissi mogħtija taħt il-kodiċijiet mill-2010 sat-8010 tat-Tabella D "Assi".

D.S. *Sussidji għall-investiment*

Il-porzjon kurrenti tas-sussidji kollha riċevuti (fis-snin kontabilistiċi preċedenti jew kurrenti) għall-assi rreġistrati f'din it-tabella.

D.SA. *Bejgħ*

Bejgħ totali ta' assi matul is-sena kontabilistika.

D.CV. *Valwazzjoni tal-għeluq*

Il-valwazzjoni tal-għeluq hija l-valur tal-assi fi tmiem is-sena kontabilistika.

Kummenti

Għall-punti 3010 u 5010, id-differenza bejn OV + IP-SA u CV titqies bħala introjtu jew telf (li ġej kemm mill-bidla fil-prezz tal-unità kif ukoll mill-volum) għal dawn l-assi għas-sena kontabilistika.

L-informazzjoni dwar l-Assi bijoloġiċi — annimali titniżżel fit-Tabella J "Produzzjoni tal-bhejjem".

Tabella E

Kwoti u drittijiet oħrajn

TABELLA E					
Kwoti u drittijiet oħrajn					
Kategorija ta' kwota jew dritt		Kodiċi(*)			
		Kolonni			
Grupp ta' informazzjoni		Kwoti fil-pussess	Kwoti mikrija minghand ħaddieħor	Kwoti mikrija lil ħaddieħor	Taxxi
		N	**I**	**O**	**T**
QQ	Kwantità fi tmiem is-sena kontabilistika				—
QP	Xiri ta' kwoti		—	—	—
QS	Kwoti mibjugħa		—	—	—
OV	Valwazzjoni tal-ftuħ		—	—	—
CV	Valwazzjoni tal-għeluq		—	—	—
PQ	Pagamenti għal kwoti mogħtija b'kera jew b'ċens	—		—	—
RQ	Dħul minn kwoti mogħtija b'kera jew b'ċens	—	—		—
TX	Taxxi	—	—	—	

Kodiċi(*)	Deskrizzjoni
50	Demel organiku
60	Drittijiet għall-pagamenti fl-ambitu tal-iskema ta' pagament bażiku u drittijiet għall-pagamenti fl-ambitu tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà

Il-kwantitajiet tal-kwoti (kwoti fil-pussess, kwoti mikrija mingħand ħaddieħor u kwoti mikrija lil ħaddieħor) huma punti obbligatorji. Tiġi rreġistrata biss il-kwantità fi tmiem is-sena kontabilistika.

Il-valuri li jikkonċernaw kwoti li jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art assoċjata magħhom jiġu rreġistrati f'din it-tabella. Il-kwoti li ma jistgħux jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art assoċjata magħhom jiġu rreġistrati biss fit-Tabella D "Assi". Anki l-kwoti li oriġinarjament inkisbu b'xejn iridu jiġu mdaħħla u trid issir valwazzjoni bil-valur attwali tagħhom fis-suq jekk ikunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art.

Xi entrati tad-*data* jiġu inklużi b'mod simultanju, individwalment jew bħala komponenti ta' aggregati, fi gruppi jew f'kategoriji oħra fit-Tabelli D "Assi", H "Inputs" u/jew I "Għelejjel"

Iridu jintużaw *il-kategoriji* li ġejjin:

50 Demel organiku

60 Drittijiet għall-pagamenti fl-ambitu tal-iskema ta' pagament bażiku u drittijiet għall-pagamenti fl-ambitu tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà.

Iridu jintużaw *il-gruppi ta' informazzjoni* li ġejjin:

E.QQ. *Kwantità* (li għandha tiġi rreġistrata għall-kolonni N, I, O biss)

L-unitajiet li għandhom jintużaw huma:

* Kategorija 50 (demel organiku): għadd ta' annimali mibdul b'fatturi ta' konverżjoni standard għall-eskrezzjoni tad-demel,

* Kategorija 60 (skema ta' pagament bażiku u appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà): għadd ta' drittijiet

E.QP. *Kwoti mixtrija (għandhom jiġu rreġistrati għall-kolonna N biss)*

Jenħtieġ jiġi rreġistrat l-ammont imħallas għax-xiri, matul is-sena kontabilistika, ta' kwoti jew ta' drittijiet oħra li jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art assoċjata magħhom.

E.QS. Kwoti mibjugħa (għandhom jiġu rreġistrati għall-kolonna N biss)

L-ammont riċevut għall-bejgħ ta' kwoti jew ta' drittijiet oħra matul is-sena kontabilistika, li jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art assoċjata magħhom.

E.OV. *Valwazzjoni tal-ftuħ (għandha tiġi rreġistrata għall-kolonna N biss)*

Jenħtieġ li l-valur tal-valwazzjoni tal-ftuħ tal-kwantitajiet li jinsabu għad-dispożizzjoni tad-detentur, irrispettivament jekk inkisbux oriġinarjament b'xejn jew jekk inxtrawx, jiġi rreġistrat skont il-valuri attwali tagħhom fis-suq, jekk il-kwoti jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art assoċjata magħhom.

E.CV. *Valwazzjoni tal-għeluq (għandha tiġi rreġistrata għall-kolonna N biss)*

Jenħtieġ li l-valur tal-valwazzjoni tal-għeluq tal-kwantitajiet li jinsabu għad-dispożizzjoni tad-detentur, irrispettivament jekk inkisbux oriġinarjament b'xejn jew jekk inxtrawx, jiġi rreġistrat skont il-valuri attwali tagħhom fis-suq, jekk il-kwoti jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art assoċjata magħhom.

E.PQ. *Pagamenti għall-kwoti mogħtija b'kera jew b'ċens (għandhom jiġu rreġistrati għall-kolonna I biss)*

Ammont imħallas għall-kiri ta' kwoti jew drittijiet oħra. Dan jiġi inkluż ukoll fil-kera mħallsa taħt il-kategorija 5070 (kera mħallsa) fit-Tabella H "Inputs".

E.RQ. *Dħul minn kwoti mogħtija b'kera jew b'ċens (għandu jiġi rreġistrat għall-kolonna O biss)*

Ammont riċevut mill-kiri ta' kwoti jew drittijiet oħra. Dan jiġi inkluż ukoll fil-kategorija 90900 ("Oħrajn") tat-Tabella I "Għelejjel".

E.TX. *Taxxi, imposta addizzjonali (kolonna T)*

Ammont imħallas.

KOLONNI FIT-TABELLA E

Il-kolonna N tirreferi għall-kwoti fil-pussess, il-kolonna I għall-kwoti mikrija mingħand ħaddieħor, il-kolonna O għall-kwoti mikrija lil ħaddieħor, u l-kolonna T għat-taxxi.

Tabella F

Djun u krediti

Struttura tat-tabella

Kategoriji ta' dejn		Kodiċi (*)	
		Kolonni	
Grupp ta' informazzjoni		Perjodu qasir	Perjodu twil
		S	**L**
OV	Valwazzjoni tal-ftuħ		
CV	Valwazzjoni tal-għeluq		

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	S	L
1010	Kummerċjali standard		
1020	Kummerċjali speċjali		
1030	Self lill-familja/privat		
2010	Ammonti pagabbli		—
3000	Obbligazzjonijiet oħrajn		

Obbligazzjonijiet tal-azjenda: l-ammonti indikati għandhom ikunu relatati biss mal-ammonti li għadhom pendenti, jiġifieri, self ikkuntrattat bit-tnaqqis tal-ħlasijiet lura li diġà saru.

Iridu jintużaw il-kategoriji li ġejjin:

— 1010. Dejn — kummerċjali standard — jirreferi għas-self li mhu appoġġjat mill-ebda politika pubblika mmirata għas-self.

— 1020. Dejn — kummerċjali speċjali — jirreferi għas-self li jibbenefika minn appoġġ minn politika pubblika (sussidji għall-interessi, garanziji, eċċ.).

— 1030. Dejn — self lill-familja/privat — self mogħti lil persuna fiżika bis-saħħa tar-relazzjoni familjari/privata tagħha mad-debitur.

— 2010. Ammonti pagabbli — ammonti dovuti lill-fornituri.

— 3000. Obligazzjonijiet oħra — obbligazzjonijiet differenti minn self jew ammonti pagabbli.

Żewġ gruppi ta' informazzjoni jridu jiġu rreġistrati: (OV) valwazzjoni tal-ftuħ (CV) u valwazzjoni tal-għeluq.

Hemm żewġ kolonni: (S) obbligazzjonijiet fuq medda ta' żmien qasir u (L) obbligazzjonijiet uq medda ta' żmien twil:

— Obbligazzjonijiet fuq medda ta' żmien qasir — djun u obbligazzjonijiet oħra b'rabta mal-azjenda li jkunu dovuti f'inqas minn sena.

— Obbligazzjonijiet fuq medda ta' żmien twil — djun u obbligazzjonijiet oħra b'rabta mal-azjenda għal tul ta' sena jew aktar.

Tabella G

Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)

Struttura tat-tabella

Kategorija tas-sistemi ta' VAT		Kodiċi (*)		
Grupp ta' informazzjoni		Sistema ta' VAT	bilanċ tat-tranżazzjonijiet li mhumiex investimenti	bilanċ tat-tranżazzjonijiet tal-investiment
		C	**NI**	**I**
VA	Sistemi ta' VAT fl-azjenda agrikola			

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji
1010	Sistema ta' VAT ewlenija fl-azjenda agrikola
1020	Sistema ta' VAT minoritarja fl-azjenda agrikola

Lista ta' sistemi ta' VAT għaż-żewġ kategoriji	**C**	**NI**	**I**
Sistema normali ta' VAT	1	—	—
Sistema ta' tpaċija parzjali	2		

L-informazzjoni monetarja fil-prospett al-biedja għandha tingħata mingħajr il-VAT.

Id-dettalji li ġejjin fuq il-VAT għandhom jiġu pprovduti bħala kategoriji:

1010. *Sistema ta' VAT ewlenija fl-azjenda agrikola*

1.	Sistema normali ta' VAT	—	is-sistema ta' VAT li hija garantita li tkun newtrali għall-introjtu għall-azjendi agrikoli peress li l-bilanċ tal-VAT jiġi kklerjat mal-awtoritajiet tat-taxxa.
2.	Sistema ta' tpaċija parzjali	—	is-sistema ta' VAT li ma tiggarantixxix li hija newtrali fir-rigward tal-introjtu għall-azjendi agrikoli, għalkemm tista' tinkludi xi mekkaniżmu approssimattiv biex jiġi kkumpensat il-VAT imħallas u riċevut.

1020. *Sistema ta' VAT minoritarja fl-azjenda agrikola*

Kodiċijiet kif iddefiniti għas-sistema ta' VAT ewlenija.

Hemm biss grupp ta' informazzjoni wieħed (VA) dwar is-sistema ta' VAT fl-azjenda agrikola. Hemm tliet kolonni: (C) il-kodiċi tas-sistema ta' VAT, (NI) bilanċ tat-tranżazzjonijiet li mhumiex investimenti u (I) bilanċ tat-tranżazzjonijiet tal-investiment.

Għas-sistema normali ta' VAT, trid tiddaħħal biss l-indikazzjoni tagħha. Jekk l-azjenda agrikola tkun soġġetta għas-sistema ta' kumpens parzjali tal-VAT, għandhom jiġu pprovduti wkoll il-bilanċ tal-VAT għat-tranżazzjonijiet li mhumiex investimenti u l-bilanċ tal-VAT għat-tranżazzjonijiet tal-investiment.

Meta d-dħul mill-VAT iżid il-fatturat tal-azjenda, il-bilanċ tal-VAT ta' hawn fuq ikun ċifra pożittiva. F'każ ta' tnaqqis fid-dħul, il-bilanċ ikun negattiv.

Tabella H

Inputs

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' inputs	Kodiċi (*)		
Grupp ta' informazzjoni		Kolonni	
		Valur	Kwantità
		V	**Q**
LM	Kostijiet u inputs tax-xogħol u l-makkinarju		
SL	Kostijiet speċifiċi tal-bhejjem		
SC	Kostijiet u inputs speċifiċi tal-għelejjel		
OS	Kostijiet speċifiċi għall-OGA		
FO	Spejjeż ġenerali tal-biedja		

Kodiċi(*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	V	Q
1010	**LM**	Kostijiet ta' pagi u sigurtà soċjali għal xogħol imħallas		—
1020	**LM**	Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju		—
1030	**LM**	Manutenzjoni kurrenti tal-makkinarju u l-apparat		—
1040	**LM**	Fjuwils u lubrikanti tal-mutur		—
1050	**LM**	Spejjeż tal-karozzi		—
2010	**SL**	Għalf ikkonċentrat mixtri għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)		—
2020	**SL**	Foraġġ mhux irraffinat mixtri għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)		—
2030	**SL**	Għalf mixtri għall-qżieqeż		—
2040	**SL**	Għalf mixtri għall-pollam u annimali żgħar oħra		—
2050	**SL**	Għalf prodott fl-azjenda agrikola għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)		—
2060	**SL**	Għalf prodott fl-azjenda agrikola għall-qżieqeż		—
2070	**SL**	Għalf prodott fl-azjenda agrikola għall-pollam u annimali żgħar oħra		—
2080	**SL**	Spejjeż veterinarji		—
2090	**SL**	Kostijiet speċifiċi tal-bhejjem oħrajn		—
3010	**SC**	Żerriegħa u nebbieta mixtrija		—
3020	**SC**	Żerriegħa u nebbieta mkabbra u użati fl-azjenda agrikola		—
3030	**SC**	Fertilizzanti u sustanzi li jtejbu l-ħamrija		—

Kodiċi(*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	V	Q
3031	**SC**	Kwantità ta' N użat fil-fertilizzanti minerali	—	
30311	**SC**	li minnu urea solida (fakultattiva)	—	
30312	**SC**	li minnu urea fin-Nitrat tal-Urea u l-Ammonju u fis-Sulfat tal-Urea u l-Ammonju (fakultattiv)	—	
30313	**SC**	li minnu Nitrat tal-Kalċju u tal-Ammonju (fakultattiv)	—	
3032	**SC**	Kwantità ta' P_2O_5 użat fil-fertilizzanti minerali	—	
3033	**SC**	Kwantità ta' K_2O użat fil-fertilizzanti minerali	—	
3034	**SC**	Demel mixtri		—
3040	**SC**	Prodotti għall-ħarsien tal-għelejjel		—
3090	**SC**	Kostijiet speċifiċi tal-għelejjel oħrajn		—
4010	**OS**	Kostijiet speċifiċi għall-forestrija u l-ipproċessar tal-injam		—
4020	**OS**	Kostijiet speċifiċi għall-ipproċessar tal-għelejjel		—
4030	**OS**	Kostijiet speċifiċi għall-ipproċessar tal-prodotti tal-ħalib tal-baqar		—
4045	**OS**	Kostijiet speċifiċi għall-ipproċessar tal-ħalib ta' annimali oħra		—
4070	**OS**	Kostijiet speċifiċi għall-ipproċessar tal-laħam u ta' prodotti oħra tal-annimali		—
4090	**OS**	Kostijiet speċifiċi oħra għall-attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ		—
5010	**FO**	Manutenzjoni kurrenti tat-titjib tal-art u l-bini		—
5020	**FO**	Elettriku		—
5030	**FO**	Fjuwils għat-tisħin, total		—
5031	**FO**	li minnhom gass naturali u gassijiet manifatturati		—
5032	**FO**	li minnhom żejt u prodotti petroliferi		—
5033	**FO**	li minnhom fjuwils fossili solidi		—
5034	**FO**	li minnhom fjuwils rinnovabbli (injam, tiben, bijogass,...)		—
5035	**FO**	li minnhom ta' oriġini oħra		—
5040	**FO**	Ilma		—
5051	**FO**	Assigurazzjoni agrikola		—
5055	**FO**	Assigurazzjonijiet oħra tal-azjendi agrikoli		—
5061	**FO**	Taxxi u drittijiet oħrajn		—
5062	**FO**	Taxxi u pagamenti oħrajn fuq l-art u l-bini		—
5070	**FO**	Kera mħallsa, total		—
5071	**FO**	li minnha kera mħallsa għall-art		—
5080	**FO**	Imgħax u pagamenti finanzjarji mħallsa		—
5090	**FO**	Spejjeż ġenerali oħra tal-biedja		—

L-inputs tal-azjendi agrikoli (kostijiet fi flus kontanti u in natura, u kwantitajiet ta' inputs magħżula) huma relatati mal-"konsum" ta' riżorsi produttivi (inkluż l-użu fl-azjenda ta' inputs prodotti hemmhekk stess) li jikkorrispondu mal-produzzjoni tal-azjenda waqt is-sena kontabilistika jew mal-"konsum" ta' dawk ir-riżorsi tul is-sena kontabilistika. Meta ċertu użu jirreferi, f'parti minnu, għall-użu privat u, f'parti oħra, għall-użu mill-azjenda (eż. elettriku, ilma, fjuwils għat-tisħin u fjuwils tal-mutur, eċċ.), hija biss din l-aħħar parti li għandha tkun inkluża fil-prospett tal-biedja. Għandu wkoll ikun inkluż il-proporzjon tal-użu tal-karozzi privati li jikkorrispondi għall-użu tagħhom għal skopijiet relatati mal-azjenda.

Meta jiġu kkalkulati l-kostijiet li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni tas-sena kontabilistika, ix-xiri u l-użu mill-azjenda waqt is-sena għandhom jiġu aġġustati skont il-bidliet fil-valwazzjoni (inklużi bidliet fil-kultivazzjonijiet). Għal kull oġġett it-total ta' kostijiet imħallsa u l-valur tal-użu mill-azjenda agrikola għandhom jiġu rreġistrati separatament.

Meta l-kostijiet indikati jkunu għall-"konsum" totali tal-inputs tul is-sena kontabilistika iżda ma jkunux jikkorrispondu mal-produzzjoni tul dik is-sena, il-bidliet fl-istokkijiet tal-inputs għandhom jiġu indikati fit-Tabella D taħt il-kodiċi 1040 Inventarji, għajr għall-kostijiet imġarrba għat-tkabbir tal-għelejjel permanenti u tal-għelejjel wieqfa li jenħtieġ jiġu rreġistrati fl-Assi bijoloġiċi 2010 – pjanti.

Meta r-riżorsi ta' produzzjoni tal-azjenda (ħaddiema mħallsa jew mhux imħallsa, makkinarju jew tagħmir) jintużaw biex iżidu l-assi fissi (kostruzzjoni jew tiswijiet maġġuri ta' makkinarju, kostruzzjoni, tiswijiet maġġuri jew saħansitra tiġrif ta' bini, tħawwil jew qtugħ ta' siġar tal-frott), il-kostijiet korrispondenti — jew stima tagħhom — ma għandhomx jiġu inklużi fil-kostijiet tal-operat tal-azjenda. F'kull każ, il-kostijiet lavorattivi u s-sigħat maħduma għall-produzzjoni ta' assi fissi jridu jiġu esklużi kemm mill-kostijiet kif ukoll mid-*data* dwar il-ħaddiema. F'każijiet eċċezzjonali, jekk ċerti kostijiet (apparti minn kostijiet lavorattivi) użati għall-produzzjoni ta' assi fissi ma jkunux jistgħu jiġu kkalkulati separatament (eż. l-użu tat-trattur tal-azjenda) u jekk din in-nefqa tiġi mbagħad inkluża taħt fil-kostijiet, stima ta' dawn il-kostijiet kollha użati għall-produzzjoni ta' assi fissi trid tiddaħħal fit-Tabella I "Għelejjel" mal-kategorija tal-kodiċi tal-għelejjel 90900 ("Oħrajn").

Il-kostijiet relatati mal-"konsum" ta' assi kapitali huma rrappreżentati mid-deprezzament, u b'hekk in-nefqa fuq l-akkwist ta' assi kapitali ma għandhiex titqies bħala nefqa tal-azjenda. L-istruzzjonijiet dwar id-deprezzament huma stabbiliti fit-Tabella D "Assi".

In-nefqa fuq elementi ta' kost ikkumpensati waqt is-sena kontabilistika jew iktar tard (eż. tiswijiet ta' trattur b'riżultat ta' inċident kopert minn polza ta' assigurazzjoni jew mir-responsabbiltà ta' parti terza) ma għandhiex tiddaħħal bħala kost tal-azjenda agrikola, u d-dħul korrispondenti ma għandux jiġi inkluż fil-kontijiet tal-azjenda agrikola.

Id-dħul mill-bejgħ mill-ġdid ta' provvisti mixtrija irid jitnaqqas mill-inputs korrispondenti.

L-għotjiet u s-sussidji relatati ma' kostijiet ma jitnaqqsux mill-elementi ta' kost korrispondenti, iżda jiddaħħlu taħt kodiċijiet rilevanti mill-4100 sal-4900 fit-Tabella M "Sussidji" (ara l-istruzzjonijiet rigward dawk il-kodiċijiet). Għotjiet u sussidji għal investimenti jidhru fit-Tabella D "Assi".

Il-kostijiet jinkludu wkoll kull nefqa fuq xiri relatat ma' kull element ta' kost.

L-inputs huma kklassifikati kif ġej:

1010. *Kostijiet ta' pagi u sigurtà soċjali għal xogħol imħallas*

Dan il-punt jinkludi dan li ġej:

— salarji u pagi attwalment imħallsa fi flus kontanti lil min jaqla' paga irrispettivament mill-bażi tar-remunerazzjoni (xogħol magħmul minn ħaddiema parzjali jew bis-siegħa), bi tnaqqis ta' kull konċessjoni soċjali mħallsa lid-detentur, fil-kapaċità tiegħu bħala impjegatur, bħala kumpens għall-ħlas ta' salarju li ma jikkorrispondix għal xogħol li attwalment ikun sar (eż. assenza mix-xogħol minħabba inċident, taħriġ vokazzjonali, eċċ.),

— salarji u pagi in natura (eż. akkomodazzjoni, ikel, abitazzjoni, prodotti tal-azjenda agrikola, eċċ.),

— bonusijiet għall-produttività jew għal kwalifiki, rigali, gratwitajiet, qsim tal-profitti,

— infiq ieħor assoċjat ma' xogħol (spejjeż ta' reklutaġġ),

— pagamenti tas-sigurtà soċjali li għandhom isiru minn min iħaddem u dawk imħallsa minnu f'isem u minflok l-impjegat,

— assikurazzjoni tal-aċċidenti okkupazzjonali.

Il-pagamenti ta' sigurtà soċjali u l-assigurazzjoni personali tad-detentur u dawk tal-ħaddiema mhux imħallsa ma għandhomx jitqiesu bħala kostijiet tal-azjenda agrikola.

L-ammonti li jirċievu l-ħaddiema mhux imħallsa (li skont id-definizzjoni huma inqas minn paga normali – ara d-definizzjoni ta' xogħol bla ħlas) ma għandhomx jidhru fil-prospett tal-biedja.

Konċessjonijiet (fi flus kontanti jew in natura) imħallsa lill-ħaddiema mħallsa rtirati u li ma għadhomx impjegati mal-azjenda ma għandhomx jiddaħħlu f'dan il-punt, imma taħt il-kodiċi "Spejjeż ġenerali oħrajn tal-biedja".

1020. *Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju*

Dan il-punt jinkludi dan li ġej:

— in-nefqa totali fir-rigward ta' xogħol fl-azjenda agrikola mwettaq minn kuntratturi agrikoli. Dan jista' jinkludi l-kost tal-użu tat-tagħmir (inkluż il-fjuwil) u x-xogħol. F'każ li l-kost tal-materjali użati għajr il-fjuwil (jiġifieri, il-prodotti għall-protezzjoni tal-għelejjel, il-fertilizzanti u ż-żrieragħ) ikun inkluż ukoll fil-kuntratt, il-kost ta' dawn il-materjali għandu jiġi eskluż. Dan l-ammont (jekk meħtieġ permezz ta' stima) għandu jiddaħħal taħt l-element ta' kost korrispondenti (eż., pestiċidi li għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi 3040 "Prodotti għall-protezzjoni tal-għelejjel"),

— il-kost tal-kiri ta' magni użati mill-ħaddiema tal-azjenda agrikola. Il-kostijiet tal-fjuwil relatati mal-użu tal-makkinarju mikri, għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi 1040 "Fjuwils u lubrikanti tal-magni",

— il-prezz għall-kiri ta' magni użati mill-ħaddiema tal-azjenda agrikola. Il-kostijiet tal-fjuwil u tal-manutenzjoni tal-magni mikrija għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċijiet rilevanti (il-kodiċijiet 1030 "Manutenzjoni attwali ta' makkinarju u tagħmir" u 1040 "Fjuwils u lubrikanti tal-magni").

1021. *Xogħol b'kuntratt*

Il-kost tal-ħaddiema bil-kuntratt ma jinkludix il-kost tal-użu tat-tagħmir. Din tinkludi l-kost tal-ħaddiema reklutati permezz ta' partijiet terzi (eż., aġenziji ta' impjieg temporanju).

1022. *Kiri ta' makkinarju*

Il-kost tal-kiri u l-lokazzjoni ta' magni mħaddma mill-ħaddiema tal-azjenda agrikola u l-kost tal-fornituri tas-servizzi inklużi kemm il-ħaddiema b'kuntratt kif ukoll il-provvista ta' makkinarju.

1030. *Manutenzjoni kurrenti tal-makkinarju u l-apparat*

Il-kost tal-manutenzjoni tal-makkinarju u t-tagħmir u ta' tiswijiet żgħar li ma jaffettwawx il-valur fis-suq tal-apparat (ħlas tal-mekkanik, prezz tal-partijiet ta' sostituzzjoni, eċċ.).

Dan il-punt jinkludi x-xiri ta' tagħmir żgħir, il-kost ta' oġġetti magħmulin minn sarraġġ u tax-xogħol tan-nagħal taż-żwiemel, ix-xiri ta' tajers, l-oqfsa ta' appoġġ, il-ħwejjeġ protettivi għal xogħol mhux sanitarju, id-deterġenti għat-tindif ta' tagħmir b'mod ġenerali, u l-proporzjon tal-kost tal-karrozzi privati li jikkorrispondu għall-użu tagħhom għal skopijiet tal-azjenda agrikola (ara wkoll il-kodiċi 1050). Id-deterġenti użati għat-tindif tat-tagħmir tal-bhejjem (eż., magni tal-ħlib) jiddaħħlu taħt il-kodiċi 2090 "Kostijiet speċifiċi oħrajn tal-bhejjem".

Tiswijiet maġġuri li jżidu l-valur tat-tagħmir meta mqabbel mal-valur tiegħu qabel ma jsiru t-tiswijiet mhumiex inklużi taħt dan il-kodiċi (ara wkoll l-istruzzjonijiet dwar id-deprezzament fit-tabella D "Assi").

1040. *Fjuwils u lubrikanti tal-mutur*

Dan il-punt jinkludi wkoll il-proporzjon tal-kostijiet tal-fjuwils u l-lubrikanti għall-karozzi privati li jikkorrispondi għall-użu tagħhom għal skopijiet tal-azjenda agrikola (ara wkoll il-kodiċi 1050).

Meta l-prodotti jintużaw kemm bħala fjuwil tal-mutur kif ukoll għat-tisħin, is-somma totali tinqasam f'żewġ kodiċijiet:

1040.	"Fjuwils u lubrikanti tal-mutur".
5030.	"Fjuwils għat-tisħin".

1050. *Spejjeż tal-karozzi*

Meta l-proporzjon tan-nefqa fuq karrozzi privati tal-azjenda agrikola jiġi kkalkulat b'mod arbitrarju (eż.,ammont fiss għal kull kilometru), dawn il-kostijiet jiġu indikati taħt dan il-kodiċi.

Għalf tal-bhejjem

L-għalf tal-bhejjem użat jinqasam f'dak mixtri u dak prodott fl-azjenda.

L-għalf tal-bhejjem mixtri jinkludi supplimenti minerali, prodotti tal-ħalib (mixtrija jew irritornati lill-azjenda agrikola) u prodotti għall-preservazzjoni u l-ħżin tal-għalf, kif ukoll in-nefqa fuq ir-ragħa, fuq l-użu ta' għelieqi u mergħat komuni mhux inklużi fl-EAU, u fuq il-kiri ta' art għat-tkabbir tal-għalf mhux inkluża fl-EAU. Il-mifrex u t-tiben mixtrija huma inklużi wkoll mal-għalf mixtri.

L-għalf mixtri għall-bhejjem li jirgħu jinqasam f'għalf ikkonċentrat u foraġġ mhux irraffinat (inklużi in-nefqa fuq ir-ragħa u l-użu ta' għelieqi u mergħat komuni u artijiet għat-tkabbir tal-għalf mhux inklużi fl-EAU, u l-mifrex u t-tiben mixtrija).

Il-kodiċi 2010 "Għalf ikkonċentrat mixtri għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)" jinkludi b'mod partikolari kejkijiet taż-żejt, għalf kompost, ċereali, ħaxix imnixxef, polpa mnixxfa tal-pitrava zokkrija, ħut miżħun, ħalib u prodotti tal-ħalib, minerali u prodotti għall-preservazzjoni u l-ħżin ta' dan l-għalf.

In-nefqa fuq xogħol imwettaq minn kuntratturi agrikoli għall-produzzjoni ta' foraġġ mhux irraffinat, eż., silaġġ, hija mdaħħla taħt il-kodiċi 1020 "Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju".

L-għalf tal-bhejjem prodott u użat fl-azjenda agrikola jinkludi prodotti tal-azjenda agrikola użati bħala għalf tal-bhejjem li jistgħu jinbiegħu (inkluż ħalib u prodotti tal-ħalib, imma esklużi l-ħalib li jerdgħu l-għoġġiela, li ma għandux jitqies). Il-mifrex u t-tiben prodotti mill-azjenda jiġu inklużi biss jekk ikunu prodott li jista' jinbiegħ fir-reġjun u fis-sena inkwistjoni.

Trid tingħata d-diżaggregazzjoni li ġejja

— Għalf tal-bhejjem mixtri:

2010.	**Għalf ikkonċentrat mixtri għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)**
2020.	**Foraġġ mhux irraffinat mixtri għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)**
2030.	**Għalf mixtri għall-qżieqeż**
2040.	**Għalf mixtri għall-pollam u annimali żgħar oħra**

— Għalf tal-bhejjem prodott fl-azjenda agrikola li jintuża fl-azjendi agrikoli:

2050.	**Għalf prodott fl-azjenda agrikola għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)**
2060.	**Għalf prodott fl-azjenda agrikola għall-qżieqeż**
2070.	**Għalf prodott fl-azjenda agrikola għall-pollam u annimali żgħar oħra**

2080. *Spejjeż veterinarji*

L-ispejjeż tal-miżati tal-veterinarji u tal-mediċini.

2090. *Kostijiet speċifiċi tal-bhejjem oħrajn*

In-nefqa kollha direttament relatata mal-produzzjoni tal-bhejjem li ma jaqgħu taħt ebda dispożizzjoni separata fil-kodiċijiet l-oħrajn tat-Tabella H: pagamenti għall-kiri taż-żwiemel tar-razza għat-tgħammir, inseminazzjoni artifiċjali, tiswija, testijiet tal-ħalib, abbonament u reġistrazzjoni fil-kotba tal-merħliet, deterġenti għat-tindif ta' tagħmir tal-bhejjem (eż. magni tal-ħlib), materjali tal-ippakkjar għal prodotti tal-bhejjem, l-ispejjeż tal-ħżin u l-preparazzjoni għas-suq ta' prodotti tal-bhejjem tal-azjenda magħmula barra l-azjenda, l-ispiża tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-bhejjem tal-azjenda, l-ispejjeż tar-rimi tad-demel żejjed, eċċ. L-ispejjeż jinkludu wkoll il-kiri għal żmien qasir ta' bini użat għaż-żamma ta' annimali jew għall-ħżin ta' prodotti konnessi magħhom. Ma tinkludix il-kostijiet speċifiċi tal-ipproċessar ta' prodotti tal-annimali kif irreġistrati taħt il-kodiċijiet mill-4030 sal-4070 tat-Tabella H.

3010. *Żerriegħa u nebbieta mixtrija*

Iż-żerriegħa u n-nebbieta mixtrija kollha, inklużi basal, basal tal-qasab, u tuberi. Il-kostijiet ta' siġar żgħar u arbuxelli għal tħawwil mill-ġdid jirrappreżentaw investiment u għandhom jidhru jew taħt il-kodiċi 2010 tat-Tabella D "Assi bijoloġiċi — pjanti" jew taħt il-kodiċi 5010 tat-Tabella D "Art tal-foresti, inkluż injam wieqaf". Madankollu, l-kostijiet ta' siġar żgħar u arbuxelli għal operazzjoni minuri ta' tħawwil mill-ġdid iridu jitqiesu bħala kostijiet għas-sena kontabilistika u jridu jiġu indikati taħt dan il-kodiċi ħlief għal dawk relatati ma' foresti marbuta mal-azjenda agrikola li jridu jiddaħħlu taħt il-kodiċi 4010 "Kostijiet speċifiċi relatati mal-forestrija u l-ipproċessar tal-injam".

Il-kostijiet tal-ipproċessar taż-żerriegħa (tqassim diżinfettar) huma inklużi wkoll taħt dan il-kodiċi.

3020. *Żerriegħa u nebbieta mkabbra u użati fl-azjenda agrikola*

Iż-żerriegħa u n-nebbieta mixtrija kollha (inklużi basal, basal tal-qasab u tuberi) imkabbra u użati fl-azjenda agrikola.

3030. *Fertilizzanti u sustanzi li jtejbu l-ħamrija*

Il-fertilizzanti kollha mixtrija u t-tejjieba tal-ħamrija (eż. il-ġir) inkluż il-kompost, il-pit u d-demel (eskluż id-demel prodott fl-azjenda).

Il-fertilizzanti u t-tejjieba tal-ħamrija użati għall-foresti li jiffurmaw parti mill-azjenda agrikola jridu jiddaħħlu taħt il-kodiċi 4010 "Kostijiet speċifiċi relatati mal-forestrija u l-ipproċessar tal-injam".

3031 *Kwantità fi qnatarkwintali ta' N użat f'fertilizzanti minerali*

30311 *li minnu urea solida (fakultattiva)*

Kwantità (piż) ta' nitroġenu f'termini ta' N f'fertilizzant solidu tal-urea

30312 *li minnu urea f'fertilizzant tan-Nitrat tal-Ammonju u l-Urea u tas-Sulfat tal-Ammonju u l-Urea*

Kwantità (piż) ta' nitroġenu f'termini ta' N f'fertilizzanti tan-Nitrat tal-Ammonju u l-Urea u tas-Sulfat tal-Ammonju u l-Urea (fakultattiva)

30313 *li minnhom fertilizzanti tan-Nitrat tal-Kalċju tal-Ammonju*

Kwantità (piż) ta' nitroġenu f'termini ta' N f'Nitrat tal-Kalċju tal-Ammonju (fakultattiva)

3034. *Demel mixtri*

Il-valur tad-demel mixtri.

3040. *Prodotti għall-ħarsien tal-għelejjel*

Il-materjal kollu għall-ħarsien tal-għelejjel u tal-pjanti kontra organiżmi ta' ħsara u mard, predaturi, temp ħażin, eċċ. (insettiċidi, fungiċidi, erbiċidi, lixki bil-velenu, affarijiet li jbeżżgħu l-għasafar, gverti kontra s-silġ, ħarsien kontra l-ġelu, eċċ.). Jekk l-operazzjonijiet għall-ħarsien tal-għelejjel jitwettqu minn kuntrattur u jekk il-prezz tal-materjali ta' protezzjoni użati ma jkunx magħruf separatament, it-total għandu jiddaħħal taħt il-kodiċi 1020 "Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju".

Il-materjali protettivi użati għal foresti li jiffurmaw parti mill-azjenda agrikola jridu jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi 4010 "Kostijiet speċifiċi relatati mal-forestrija u l-ipproċessar tal-injam".

3090. *Kostijiet speċifiċi tal-għelejjel oħrajn*

Il-kostijiet kollha direttament relatati mal-produzzjoni tal-għelejjel (inklużi mergħat u bur permanenti) li għalihom ma hemm l-ebda dispożizzjoni separata fl-elementi ta' kost l-oħrajn: materjali tal-ippakkjar u l-irbit, spagi u ħbula, il-kostijiet tal-analiżi tal-ħamrija, il-kostijiet tal-kompetizzjonijiet tal-għelejjel, il-kisi tal-plastik (eż., għat-tkabbir tal-frawli), provvisti għall-preservazzjoni tal-għelejjel, il-ħżin u t-tħejjija għas-suq ta' għelejjel magħmula barra l-azjenda, il-kost tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-għelejjel tal-azjenda, ammonti mħallsa għax-xiri ta' għelejjel weqfin li jistgħu jitqiegħdu fis-suq jew għall-kiri ta' art għal perjodu ta' inqas minn sena għat-tkabbir ta' għelejjel li jistgħu jitqiegħdu fis-suq, provvisti tal-għeneb u ż-żebbuġ ipproċessati fl-azjenda, eċċ. Eskludi l-kostijiet speċifiċi tal-ipproċessar ta' għelejjel apparti l-għeneb u ż-żebbuġ, li għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi 4020. Inkluż ukoll il-kiri fuq terminu qasir ta' bini użat għal għelejjel li jistgħu jitqiegħdu fis-suq.

4010. *Kostijiet speċifiċi għall-forestrija u l-ipproċessar tal-injam*

Fertilizzanti, materjali protettivi, kostijiet speċifiċi mixxelllanji. Il-kostijiet lavorattivi, ix-xogħol b'kuntratt u l-mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati tal-kost.

4020. *Kostijiet speċifiċi għall-ipproċessar tal-għelejjel*

Ingredjenti, materja prima jew prodotti semiproċessati, tagħhom stess jew mixtrija u kostijiet speċifiċi oħra tal-ipproċessar tal-għelejjel (eż., il-kostijiet speċifiċi tal-ippakkjar jew tal-kummerċjalizzazzjoni). Il-kostijiet lavorattivi, ix-xogħol b'kuntratt u l-mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati tal-kost.

4030. *Kostijiet speċifiċi marbuta mal-ipproċessar tal-prodotti tal-ħalib tal-baqar*

Ingredjenti, materja prima jew prodotti semiproċessati, tagħhom stess jew mixtrija, u proċessar tal-ħalib tal-baqra ieħor (eż., il-kostijiet speċifiċi tal-ippakkjar jew tal-kummerċjalizzazzjoni). Il-kostijiet lavorattivi, ix-xogħol b'kuntratt u l-mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati tal-kost.

4045. *Kostijiet speċifiċi għall-ipproċessar tal-ħalib ta' annimali oħra*

Ingredjenti, materja prima jew prodotti semiproċessati, tagħhom stess jew mixtrija u kostijiet speċifiċi oħra tal-ipproċessar tal-ħalib ta' annimali oħra (eż., tal-buflu, tan-nagħġa, tal-mogħża) (eż. Il-kostijiet speċifiċi tal-ippakkjar jew tal-kummerċjalizzazzjoni). Il-kostijiet lavorattivi, ix-xogħol b'kuntratt u l-mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati tal-kost.

4070. *Kostijiet speċifiċi għall-ipproċessar tal-laħam u ta' prodotti oħra tal-annimali*

Ingredjenti, materja prima jew prodotti semiproċessati, tagħhom stess jew mixtrija u kostijiet speċifiċi oħra tal-ipproċessar tal-laħam jew prodotti oħra tal-annimali mhux imsemmija taħt il-kodiċijiet 4030 sa 4060 (eż., il-kostijiet speċifiċi tal-imballaġġ jew tal-kummerċjalizzazzjoni). Il-kostijiet lavorattivi, ix-xogħol b'kuntratt u l-mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati tal-kost.

4090. *Kostijiet speċifiċi oħra għall-attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ*

Materja prima, tagħhom stess jew mixtrija, u kostijiet speċifiċi oħra ta' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ. Il-kostijiet lavorattivi, ix-xogħol b'kuntratt u l-mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati tal-kost.

5010. *Manutenzjoni kurrenti tat-titjib tal-art u l-bini*

Manutenzjoni (tat-tip tal-inkwilin) ta' bini u titjib tal-art inklużi serer, tipi ta' oqfsa u appoġġi. Ix-xiri ta' materjali tal-bini għall-manutenzjoni kurrenti tal-bini għandu jiddaħħal taħt dan il-kodiċi.

Ix-xiri ta' materjali tal-bini għal investimenti ġodda għandu jiddaħħal taħt il-kodiċijiet rilevanti fil-grupp ta' informazzjoni "Investimenti/Xiri" tat-Tabella D "Assi".

Il-kost ta' tiswijiet maġġuri fil-bini li jżidu l-valur tiegħu (manutenzjoni maġġuri) mhumiex inklużi taħt dan il-kodiċi. Dawn il-kostijiet jidhru bħala investimenti taħt il-kodiċi 3030 tat-Tabella D "Bini agrikolu".

5020. *Elettriku*

Il-konsum totali tal-elettriku għall-użu kummerċjali tal-azjenda agrikola.

5030. *Fjuwils għat-tisħin (total)*

Valur tal-konsum totali ta' fjuwils għat-tisħin mixtrija għall-użu kummerċjali tal-azjenda agrikola, inkluż it-tisħin ta' serer. Din il-kategorija tinkludi l-konsum għat-tisħin tal-fjuwils fossili mixtrija: gassijiet naturali u manifatturati, żejt, prodotti petroliferi u fjuwils fossili solidi kif ukoll il-konsum ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli mixtrija (eż. injam, tiben, gerbub, bijogass).

5031. *Li minnhom gass naturali u gassijiet manifatturati*

Il-konsum totali tal-gass naturali u ta' gassijiet oħra manifatturati u bbażati fuq il-fossili għall-użu kummerċjali tal-azjenda agrikola, inkluż it-tisħin tas-serer.

5032. *Li minnhom żejt u prodotti tal-petroleum*

Il-konsum totali taż-żejt u tal-prodotti tal-petroleum għall-użu kummerċjali tal-azjenda agrikola, inkluż it-tisħin tas-serer.

5033. *Li minnhom fjuwils fossili solidi*

Il-konsum totali ta' fjuwils fossili solidi (eż., faħam) għall-użu kummerċjali tal-azjenda agrikola, inkluż it-tisħin tas-serer.

5034. *Li minnhom fjuwils rinnovabbli*

Il-konsum totali ta' fjuwils rinnovabbli (eż. injam, tiben, gerbub, bijogass) għall-użu kummerċjali tal-azjenda agrikola, inkluż it-tisħin tas-serer.

Il-preżentazzjoni tad-*data* relatata mal-varjabbli 5031, 5032, 5033 u 5034 hija volontarja mis-sena kontabilistika 2023 u obbligatorja mis-sena kontabilistika 2025.

5035. *Li minnhom oriġini oħra*

Il-konsum totali ta' enerġija prodotta minn oriġini oħra mhux inkluża f'kategoriji preċedenti. Eżempji jistgħu jkunu ġeotermali, tisħin distrettwali eċċ.

It-tisħin distrettwali jipprovdi sħana minn post ċentralizzat. F'din is-sistema, impjant ċentrali jiġġenera s-sħana fil-forma ta' misħun, spiss permezz tal-kombustjoni tal-fjuwils fossili, il-bijomassa, jew sorsi rinnovabbli oħra, u jiddistribwiha permezz ta' network ta' pajpijiet.

5040. *Ilma*

Il-kost ta' konnessjoni mal-mejns u l-konsum tal-ilma għall-iskopijiet kollha tal-azjenda agrikola, inkluża l-irrigazzjoni. Il-kostijiet għall-użu ta' apparat tal-ilma tal-azjenda agrikola jridu jiddaħħlu taħt il-kodiċijiet xierqa: deprezzament ta' makkinarju u apparat, manutenzjoni kurrenti ta' makkinarju u apparat, fjuwils tal-muturi, elettriku.

5051. *Assigurazzjoni agrikola*

Il-kost tal-assigurazzjoni b'rabta mal-introjtu li ġej mill-produzzjoni agrikola jew kwalunkwe komponent tagħha, inkluża assigurazzjoni kontra l-mewt ta' annimali u ħsara fl-għelejjel eċċ. Jinkludi t-tariffa tal-parteċipazzjoni f'fondi mutwi.

5055. *Assigurazzjonijiet oħra tal-azjendi agrikoli*

Il-primjums tal-assigurazzjoni kollha li jkopru r-riskji tal-azjenda agrikola (għajr dawk agrikoli), bħar-responsabbiltà tad-detentur lejn partijiet terzi, nar, għargħar, għajr primjums tal-assigurazzjoni li jkopru inċidenti fuq il-post tax-xogħol, li jidhru taħt il-kodiċi 1010 ta' din it-tabella. Dawn jinkludu l-primjums ta' assigurazzjoni għall-bini.

5061. *Taxxi u drittijiet oħrajn marbuta mal-azjenda agrikola*

It-taxxi u d-drittijiet l-oħrajn marbuta mal-kummerċ tal-azjenda agrikola, inklużi dawk imposti b'konnessjoni mal-miżuri ta' ħarsien ambjentali, imma eskluži l-VAT u t-taxxi imposti fuq art, bini jew xogħol. It-taxxi diretti fuq l-introjtu tad-detentur ma għandhomx jingħaddu bħala kostijiet tal-azjenda agrikola.

5062. *Taxxi u pagamenti oħrajn fuq l-art u l-bini*

Taxxi, rati u ħlasijiet oħra pagabbli fir-rigward tas-sjieda ta' art agrikola u bini okkupat mis-sid u l-mezzadrija.

5070. *Kera mħallsa*

Kera mħallsa (fi flus kontanti jew in natura) għal art mikrija, bini, kwoti u drittijiet oħrajn għall-kummerċ tal-azjenda agrikola. Għandha tiddaħħal biss il-parti kummerċjali tal-azjendi agrikoli u ta' bini ieħor mikri. Kostijiet ta' kiri ta' kwoti mhux marbuta mal-art għandhom jiddaħħlu wkoll fit-Tabella E.

5071. *Li minnha kera mħallsa għall-art*

5080. *Imgħax u pagamenti finanzjarji mħallsa*

Imgħax u pagamenti finanzjarji fuq kapital misluf (self) miksub għall-iskopijiet tal-azjenda agrikola. Din l-informazzjoni hija obbligatorja.

Is-sussidji fuq l-interessi ma għandhomx jitnaqqsu, imma għandhom jiddaħħlu fit-Tabella M taħt il-kodiċi 3550.

5090. *Spejjeż ġenerali oħra tal-biedja*

Il-kostijiet l-oħrajn kollha tal-biedja mhux imsemmija taħt il-kodiċi preċedenti (tariffi ta' kontabilisti, servizzi segretarjali u spejjeż tal-uffiċċju, pagamenti tat-telefown, kontribuzzjonijiet u abbonamenti mixxellanji, eċċ.).

Tabella I

Użu tal-art u għelejjel

Struttura tat-tabella:

Kategorija ta' għelejjel	**Kodiċi (*)**
Tip ta' għalla	**Kodiċi (**)**
Data nieqsa	**Kodiċi (***)**

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni						
		Erja totali	li minnha irrigata	li minnha użata għal għelejjel għall-enerġija	li minnha kompletament organika	li minnha fi stat ta' konverżjoni organika	Kwantità	Valur
		TA	**IR**	**EN**	**OR**	**CO**	**Q**	**V**
A	Erja						—	—
NU	Kwantità ta' N użat fil-fertilizzanti minerali	—	—	—	—	—		—
PU	Kwantità ta' P_2O_5 użat fil-fertilizzanti minerali	—	—	—	—	—		—
KU	Kwantità ta' K_2O użat fil-fertilizzanti minerali	—	—	—	—	—		—
OV	Valwazzjoni tal-ftuħ	—	—	—	—	—	—	
CV	Valwazzjoni tal-għeluq	—	—	—	—	—	—	
PR	Produzzjoni	—	—	—	—	—		—
SA	Bejgħ	—	—	—	—	—		
FC	Konsum ta' unitajiet domestiċi agrikoli u benefiċċji in natura	—	—	—	—	—	—	
FU	Użu tal-azjenda agrikola	—	—	—	—	—	—	

Għall-kategorija ta' għelejjel iridu jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
Ċereali għall-produzzjoni tal-ħbub (inkluż iż-żieragħ)	
10110	Qamħ komuni u spelt
10120	Qamħ durum
10130	Segala u taħlitiet ta' ċereali tax-xitwa (maslin)
10140	Xgħir
10150	Ħafur u taħlitiet ta' ċereali tar-rebbiegħa (ħbub imħallta għajr il-maslin)
10160	Żerriegħa tal-qamħirrum u taħlita taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum
10170	Ross
10190	Tritikal, sorgu u ċereali oħra m.k.b. (qamħ Saraċin, millieġ, skalora, eċċ.)
Bus u ħemes imnixxfa u għelejjel tal-proteini għall-produzzjoni tal-ħbub (inkluż żieragħ u taħlitiet ta' ċereali u bus u ħemes)	
10210	Piżelli tal-għalqa, fażola u lupin ħelu
10220	Għads, ċiċri u ġulbiena
10290	Għelejjel tal-proteini oħra
Għeruq u Tuberi	
10300	Patata (inkluż patata bikrija u patata taż-żrigħ)
10310	- li minnha patata għal-lamtu
10390	— li minnha patata oħra
10400	Pitravi zokkrija (għajr iż-żerriegħa)
10500	Għelejjel tal-għeruq oħra, pitravi tal-foraġġ u pjanti tal-foraġġ tal-familja *Brassicae*, imkabbra għall-għeruq jew għaz-zokk, u għelejjel tal-għeruq u tuberi oħra tal-foraġġ m.k.b.
Għelejjel industrijali	
10601	Tabakk
10602	Ħops
10603	Qoton
10604	Żieragħ tal-lift u tal-lift tan-nevew
10605	Żerriegħa tal-ġirasol
10606	Sojja
10607	Kittien għaż-żejt (żerriegħa tal-kittien)
10608	Għelejjel oħra taż-żieragħ żejtnin m.k.b.
10609	Kittien għall-fibra
10610	Qanneb
10611	Għelejjel tal-fibra oħra m.k.b.
10612	Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinarji
10613	Kannamieli
10690	Għelejjel għall-enerġija u industrijali oħra m.k.b.

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
Ħxejjex friski, bettieħ u frawli li minnhom:	
Ħxejjex friski, bettieħ u frawli — Imkabbrin barra jew taħt għata protettiva baxxa (mhux aċċessibbli)	
10711	Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli - Għelieqi fil-miftuħ
10712	Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli - Ortikultura kummerċjali
10720	Ħxejjex friski (inkluż bettieħ) u frawli taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli
Dettalji għas-subkategoriji kollha ta' "ħxejjex friski (inklużi l-bettieħ u l-frawli):	
10731	Pastard u brokkli
10732	Ħass
10733	Tadam
10734	Qamħirrun
10735	Basal
10736	Tewm
10737	Karrotti
10738	Frawli
10739	Bettieħ
10790	Ħaxix ieħor
Fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-mixtliet)	
10810	Fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-mixtliet) - imkabbrin barra
10820	Fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-mixtliet) taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli
Dettalji għas-subkategoriji kollha ta' "fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-imxietel)	
10830	Basal tal-fjuri, basal tuberużi u tuberi
10840	Fjuri maqtugħin u blanzuni
10850	Fjuri u pjanti ornamentali
Pjanti maħsuda fi stadju bikri	
10910	Ħaxix u mergħat temporanji
Pjanti oħra maħsuda fi stadju bikri	
10921	Qamħirrum aħdar
10922	Pjanti leguminużi maħsuda fi stadju bikri
10923	Pjanti u ċereali oħra maħsuda fi stadju bikri m.k.b.
Żrieragħ u nebbieta u għelejjel tar-raba' oħra	
11000	Żrieragħ u nebbieta
11100	Għelejjel tar-raba' oħra
Art mistrieħa	
11200	Art mistrieħa
Ġonna kulinari	
20000	Ġonna kulinari

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
Art bil-ħaxix permanenti	
30100	Mergħat u ragħa, għajr il-mergħat mhux ikkultivati
30200	Mergħat mhux ikkultivati
30300	Art bil-ħaxix permanenti li ma għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni u li jkunu eliġibbli għall-ħlas ta' sussidji
Għelejjel permanenti	
Speċijiet ta' frott, li minnhom:	
40101	Frott taż-żerriegħa
40111	— li minnhom tuffieħ
40112	— li minnhom lanġas
40102	Frott tal-għadma
40113	— li minnhom ħawħ u nuċiprisk
40115	Frott minn żoni klimatiċi subtropikali u tropikali
40120	Bakek (eskluż frawli)
40130	Ġwież
Pjantaġġuni taċ-ċitru	
40200	Frott taċ-ċitru
40210	— li minnhom lariġ
40230	— li minnhom lumi
Pjantaġġuni taż-żebbuġ	
40310	Żebbuġ tal-mejda
40320	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt (mibjugħ f'għamla ta' frott)
40330	Żejt taż-żebbuġa
40340	Prodotti sekondarji taż-żebbuġ
Vinji	
40411	Inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP)
40412	Inbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)
40420	Inbejjed oħra
40430	Għeneb tal-mejda
40440	Għeneb għaż-żbib
40451	Għeneb għal inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP)
40452	Għeneb għal inbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)
40460	Għeneb għal inbejjed oħra
40470	Prodotti mixxellanji tal-vinji: most tal-għeneb, meraq, brandi, ħall u oħrajn prodotti fl-azjenda agrikola
40480	Prodotti sekondarji tal-vinji (lbieba, naqal)

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
Mixtliet, għelejjel permanenti oħra, għelejjel permanenti taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli u pjantaġġuni żgħar	
40500	Mixtliet
40600	Għelejjel permanenti oħrajn
40610	— li minnhom siġar tal-Milied
40700	Għelejjel permanenti taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli
40800	Tkabbir ta' pjantaġġuni żgħar
Art oħra	
50100	Art agrikola mhux użata
50200	Masġar
50210	— li minnha rqajja' b'newba qasira
50900	Art oħra (art okkupata minn bini, irziezet, passaġġi, għadajjar, barrieri, art mhux għammiela, blat, eċċ.)
60000	Faqqiegħ kultivat
Prodotti oħra u dħul ieħor	
90100	Dħul mill-kiri ta' art agrikola
90200	Kumpens minn assigurazzjoni tal-għelejjel mhux allokabbli lil għelejjel speċifiċi
90300	Prodotti sekondarji tal-għelejjel għajr miż-żebbuġ u mill-vinji
90310	Tiben
90320	Fjur tal-pitravi zokkrija
90330	Prodotti sekondarji oħra
90900	Oħrajn

Il-kodiċi tat-tipi ta' għelejjel iridu jingħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
0	*Mhux applikabbli*: dan il-kodiċi jrid jintuża fil-każ ta' prodotti proċessati, stokkijiet u prodotti sekondarji.
1	*Għelejjel tal-għalqa — għalla ewlenija*, għelejjel ikkombinati: tal-għalqa ewlenin u kkombinati jikkonsistu f'dawn li ġejjin: — għelejjel waħdiena, jiġifieri li jkunu l-uniċi mkabbra f'erja partikolari matul is-sena kontabilistika, — għelejjel imħallta: għelejjel miżrugħa, ikkultivati u maħsuda flimkien u li jipproduċu taħlita bħala l-prodott finali, — fil-każ ta' għelejjel imkabbra suċċessivament matul is-sena kontabilistika f'żona partikolari, l-għalla li ddum l-aktar fl-art, — Għelejjel imkabbra għal xi żmien flimkien fl-istess art u li kull waħda minnhom normalment tipproduċi ħsad distint waqt is-sena kontabilistika. L-erja totali hija maqsuma bejn dawn l-għelejjel fi proporzjon mal-erja attwalment okkupata minn kull waħda, — ħaxix frisk, bettieħ u frawli mkabbra f'għelieqi fil-miftuħ
2	*Għelejjel tal-għalqa — għalla b'segwitu*: l-għelejjel b'segwitu jikkonsistu f'għelejjel imkabbra wara xulxin matul is-sena kontabilistika f'erja partikolari u mhux meqjusa bħala għelejjel ewlenin.
3	*Għelejjel tal-ġardinaġġ kummerċjali u fjuri mkabbra fil-miftuħ*: l-għelejjel tal-ġardinaġġ kummerċjali u l-fjuri mkabbra fil-miftuħ jikkonsistu fi ħxejjex friski, bettieħ u frawli mkabbra f'ġonna kummerċjali fil-miftuħ u fjuri u pjanti ornamentali mkabbra fil-miftuħ.

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
4	*Għelejjel taħt kenn aċċessibbli*: għelejjel taħt kenn aċċessibbli jikkonsistu fi ħxejjex friski, bettieħ u frawli taħt kenn, fjuri u pjanti ornamentali (annwali jew perenni) taħt kenn, għelejjel permanenti taħt kenn.

Il-kodiċijiet tad-*data* nieqsa jridu jingħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (***)	Deskrizzjoni
0	Il-kodiċi 0 jiddaħħal meta l-ebda *data* ma tkun nieqsa.
1	Il-kodiċi 1 jiddaħħal meta l-erja koperta minn għalla ma tkunx tista' tiġi rrappurtata, pereżempju fil-każ ta' bejgħ ta' prodotti tal-għelejjel li jistgħu jitqiegħdu fis-suq mixtrija bħala għelejjel wieqfa jew li ġejjin minn art mikrija għal perjodu ta' inqas minn sena fuq bażi okkażjonali.
2	Il-kodiċi 2 jiddaħħal meta l-produzzjoni attwali ma tkunx tista' tiġi ddeterminata fi qnatar (jew ettolitri għall-inbid u prodotti relatati mal-inbid) minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ jew meta ma jkun hemm l-ebda produzzjoni attwali.
4	Il-kodiċi 4 jiddaħħal meta l-erja koperta minn għalla ma tkunx tista' tiġi rrappurtata u ma jkun hemm l-ebda produzzjoni attwali jew il-produzzjoni attwali ma tkunx tista' tiġi ddeterminata fi qnatar (jew ettolitri għall-inbid u l-prodotti relatati mal-inbid)

L-informazzjoni dwar il-produzzjoni tal-għelejjel matul is-sena kontabilistika trid tiġi rreġistrata fil-format tat-Tabella I "Għelejjel". L-informazzjoni dwar kull għalla trid tiġi rreġistrata f'rekord separat. Il-kontenut tat-tabella huwa ddefinit billi jintgħażlu l-kategorija ta' kodiċi tal-għalla, it-tip ta' kodiċi tal-għalla u l-kodiċi tad-*data* nieqsa.

Informazzjoni dettaljata rigward il-patata (kodiċijiet 10310, 10390), il-ħxejjex friski, il-bettieħ u l-frawli (kodiċijiet 10731, 10732, 10733, 10734, 10735, 10736, 10737, 10738, 10739, 10790), il-fjuri u l-pjanti ornamentali (kodiċijiet 10830, 10840, 10850) u l-prodotti sekondarji tal-għelejjel apparti ż-żebbuġ u d-dielja (kodiċijiet 90310, 90320, 90330) għandha tingħata biss jekk id-*data* tkun disponibbli fil-kontijiet tal-azjenda agrikola.

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA I

It-tabella I fiha l-gruppi ta' informazzjoni li ġejjin:

Gruppi ta' informazzjoni obbligatorji: l-erja (A), il-valwazzjoni tal-ftuħ (OV), il-valwazzjoni tal-għeluq (CV), il-produzzjoni (PR), il-bejgħ (SA), il-konsum tal-unitajiet domestiċi tal-azjenda agrikola u l-benefiċċji in natura (FC), l-użu tal-azjenda agrikola (FU).

Grupp ta' informazzjoni fakultattiv: Kwantità ta' N, P_2O_5 u K_2O f'fertilizzanti minerali.

KOLONNI FIT-TABELLA I

Fit-Tabella I l-informazzjoni li ġejja trid tiġi rreġistrata: l-erja totali (TA), l-erja li hija irrigata (IR), l-erja li tintuża għall-għelejjel għall-enerġija (EN), l-erja li hija kompletament organika (OR), l-erja fi stat ta' konverżjoni organika (CO), il-kwantità ta' input, produzzjoni, bejgħ, (Q) u l-valur (V) tan-nutrijenti. Fil-parti li ġejja huwa deskritt liema kolonni għandhom jimtlew għal kull grupp ta' informazzjoni:

I.A *Erja*

Għall-grupp ta' informazzjoni erja (A) iridu jiġu rreġistrati l-erja totali (TA), l-erja li hija irrigata (IR), l-erja li tintuża għall-għelejjel għall-enerġija (EN), l-erja li fiha jitkabbru l-għelejjel b'mod organiku kif definit fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2018/848 (OR), l-erja fi stat ta' konverżjoni organika kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (6) u l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/848 (CO). F'kull wieħed minn dawn il-każijiet, l-erja għandha tingħata f'ari (100 ares = 1 ettaru), ħlief fil-każ tal-artijiet użati għat-tkabbir tal-faqqiegħ li tingħata f'metri kwadri. L-erji rreġistrati taħt il-kolonni OR u CO jeskludu lil xulxin.

I.NU *Kwantità ta' N użat fil-fertilizzanti minerali*

Data volontarja. Il-kwantità totali (piż) ta' nitroġenu f'termini ta' N fil-fertilizzanti minerali użati, stmata abbażi tal-kwantità tal-fertilizzanti minerali u n-N li fihom. Il-kwantità trid tingħata fi qnatar (100 kg).

I.PU *Kwantità ta' P_2O_5 użat fil-fertilizzanti minerali*

Data volontarja. Il-kwantità totali (piż) ta' fosforu f'termini ta' P_2O_5 f'fertilizzanti minerali użati, stmata abbażi tal-kwantità ta' fertilizzanti minerali u l-kontenut ta' P_2O_5 tagħhom. Il-kwantità trid tingħata fi qnatar (100 kg).

I.KU *Kwantità ta' K_2O użat f'fertilizzanti minerali*

Data volontarja. Il-kwantità totali (piż) ta' potassju f'termini ta' K_2O f'fertilizzanti minerali użati, stmata fuq il-bażi tal-kwantità ta' fertilizzanti minerali u l-kontenut ta' K_2O tagħhom. Il-kwantità trid tingħata fi qnatar (100 kg).

I.OV *Valwazzjoni tal-ftuħ*

Għall-grupp ta' informazzjoni valwazzjoni tal-ftuħ (OV), irid jiġi rreġistrat il-valur (V) tal-prodotti maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena kontabilistika. Il-prodotti għandhom jiġu valwati bil-prezzijiet mal-ħruġ mill-azjenda agrikola fil-jum tal-valwazzjoni.

I.CV *Valwazzjoni tal-għeluq*

Għall-grupp ta' informazzjoni valwazzjoni tal-għeluq (CV), irid jiġi rreġistrat il-valur (V) tal-prodotti maħżuna (ħażna) fi tmiem is-sena kontabilistika. Il-prodotti għandhom jiġu valwati bil-prezzijiet mal-ħruġ mill-azjenda agrikola fil-jum tal-valwazzjoni.

I.PR *Produzzjoni*

Għall-grupp ta' informazzjoni produzzjoni (PR), iridu jiġu rreġistrati l-kwantitajiet ta' għelejjel prodotti (Q) matul is-sena kontabilistika (eskluż kwalunkwe telf fl-għelieqi u fl-azjenda agrikola). Dawn il-kwantitajiet huma indikati għall-prodotti prinċipali tal-azjenda (ħlief prodotti sekondarji).

Dawn il-kwantitajiet għandhom jiġu indikati fi qnatar (100 kg) bl-eċċezzjoni tal-inbid u prodotti relatati mal-inbid, li huma espressi f'ettolitri. Meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, ma tkunx tista' tiġi ddeterminata l-produzzjoni attwali fi qnatar, għandu jiddaħħal il-kodiċi 2 tad-*data* nieqsa.

Għall-10790 "Ħxejjex oħra" u 90900 "Oħrajn", il-kwantità ma għandhiex tiġi pprovduta.

I.SA *Bejgħ totali*

Għall-grupp ta' informazzjoni bejgħ totali (SA), iridu jiġu rreġistrati l-kwantità tal-bejgħ (Q) u l-valur tal-bejgħ (V) tal-prodotti li kienu maħżuna fil-bidu tas-sena kontabilistika u ta' dawk maħsuda matul is-sena. Meta l-kostijiet tal-kummerċjalizzazzjoni, jekk ikun hemm, ikunu magħrufa, dawn ma jitnaqqsux mit-total tal-bejgħ, iżda jridu jiġu rreġistrati fit-Tabella H "Inputs".

I.FC *Konsum ta' unitajiet domestiċi agrikoli u benefiċċji in natura*

Għall-grupp ta' informazzjoni konsum ta' unitajiet domestiċi agrikoli u benefiċċji in natura (FC), iridu jiġu rreġistrati l-valur (V) tal-prodotti kkunsmati mill-unità domestika tad-detentur u/jew użati għall-ħlas in natura għal prodotti u servizzi (inkluża remunerazzjoni in natura). Il-prodotti inkwistjoni huma valwati skont il-prezzijiet mogħtija mal-ħruġ mill-azjenda agrikola.

I.FU *Użu tal-azjenda agrikola*

Għall-grupp ta' informazzjoni użu tal-azjenda agrikola (FU), iridu jiġu rreġistrati l-valur (V) mal-ħruġ mill-azjenda agrikola tal-prodotti tal-azjenda li kienu maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena kontabilistika u/jew li ġew prodotti matulha, u li jkunu ntużaw bħala inputs fl-azjenda matul is-sena. Dan jinkludi:

— l-għalf tal-annimali:

il-valur, skont il-prezzijiet mogħtija mal-ħruġ mill-azjenda agrikola, tal-prodotti tal-azjenda li jistgħu jinbiegħu (prodotti li bħalissa jistgħu jitqiegħdu fis-suq) u li matul is-sena ntużaw bħala għalf tal-annimali. It-tiben tal-azjenda użat fl-azjenda agrikola (bħala foraġġ u friex) huwa valwat biss fil-każijiet fejn ikun prodott li jista' jinbiegħ fir-reġjun u fis-sena inkunsiderazzjoni. Il-prodotti kkonċernati huma valwati bil-prezz tal-bejgħ "mal-ħruġ mill-azjenda agrikola":

— żrieragħ:

il-valur, mal-ħruġ mill-azjenda agrikola, tal-prodotti tal-azjenda agrikola li jistgħu jinbiegħu u li jkunu ntużaw bħala żrieragħ għall-għelejjel matul is-sena,

— użu ieħor tal-azjenda agrikola (inklużi prodotti magħmula mill-azjenda użati biex jitħejja l-ikel għal persuni li jkunu qattgħu l-vaganzi tagħhom fl-azjenda agrikola).

Tabella J

Produzzjoni tal-bhejjem

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' bhejjem ħajjin	Kodiċi (*)

		Kolonni					
Grupp ta' informazzjoni		Numru medju	Numru	Valur	Ħin tar-ragħa	Aċċess għal bitha	Tip ta' akkomodazzjoni
		A	**N**	**V**	**D**	**Y**	**C**
AN	Numru medju		—	—	—	—	—
OR	Li minnhom organiċi		—	—	—	—	—
CO	Li minnhom fi stat ta' konverżjoni organika		—	—	—	—	—
RN	Numru ta' referenza	—		—	—	—	—
OV	Valwazzjoni tal-ftuħ	—			—	—	—
CV	Valwazzjoni tal-għeluq	—			—	—	—
PU	Xiri	—			—	—	—
SA	Bejgħ Totali	—			—	—	—
SS	Bejgħ għall-qtil	—			—	—	—
SR	Bejgħ għat-trobbija/tgħammir ulterjuri	—			—	—	—
SU	Bejgħ b'destinazzjoni mhux magħrufa	—			—	—	—
DL	Għadd ta' mwiet, inkluż qtil b'emerġenza	—		—	—	—	—
FC	Konsum tar-razzett	—			—	—	—
FU	Użu tal-azjenda agrikola	—			—	—	—
TH	Tip ta' akkomodazzjoni	—	—	—	—	—	
TO	Ħin imqatta' barra	—	—	—			—

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
100	Ekwidi
210	Bovini rġiel u nisa iżgħar minn sena
220	Bovini rġiel, ta' sena u iżgħar minn sentejn
230	Erieħ, ta' bejn sena u sentejn

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
240	Bovini rġiel, ta' sentejn jew aktar
251	Erieħ tat-tnissil
252	Erieħ tat-tismin
261	Baqar tal-ħalib
262	Bufli baqar tal-ħalib
269	Baqar mhux tal-ħalib
311	Nagħaġ tat-tnissil
319	Nagħaġ oħra
321	Mogħoż tat-tnissil
329	Mogħoż oħra
410	Qżieqeż, b'piż ħaj inqas minn 20 kg
420	Ħnieżer nisa tat-tnissil, b'piż ħaj ta' 50 kg u iżjed
491	Ħnieżer tat-tismin
499	Ħnieżer oħra
510	Pollam — tiġieġ tas-simna
520	Tiġieġ tal-bajd
530	Pollam ieħor
610	Fenkiet tat-tnissil
699	Fniek oħrajn
700	Naħal
900	Annimali oħrajn

Kategoriji ta' bhejjem

Trid issir distinzjoni bejn il-kategoriji ta' bhejjem li ġejjin:

100. Ekwidi

Inklużi wkoll żwiemel tat-tlielaq u tal-irkib, ħmir, bgħula eċċ.

210. Bovini rġiel u nisa iżgħar minn sena

220. Bovini rġiel, ta' sentejn jew aktar

230. Erieħ, ta' bejn sena u sentejn

Eskluży bovini nisa li jkunu welldu.

240. Bovini rġiel, ta' sentejn jew aktar

251. Erieħ tat-tnissil

Bovini nisa ta' sentejn jew iżjed li ma jkunux welldu u li huma maħsuba għat-tgħammir.

252. Erieħ tat-tismin

Bovini nisa ta' sentejn jew iżjed li ma jkunux welldu u mhux maħsuba għat-tgħammir.

261. Baqar tal-ħalib

Bovini nisa mħabbla (inklużi dawk iżgħar minn sentejn) li jinżammu esklussivament jew primarjament għall-produzzjoni tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar bħala prodotti tal-ħalib. Inklużi l-baqar tal-ħalib għall-qatla.

262. Bufli baqar tal-ħalib

Bufli nisa li jkunu welldu (inklużi dawk iżgħar minn sentejn) li jinżammu esklussivament jew primarjament għall-produzzjoni tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar bħala prodotti tal-ħalib. Inklużi l-bufli baqar nisa għall-qatla.

269. Baqar mhux tal-ħalib

1. Bovini nisa li jkunu welldu (inklużi dawk iżgħar minn sentejn) li jinżammu esklussivament jew primarjament għall-produzzjoni tal-għoġġiela u li l-ħalib tagħhom ma jintużax għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar bħala prodotti tal-ħalib.
2. Baqar għax-xogħol.
3. Baqar mhux tal-ħalib għall-qatla (kemm imsemmna qabel il-qatla u le).

Il-kategoriji 210 sa 252 u 269 jinkludu wkoll il-kategoriji korrispondenti ta' bufli u/jew bufli nisa.

311. Nagħaġ tat-tnissil

Nagħaġ ta' sena jew aktar maħsuba tat-tgħammir.

319. Nagħaġ oħra

Nagħaġ u mtaten ta' kull età għajr in-nagħaġ tat-tgħammir.

321. Mogħoż tat-tnissil

329. Mogħoż oħra

Mogħoż apparti minn nisa għat-tgħammir.

410. Qżieqeż, b'piż ħaj inqas minn 20 kg

Qżieqeż b'inqas minn 20 kg ta' piż ħaj.

420. Ħnieżer nisa tat-tnissil, b'piż ħaj ta' 50 kg u iżjed

Ħnieżer nisa tat-tgħammir ta' 50 kg jew aktar eskluż l-ħnieżer nisa għall-qatla (ara l-kategorija 499 "Ħnieżer oħra").

491. Ħnieżer tat-tismin

Ħnieżer tat-tismin b'piż ħaj ta' 20 kg jew aktar, eskluż l-ħnieżer nisa u rġiel għall-qatla (ara l-kategorija 499 "Ħnieżer oħra").

499. Ħnieżer oħra

Ħnieżer b'piż ħaj ta' 20 kg jew aktar, eskluż l-ħnieżer nisa tat-tgħammir (ara l-kategorija 420) u l-ħnieżer tat-tismin (ara l-kategorija 491).

510. Pollam — tiġieġ tas-simna

Tiġieġ tal-mejda. Eskluż t-tiġieġ tal-bajd u t-tiġieġ għall-qatla. Mhux inkluż il-flieles.

520. Tiġieġ tal-bajd

Inklużi l-għawwietaq, it-tiġieġ tal-bajd, it-tiġieġ għall-qatla u s-sriedaq tat-tgħammir għat-tiġieġ tal-bajd meta dawn jingħalqu bħala tiġieġ tal-bajd. L-għawwietaq huma tiġiġiet żgħar li jkunu għadhom ma bdewx ibidu. Mhux inkluż il-flieles.

530. Pollam ieħor

Inklużi papri, dundjani, wiżż, fargħuni, ngħam u tjur irġiel tat-tgħammir (għajr dawk imsemmija hawn fuq għat-tiġieġ tal-bajd). Inklużi tjur nisa tat-tgħammir. Mhux inkluż il-flieles.

610. Fenkiet tat-tnissil

699. Fniek oħrajn

700. Naħal

Irid jiġi indikat skont l-għadd ta' kaxex tan-naħal okkupati.

900. Annimali oħrajn

Inklużi flieles, ċriev, annimali tal-pil. Inklużi wkoll annimali oħra użati għall-agrituriżmu. Eskludi prodotti ta' annimali oħra (ara t-Tabella K, il-kategorija 900).

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA J

J.AN. *Għadd medju (għandu jiġi rreġistrat biss għall-kolonna A)*

Kull unità tirreferi għall-preżenza ta' annimal wieħed fl-azjenda għal sena. L-annimali għandhom jingħaddu proporzjonalment skont it-tul ta' żmien li jkunu għamlu fl-azjenda matul is-sena kontabilistika.

L-għadd medju huwa ddeterminat permezz ta' inventarji perjodiċi jew billi jitniżżlu l-wasliet u t-tluq. Dan jinkludi l-annimali kollha preżenti fl-azjenda, anki annimali mrobbija jew imsemmna taħt kuntratt (annimali li ma jappartjenux għall-kumpanija, li jitrabbew jew huma msemmna hemmhekk b'tali manjiera li l-attività tikkostitwixxi biss servizz mogħti mid-detentur, li ma jassumix ir-riskju finanzjarju normalment assoċjat mat-trobbija jew it-tismin ta' dawn l-annimali) u annimali meħuda jew mogħtija għar-ragħa għall-perjodu tas-sena li matulu jkunu preżenti fl-azjenda.

Għadd Medju (kolonna A)

Din l-informazzjoni ma tingħatax għall-annimali l-oħra (kategorija 900).

J. JEW Organiku

L-għadd medju ta' annimali mrobbija skont ir-regoli tal-produzzjoni stabbiliti fl-Artikoli 9, 10, 11 u 14 u fil-Parti II tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848, eskludi dawk li għadhom fil-perjodu ta' konverżjoni kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (6) u l-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament.

J. CO fi stat ta' konverżjoni organika

L-għadd medju ta' annimali mrobbija skont ir-regoli tal-produzzjoni stabbiliti fl-Artikoli 9, 10, 11 u 14 u fil-Parti II tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848, li għadhom fil-perjodu ta' konverżjoni kif definit fl-Artikolu 3(6) u fl-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament.

J.RN. *Numru ta' referenza (għandu jiġi rreġistrat għall-kolonna N biss)*

In-numru ta' referenza huwa l-għadd ta' annimali tipikament preżenti fl-azjenda agrikola f'mument partikolari. Dan jintuża biex tiġi kkalkulata l-produzzjoni standard tal-azjenda u d-daqs ekonomiku tagħha. Għall-kuntrarju tal-għadd medju (AN), dan jippermetti li jitqies perjodu li matulu jkun hemm għadd aktar baxx jew l-ebda bhejjem fl-azjenda għal perjodu eċċezzjonali ta' żmien minħabba interruzzjoni eċċezzjonali fiċ-ċiklu tal-produzzjoni (eż. tifqigħat ta' mard).

Numru (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem irid jiġi indikat skont l-għadd individwali jew l-għadd ta' kaxxi tan-naħal.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-annimali l-oħra (kategorija 900).

Id-*data* relatata mal-varjabbli "J.RN.Numru ta' referenza" tista' tiġi pprovduta f'każijiet eċċezzjonali (eż. mard fl-azjenda, jew qtil għal raġuni sanitarja). Is-sottomissjoni ta' din id-*data* hija fakultattiva.

J.OV *Valwazzjoni tal-ftuħ*

L-għadd ta' bhejjem li jappartjenu għall-azjenda fil-bidu tas-sena kontabilistika, kemm jekk ikunu fl-azjenda u kemm jekk le f'dak il-ħin.

Numru (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem irid jiġi indikat skont l-għadd individwali jew l-għadd ta' kaxxi tan-naħal.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-annimali l-oħra (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-bhejjem irid jiġi ddeterminat billi mill-valur ġust jitnaqqsu l-kostijiet stmati fil-post tal-bejgħ f'jum il-valwazzjoni.

J.CV *Valwazzjoni tal-għeluq*

L-għadd ta' bhejjem li jappartjenu għall-azjenda fil-bidu tas-sena kontabilistika, kemm jekk ikunu fl-azjenda u kemm jekk le f'dak il-ħin.

Numru (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem irid jiġi indikat skont l-għadd individwali jew l-għadd ta' kaxxi tan-naħal.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-annimali l-oħra (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-bhejjem għandu jiġi ddeterminat billi mill-valur ġust jitnaqqsu l-kostijiet stmati fuq il-post tal-bejgħ f'jum il-valwazzjoni.

J.PU *Xiri*

Irreferi għat-total tal-bhejjem mixtrija matul is-sena kontabilistika.

Numru (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem irid jiġi indikat skont l-għadd individwali. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-annimali l-oħra (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tax-xiri jinkludi l-ispejjeż tax-xiri. L-għotjiet u s-sussidji relatati ma jitnaqqsux mit-total ta' dan ix-xiri, iżda huma speċifikati fit-Tabella M "Sussidji" fil-kategorija adegwata (kodiċijiet mill-5100 sal-5900).

J.SA *Bejgħ totali*

Jirriferi għat-total tal-bhejjem mibjugħa matul is-sena kontabilistika.

Inkluż il-bejgħ lil konsumaturi, għall-konsum tagħhom stess, ta' bhejjem jew ta' laħam, kemm jekk l-annimali jinqatlu fl-azjenda u kemm jekk le.

Numru (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem irid jiġi indikat skont l-għadd individwali. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-annimali l-oħra (kodiċi 900).

Valur (kolonna V)

Meta jkunu magħrufa l-kostijiet tal-kummerċjalizzazzjoni, jekk ikun hemm, dawn ma jitnaqqsux mit-total tal-bejgħ, iżda dawn il-kostijiet jingħataw taħt il-kodiċi 2090 ("Kostijiet speċifiċi oħrajn tal-bhejjem"). L-għotjiet u s-sussidji relatati mhumiex inklużi fit-total tal-bejgħ iżda huma speċifikati fit-Tabella M "Sussidji" fil-kategorija xierqa tal-Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu (kodiċijiet 23111 sa 2900).

J.SS *Bjegħ għall-qtil*

Jirreferi għall-bhejjem mibjugħa għall-qtil matul is-sena kontabilistika. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-erieħ tat-tgħammir (kodiċi 251), għan-naħal (kodiċi 700) u għal annimali oħra (kodiċi 900).

Numru (kolonna N)

Ara Bejgħ totali

Valur (kolonna V)

Ara Bejgħ totali

J.SR *Bejgħ għat-trobbija jew għat-tgħammir ulterjuri*

Jirreferi għall-bhejjem mibjugħa għal trobbija ulterjuri jew għat-tgħammir matul is-sena kontabilistika. Din l-informazzjoni ma tingħatax għall-erieħ għat-tismin (kodiċi 252), għan-naħal (kodiċi 700) u għal annimali oħra (kodiċi 900).

Numru (kolonna N)

Ara Bejgħ totali

Valur (kolonna V)

Ara Bejgħ totali

J.SU *Bejgħ b'destinazzjoni mhux magħruf*

Jirreferi għall-bhejjem mibjugħa b'destinazzjoni mhux magħrufa matul is-sena kontabilistika. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għan-naħal (kodiċi 700) u għal annimali oħra (kodiċi 900).

Numru (kolonna N)

Ara Bejgħ totali

Valur (kolonna V)

Ara Bejgħ totali

J.DL *Għadd ta' mwiet, inkluż qtil b'emerġenza*

Numru (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd individwali. Dan jinkludi qtil b'emerġenza u depopolazzjoni. Il-qtil b'emerġenza jirreferi għall-qtil ta' annimali midruba jew li għandhom marda assoċjata ma' uġigħ jew tbatija severa. Id-depopolazzjoni tirreferi għall-proċess tal-qtil tal-annimali għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, saħħa tal-annimali, trattament xieraq jew ambjentali taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti.

J.FC *Konsum tal-azjenda agrikola u benefiċċji in natura*

Jirreferi għall-bhejjem ikkunsmati mill-unità domestika tal-azjenda agrikola jew użati għal benefiċċji in natura matul is-sena kontabilistika.

Numru (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd individwali. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-annimali l-oħra (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-bhejjem għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-valur ġust.

J.FU *Użu tal-azjenda agrikola*

Jirreferi għall-bhejjem użati fl-azjenda bħala inputs għall-ipproċessar ulterjuri fil-kuntest ta' OGA matul is-sena kontabilistika. Inklużi l-bhejjem użati għal:

— forniment tal-ikel, akkomodazzjoni turistika,

— għall-ipproċessar ta' bhejjem għall-immanifatturar ta' prodotti tal-laħam u għalf.

Eskluż il-bejgħ ta' bhejjem jew ta' laħam, kemm jekk l-annimali jinqatlu fl-azjenda u kemm jekk le (ara l-informazzjoni dwar il-bejgħ SA).

Dan il-valur jiġi rreġistrat ukoll fit-Tabella H, bħala kostijiet għal OGA direttament relatati mal-azjenda bl-użu tal-kodiċi 4070 (kostijiet speċifiċi għall-ipproċessar tal-laħam u ta' prodotti oħra tal-annimali).

Numru (kolonna N)

L-għadd ta' bhejjem għandu jiġi indikat skont l-għadd individwali. Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata għall-annimali l-oħra (kategorija 900).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-bhejjem għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-valur ġust.

J.TH Tip ta' akkomodazzjoni

Kodiċi (kolonna C)

Il-kodiċijiet li jiddefinixxu t-tip ta' akkomodazzjoni jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt, għal kull kategorija ta' annimali individwali inkluża fiha:

Tabella J

Tip ta' kodiċijiet ta' akkomodazzjoni

Kodiċi	Tip ta' annimal	Tip ta' akkomodazzjoni
10	Bovini (kategoriji 210 – 269)	Stalel marbuta (demel likwidu)
20		Stalel marbuta (demel solidu)
30		Stalel konvenzjonali (demel likwidu)
40		Stalel konvenzjonali (demel solidu)
50		Dejjem barra
60		Tip ieħor ta' akkomodazzjoni (demel likwidu)
70		Tip ieħor ta' akkomodazzjoni (demel solidu)
80	Nagħaġ u mogħoż (kategoriji 311-329)	Mifrex fond
90		Paviment f'għamla ta' gradilja
100		Art solida
110		Dejjem barra
120	Ħnieżer (kategoriji 410 – 499)	Paviment f'għamla ta' gradilja
130		Paviment parzjalment f'għamla ta' gradilja
140		Art solida (demel solidu)
150		Is-superfiċje sħiħa hija mifrex fond
160		Barra (trobbija fil-miftuħ)
170		Tip ieħor ta' akkomodazzjoni (demel likwidu)
180		Tip ieħor ta' akkomodazzjoni (demel solidu)
190	Pollam (kategoriji 510 – 530)	Mifrex fond
200		Guva
210		Gaġeġ b'ċinga li tneħħi l-ħmieġ
220		Gaġeġ b'fossa fonda
230		Gaġeġ bl-istilt house
240		Barra (trobbija fil-miftuħ)
250		Tip ieħor ta' akkomodazzjoni

Jekk għal kwalunkwe kategorija ta' annimali, jintuża aktar minn tip wieħed ta' akkomodazzjoni, għandu jiġi rrappurtat biss it-tip ta' akkomodazzjoni fejn il-maġġoranza tal-annimali f'dik il-kategorija ta' annimali jkunu miżmuma. Id-*data* għandha tiġi rrappurtata fil-prospetti tal-biedja kull sena. Madankollu, id-*data* tista' tiġi kkumpilata jew tinġabar bi frekwenza aktar baxxa, sakemm dan isir mill-inqas darba kull ħames snin.

Deskrizzjoni tas-sistemi ta' akkomodazzjoni

Stalel marbuta: Stalel marbuta huma djar tal-annimali fejn l-annimali jintrabtu mal-postijiet tagħhom u ma jitħallewx jiċċaqalqu liberament. Dawn it-tipi ta' akkomodazzjoni jista' jkun fihom demel separat fil-forma ta' demel solidu u ta' demel likwidu meta l-art tal-istalel tkun fuq konkrit inklinat bil-friex (eż. tiben, tiben imqatta', serratura) u kanal fil-baxx wara l-annimali biex tinġabar parti mill-ħmieġ u l-awrina, filwaqt li parti minnhom titneħħa regolarment bħala demel solidu. F'xi każijiet, il-kanal ikun mgħammar b'pajp tad-dranaġġ biex jiġbor it-tnixxija jew jista' jkun hemm kanal aktar fil-fond minflok kanal biex jiġbor u jaħżen il-frazzjoni tal-likwidu. Id-demel normalment jitneħħa mekkanikament barra l-bini bħala demel solidu/demel tal-irziezet. Jista' jkun fihom ukoll demel fil-forma ta' demel likwidu meta l-art tal-istalel tkun konkrit invell b'kanal mgħotti minn grilja wara tal-annimali jew art kompletament f'għamla ta' gradilja biex jinġabru l-ħmieġ u l-awrina bħala demel likwidu. F'dan il-każ, id-demel u l-awrina jaqgħu taħt l-art f'fossa, fejn jiffurmaw demel likwidu.

Stalel konvenzjonali Maqwel miftuħ tirreferi għal djar tal-annimali fejn l-annimali jitħallew jiċċaqalqu liberament u jkollhom aċċess liberu għaż-żona kollha tal-bini jew tal-istalla (kompartiment żgħir għall-bhejjem). Maqwel miftuħ jista' jkun fih demel fil-forma solida meta jkun hemm art tal-konkrit li titnaddaf aktar ta' spiss permezz ta' brix fiż-żona fejn l-annimali jkunu se jieklu u/jew jixorbu. Huwa komuni li saff fond ta' friex (normalment tiben) jinfirex mal-art. Dan il-friex jitneħħa mill-bini, tipikament darba jew darbtejn fix-xitwa, bħala demel tal-irziezet. Dan it-tip ta' akkomodazzjoni jinkludi wkoll stalel konvenzjonali, li huma binjiet.

Barra Tinkludi l-mergħat, it-trobbija fil-beraħ u r-reċint.

Akkomodazzjoni b'paviment f'għamla ta' gradilja Tirreferi għal djar tal-annimali fejn il-paviment ikun kompletament f'għamla ta' gradilja. Il-paviment kollu għandu gradilji fejn id-demel u l-awrina jaqgħu taħt l-art f'fossa, fejn jiffurmaw demel likwidu.

Paviment parzjalment f'għamla ta' gradilja Tirreferi għal djar tal-annimali fejn il-paviment huwa parzjalment f'għamla ta' gradilja. Parti mill-paviment għandha gradilji fejn id-demel u l-awrina jaqgħu taħt l-art f'fossa, fejn jiffurmaw demel likwidu.

Mifrex fond għall-qżieqeż: akkomodazzjoni fuq sodod tat-tiben (maqwel miftuħ b'mifrex fond) fejn l-art hija miksija b'saff oħxon ta' mifrex (tiben, pit, serratura tal-injam, jew materjal simili ieħor li jgħaqqad id-demel u l-awrina) li jitneħħa biss f'intervalli li jista' jkun hemm bosta xhur bejniethom.

Tipi oħra ta' akkomodazzjoni Tipi ta' akkomodazzjoni differenti minn dawk imsemmija hawn fuq.

Trobbija fil-beraħ Trobbija fil-beraħ hija metodu ta' trobbija fejn l-annimali, għal mill-inqas parti mill-ġurnata, jistgħu jimirħu barra ħielsa, minflok ma jinżammu f'kompartiment magħluq għal 24 siegħa kuljum.

Mifrex fond għall-akkomodazzjoni tal-pollam tat-tiġieġ tal-bajd fuq sodod tat-tiben (ekwivalenti għal maqwel miftuħ b'mifrex fond) fejn l-art hija miksija b'saff oħxon ta' mifrex (tiben, pit, serratura tal-injam, jew materjal ieħor simili li jgħaqqad id-demel) li jitneħħa biss f'intervalli li jista' jkun hemm bosta xhur bejniethom. Bini sempliċi magħluq li jkun iżolat termalment u b'ventilazzjoni sfurzata jew ventilazzjoni naturali. Mill-inqas terz tal-erja tal-art irid ikun mgħotti bi friex (eż. tiben imqatta', ċana tal-injam) u żewġ terzi rranġati fil-forma ta' fossa miksija bi gradilji biex jiġbru l-ħmieġ (skart imneħħi mill-pollam) matul il-perjodu ta' bejn 13 u 15-il xahar li fih ibidu l-bajd. Il-bejtiet, l-għalf u l-provvista tal-ilma jitqiegħdu fuq iż-żona tal-gradilji biex il-mifrex jinżamm niexef.

Guva Guvi jissejħu wkoll sistemi b'diversi livelli jew perċi. Dawn jikkonsistu fil-pjan terran u livell ieħor jew aktar ta' pjattaformi mtaqqba, li minnhom id-demel ma jistax jaqa' fuq l-għasafar ta' taħt. F'xi punt fis-sistema kollha se jkun hemm mill-inqas żewġ livelli disponibbli għall-għasafar. Guva hija kostruzzjoni b'iżolament termali, ventilazzjoni sfurzata u dawl naturali jew artifiċjali. Dawn jistgħu jiġu kkombinati ma' żona ta' trobbija fil-beraħ u għall-grif. L-għasafar jinżammu fi gruppi kbar u huma liberi li jiċċaqalqu fiż-żona kollha tal-akkomodazzjoni fuq diversi livelli. L-ispazju huwa maqsum f'żoni differenti: għall-għalf u x-xorb, għall-irqad u l-mistrieħ, għall-grif, u għal meta jbidu l-bajd. Minħabba li l-annimali jistgħu jużaw diversi livelli, huma permessi densitajiet ogħla tal-istokk meta mqabbla mar-reġim tal-mifrex fond. Il-ħmieġ jitneħħa miċ-ċinturini tad-demel jew jinġabar f'fossa tad-demel.

Gaġeġ b'ċinturini tad-demel Batteriji tal-gaġeġ huma sistemi ta' akkomodazzjoni tal-annimali fejn it-tiġieġ tal-bajd jinżammu f'gaġeġ, waħda jew aktar f'kull waħda, ġewwa bini magħluq b'ventilazzjoni sfurzata u b'sistema tad-dawl jew mingħajrha. L-għasafar jinżammu f'gaġeġ f'saffi, normalment magħmula minn wajer tal-azzar, irranġati f'ringieli twal. Il-ħmieġ jaqa' mill-qiegħ tal-gaġeġ u jinġabar u jinħażen taħt f'fossa jew kanal fond jew jitneħħa b'sistema ta' ċinturin jew barraxa. Il-ħmieġ mit-tiġieġ tal-bajd fis-sistemi ta' batteriji ma jitħallatx ma' materjal ieħor bħall-mifrex u jista' jitnixxef jew ikollu l-ilma miżjud biex id-demel ikun aktar faċli li jiġi ġestit. Batteriji tal-gaġeġ b'ċinturin tad-demel huma batteriji tal-gaġeġ fejn id-demel jitneħħa b'mod mekkaniku permezz ta' ċinturin taħt il-gaġeġ għal barra l-bini biex jifforma demel solidu/demel tal-irziezet.

J.TO *Ħin imqatta' barra*

Ħin tar-ragħa (kolonna D)

L-għadd ta' jiem sħaħ ta' ragħa. Jekk l-annimali jirgħu inqas minn sagħtejn kuljum, dan ma jitqiesx bħala jum ta' ragħa. L-informazzjoni għandha tiġi rrappurtata għall-kategoriji 261 baqar tal-ħalib, 269 baqar mhux tal-ħalib, 311 nagħaġ nisa tat-tgħammir, u 321 mogħoż nisa tat-tgħammir.

Aċċess għal bitħa (kolonna Y)

Btieħi għall-eżerċizzju:

Spazji barra b'aċċess permanenti, normalment b'art impermeabbli, inkluża żona bil-ħaxix mingħajr ragħa, fejn l-annimali jistgħu jagħmlu eżerċizzju f'parti mill-ġurnata. Jekk il-bitħa tkun aċċessibbli għall-annimali, din għandha tingħadd.

Iridu jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

0 Le, il-bhejjem ma għandhomx aċċess għal bitħa

1 Iva, il-bhejjem għandhom aċċess għal bitħa

Tabella K

Prodotti u servizzi relatati mal-annimali

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' prodotti jew servizzi tal-annimali	Kodiċi (*)
Data nieqsa	Kodiċi (**)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni	
		Kwantità	Valur
		Q	V
OV	Valwazzjoni tal-ftuħ		
CV	Valwazzjoni tal-għeluq		
PR	Produzzjoni		—
SA	Bejgħ		
FC	Konsum tar-razzett		
FU	Użu tal-azjenda agrikola		

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
261	Ħalib tal-baqra
262	Ħalib tal-baqar tal-bufli
311	Ħalib tan-nagħaġ
321	Ħalib tal-mogħoż

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
330	Suf
531	Bajd għall-konsum mill-bniedem (kull tip ta' pollam)
532	Bajd għat-tifqis (kull tip ta' pollam)
700	Għasel u prodotti ġejjin miż-żamma tan-naħal
800	Demel
900	Prodotti oħra tal-annimali
1100	Trobbija bil-kuntratt
1200	Servizzi oħra tal-annimali

Data nieqsa

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
0	Il-kodiċi 0 jiddaħħal meta l-ebda *data* ma tkun nieqsa.
2	Il-kodiċi 2 jenħtieġ li jiddaħħal meta l-produzzjoni attwali ma tkunx tista' tiġi ddeterminata fi qnatar (jew f'eluf ta' bajd) minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ.
4	Il-kodiċi 4 jenħtieġ li jiddaħħal meta jkun hemm biss stokkijiet u l-ebda produzzjoni reali.

Kategoriji ta' prodotti u servizzi tal-annimali

Jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-kategoriji ta' prodotti u servizzi relatati mal-annimali li ġejjin:

261	Ħalib tal-baqar
262	Ħalib tal-baqar tal-bufli
311	Ħalib tan-nagħaġ
321	Ħalib tal-mogħoż
330	Suf
531	Bajd għall-konsum mill-bniedem (kull tip ta' pollam)
532	Bajd għat-tifqis (kull tip ta' pollam)
700	Għasel u prodotti ġejjin miż-żamma tan-naħal: għasel, idromel u prodotti kif ukoll prodotti sekondarji oħrajn miż-żamma tan-naħal.
800	Demel
900	Prodotti oħra tal-annimali (miżati għall-kiri ta' żwiemel tar-razza għat-tgħammir, embrijuni, xema', fwied tal-wiżż jew tal-papri, ħalib ta' annimali oħra, eċċ.)
1100	Trobbija bil-kuntratt Ammont ta' dħul minn trobbija bil-kuntratt li jikkorrispondi primarjament għal pagament għal servizzi mogħtija u meta d-detentur ma jassumix ir-riskju ekonomiku normalment involut fit-trobbija jew is-simna ta' dawn l-annimali, pereżempju: il-baqar, in-nagħaġ, il-mogħoż, il-qżieqeż, il-pollam.
1200	Servizzi oħra tal-annimali Dħul għal servizzi oħra tal-annimali (pagamenti marbuta ma' ragħa, eċċ.)

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA K

Għad-demel (kodiċi 800) l-informazzjoni dwar il-bejgħ (SA) biss għandha tiġi pprovduta fil-valur tal-kolonna (V).

Għall-prodotti l-oħra tal-annimali (kodiċi 900) l-informazzjoni għandha tingħata biss fil-valur (fil-kolonna V) peress li l-kwantità ma tistax tiġi pprovduta għal aggregat ta' prodotti eteroġeni.

Għal servizzi tal-annimali bħat-trobbija b'kuntratt (kodiċijiet 1100) u oħrajn (kodiċi 1200) l-unika informazzjoni li għandha tiġi pprovduta hija l-irċevuti li jridu jiġu rreġistrati taħt l-informazzjoni dwar il-bejgħ (SA) fil-valur tal-kolonna (V).

Kwantità (kolonna Q)

Dawn il-kwantitajiet iridu jiġu indikati fi qnatar (100 kg) ħlief fil-każ tal-bajd (kodiċijiet 531 u 532), li għandhom jingħataw f'eluf.

Fil-każ ta' prodotti tat-trobbija tan-naħal għajr l-għasel (kodiċi 700), il-kwantità trid tiġi espressa fi qnatar ta' "ekwivalenti tal-għasel".

K.OV *Valwazzjoni tal-ftuħ*

Il-prodotti maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena kontabilistika, eskluż l-bhejjem.

Kwantità (kolonna Q)

Ara l-istruzzjonijiet għat-tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom jiġu valwati abbażi tal-valur ġust fil-jum tal-valwazzjoni.

K.CV *Valwazzjoni tal-għeluq*

Il-prodotti maħżuna (ħażna) fi tmiem is-sena kontabilistika, eskluż l-bhejjem.

Kwantità (kolonna Q)

Japplikaw l-istruzzjonijiet għat-tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom jiġu valwati abbażi tal-valur ġust fil-jum tal-valwazzjoni.

K.PR *Produzzjoni matul is-sena kontabilistika*

Kwantità (kolonna Q)

Il-kwantitajiet ta' prodotti tal-annimali prodotti matul is-sena kontabilistika (eskluż kull telf). Dawn il-kwantitajiet huma indikati għall-prodotti prinċipali tal-azjenda (ħlief prodotti sekondarji). Hija inkluża l-produzzjoni użata għall-ipproċessar fil-qafas ta' OGA marbuta mal-azjenda.

Ħalib li jerdgħu l-għoġġiela mhuwiex inkluż fil-produzzjoni.

K.SA *Bejgħ*

It-total tal-prodotti mibjugħa matul is-sena kontabilistika, li kienu maħżuna fil-bidu tas-sena kontabilistika jew li ġew prodotti matulha.

Kwantità (kolonna Q)

Japplikaw l-istruzzjonijiet għat-tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-valur totali tal-bejgħ (kemm jekk il-qligħ ikun ġie riċevut matul is-sena kontabilistika jew le) ta' prodotti li kienu maħżuna fil-bidu tas-sena kontabilistika jew li ġew prodotti matulha.

It-total tal-prodotti mibjugħa jinkludi l-valur tal-prodotti rritornati lill-azjenda agrikola (ħalib xkumat, eċċ.). Il-valur ta' dawn tal-aħħar għandu jitniżżel ukoll taħt il-kostijiet tal-azjenda agrikola.

Kull pagament ta' kumpens (pereżempju pagamenti ta' assigurazzjoni) matul is-sena kontabilistika jrid jiżdied ukoll mat-total għall-bejgħ tal-prodotti kkonċernati kull meta jkun jista' jiġi allokat għall-produzzjoni ta' prodotti bħal dawn. Inkella, jridu jiddaħħlu taħt il-kodiċi 900 "Prodotti oħra tal-annimali".

L-għotjiet u s-sussidji riċevuti għall-prodotti matul is-sena kontabilistika mhumiex inklużi fit-total tal-bejgħ; għandhom jiddaħħlu fit-Tabella M "Sussidji" fil-kategorija adegwata ta' Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu (kodiċijiet bejn 23111 u 2900).

Meta l-kostijiet ta' kummerċjalizzazjoni, jekk ikun hemm, ikunu magħrufa, ma għandhomx jitnaqqsu mit-total tal-bejgħ, iżda għandhom jingħataw fit-Tabella H taħt il-kodiċi 2090 "Kostijiet speċifiċi oħra tal-bhejjem".

K.FC *Konsum tar-razzett u benefiċċji in natura*

Prodotti kkunsmati mill-unità domestika tad-detentur u/jew użati għal ħlasijiet in natura ta' oġġetti u servizzi (inkluża remunerazzjoni in natura). Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta għall-bajd għat-tifqis (kodiċi 532).

Kwantità (kolonna Q)

Japplikaw l-istruzzjonijiet għat-tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom jiġu valwati abbażi tal-valur ġust.

K.FU *Użu tal-azjenda agrikola*

Prodotti tal-azjenda li kienu maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena kontabilistika u/jew li ġew prodotti matulha, u li jkunu ntużaw bħala inputs fl-azjenda matul is-sena. Dan jinkludi:

— għalf tal-bhejjem: il-prodotti tal-azjenda li jistgħu jinbiegħu (prodotti li bħalissa jistgħu jitqiegħdu fis-suq) u li matul is-sena ntużaw bħala għalf tal-annimali. Il-ħalib li jerdgħu l-għoġġiela mhuwiex inkluż fl-użu tal-azjenda agrikola.

— prodotti użati fil-qafas tal-attivitajiet l-oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda agrikola:

  — forniment tal-ikel, akkomodazzjoni turistika, eċċ.

  — għal ipproċessar ulterjuri (ħalib ipproċessat biex minnu jsiru l-butir, il-ġobon, eċċ.)

Kwantità (kolonna Q)

Japplikaw l-istruzzjonijiet għat-tabella K.

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom jiġu valwati abbażi tal-valur ġust. Dawn il-valuri għandhom jiddaħħlu wkoll taħt il-kostijiet tal-azjenda agrikola.

Tabella L

OGA direttament relatati mal-azjenda agrikola

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' OGA	Kodiċi (*)	
Data nieqsa	Kodiċi (**)	

		Kolonni	
Grupp ta' informazzjoni		Kwantità	Valur
		Q	V
OV	Valwazzjoni tal-ftuħ	—	
CV	Valwazzjoni tal-għeluq	—	
PR	Produzzjoni		—

Kategorija ta' OGA	Kodiċi (*)	
Data nieqsa	Kodiċi (**)	

		Kolonni	
Grupp ta' informazzjoni		Kwantità	Valur
		Q	V
SA	Bejgħ	—	
FC	Konsum tar-razzett	—	
FU	Użu tal-azjenda agrikola	—	

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
261	L-ipproċessar tal-ħalib tal-baqar
263	L-ipproċessar tal-ħalib ta' annimali oħra
900	L-ipproċessar ta' laħam jew prodotti oħra tal-annimali
1010	L-ipproċessar ta' għalla
1020	Forestrija u pproċessar tal-injam
2010	Xogħol b'kuntratt
2020	Turiżmu, akkomodazzjoni, forniment tal-ikel u attivitajiet oħra relatati mal-ħin tal-mistrieħ
2030	Produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli
9000	OGA direttament relatati mal-azjenda agrikola

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
0	Il-kodiċi 0 jiddaħħal meta l-ebda *data* ma tkun nieqsa.
1	Il-kodiċi 1 jenħtieġ li jiddaħħal fil-każijiet fejn il-produzzjoni ssir bl-ipproċessar ta' prodotti tal-bhejjem jew tal-għelejjel mixtrija.
2	Il-kodiċi 2 jenħtieġ li jiddaħħal fil-każijiet meta l-produzzjoni reali ma tistax tiġi determinata fi qnatar minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ.
4	Il-kodiċi 4 jenħtieġ li jiddaħħal meta jkun hemm biss stokkijiet u l-ebda produzzjoni reali.

Kategoriji ta' OGA direttament relatati mal-azjenda agrikola

Jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-kategoriji ta' OGA:

261	L-ipproċessar tal-ħalib tal-baqar
263	L-ipproċessar ta' ħalib ta' annimali oħra, eż. ħalib tal-baqar tal-bufli, ħalib tan-nagħaġ, ħalib tal-mogħoż
900	L-ipproċessar ta' laħam jew prodotti oħra tal-annimali
1010	L-ipproċessar ta' prodotti tal-għelejjel, minbarra l-inbid u ż-żejt taż-żebbuġa. Hija inkluża l-produzzjoni tal-alkoħol li mhux ġej mill-għeneb, sidru jew perry.
1020	Forestrija u pproċessar tal-injam. Huwa kopert il-bejgħ ta' injam maqtugħ u wieqaf, ta' prodotti tal-forestrija apparti mill-injam (sufra, raża tal-arżnu, eċċ.) u l-injam ipproċessat matul is-sena kontabilistika.

2010	Xogħol b'kuntratt għal ħaddieħor. Il-kiri ta' tagħmir tal-azjenda mingħajr ħaddiema tal-azjenda agrikola jew l-użu ta' ħaddiema tal-azjenda biss f'xogħol b'kuntratt ma jitqisux bħala OGA, iżda bħala parti mill-attività agrikola.
2020	Turiżmu, akkomodazzjoni, forniment tal-ikel u attivitajiet oħra relatati mal-ħin tal-mistrieħ. Dawn jinkludu l-kera ġġenerata mit-turiżmu (siti ta' kampeġġ, djar fil-kampanja, faċilitajiet ta' rkib, kaċċa, sajd, eċċ.).
2030	Produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli. Tkopri l-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli għas-suq, inklużi l-bijogass, il-bijofjuwils jew l-elettriku, permezz ta' turbini tar-riħ jew tagħmir ieħor jew minn materja prima agrikola. Teskludi l-punti li ġejjin, billi dawn iridu jiġu meqjusa bħala parti mill-attività agrikola tal-azjenda: — il-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli għall-użu tal-azjenda stess, — il-kiri ta' artijiet jew ta' bjut biss għal skopijiet ta' stallazzjoni bħal irdieden tar-riħ jew pannelli fotovoltajċi, — il-bejgħ ta' materja prima lil impriża oħra għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli.
9000	OGA relatati direttament mal-azjenda. OGA direttament relatati mal-azjenda mhux imsemmija band'oħra.

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA L

Kwantità (kolonna Q)

Dawn il-kwantitajiet għandhom jiġu indikati fi qnatar (100 kg).

Fil-każ ta' prodotti pproċessati mill-ħalib (kodiċijiet 261 u 263), il-kwantità ta' ħalib likwidu hija indikata irrispettivament mill-forma li fiha jinbiegħ, jiġi kkunsmat fl-azjenda agrikola jew jintuża għal benefiċċji in natura jew għal skopijiet tal-azjenda agrikola (krema, butir, ġobon, eċċ.).

L.OV *Valwazzjoni tal-ftuħ*

Il-prodotti li kienu maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena kontabilistika.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta għal xogħol kuntrattwali (kodiċi 2010), attivitajiet turistiċi (kodiċi 2020), produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli (kodiċi 2030) u "attivitajiet oħra ta' qligħ" direttament relatati mal-azjenda (kodiċi 9000).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-prodotti għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-valur ġust wara li jitnaqqsu l-kostijiet stmati fil-punt tal-bejgħ fil-jum tal-valwazzjoni.

L.CV *Valwazzjoni tal-għeluq*

Il-prodotti li kienu maħżuna (ħażna) fi tmiem is-sena kontabilistika.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta għal xogħol kuntrattwali (kodiċi 2010), attivitajiet turistiċi (kodiċi 2020), produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli (kodiċi 2030) u "attivitajiet oħra ta' qligħ" direttament relatati mal-azjenda (kodiċi 9000).

Valur (kolonna V)

Il-valur tal-prodotti għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-valur ġust wara li jitnaqqsu l-kostijiet stmati fil-punt tal-bejgħ fil-jum tal-valwazzjoni.

L.PR *Produzzjoni għas-sena kontabilistika*

Kwantità (kolonna Q)

Din l-informazzjoni għandha tingħata biss għall-kategoriji li jikkonċernaw l-ipproċessar tal-ħalib (kodiċijiet 261 u 263).

Tikkorrispondi għall-kwantità ta' ħalib likwidu prodott fl-azjenda matul is-sena kontabilistika u użat għall-produzzjoni ta' prodotti pproċessati.

L.SA *Bejgħ*

It-total tal-prodotti mibjugħa matul is-sena kontabilistika, li nħażnu fil-bidu tas-sena kontabilistika jew li ġew prodotti matulha kif ukoll id-dħul mill-OGA.

Valur (kolonna V)

Il-valur totali tal-bejgħ (kemm jekk il-qligħ ikun ġie riċevut matul is-sena kontabilistika jew le) ta' prodotti li kienu maħżuna fil-bidu tas-sena kontabilistika jew li ġew prodotti matulha.

Kull pagament ta' kumpens (pereżempju pagamenti ta' assigurazzjoni) matul is-sena kontabilistika jrid jiżdied ukoll mat-total għall-bejgħ tal-prodotti kkonċernati kull meta jkun jista' jiġi allokat għall-produzzjoni ta' prodotti bħal dawn. Inkella jridu jiddaħħlu fit-Tabella I "Għelejjel" taħt il-kodiċi 90900 "Oħrajn".

L-għotjiet u s-sussidji riċevuti għall-prodotti matul is-sena kontabilistika mhumiex inklużi fit-total tal-bejgħ; għandhom jiddaħħlu fit-Tabella M "Sussidji" fil-kategorija adegwata ta' Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu (kodiċijiet bejn 23111 u 2900). Meta l-kostijiet tal-kummerċjalizzazzjoni jekk ikun hemm, ikunu magħrufa, dawn ma jitnaqqsux mit-total tal-bejgħ, iżda jitniżżlu fit-Tabella H "Inputs" fil-kategorija adegwata ta' kostijiet speċifiċi ta' OGA (kodiċijiet 4010 sa 4090).

L.FC *Konsum tar-razzett u benefiċċji in natura*

Prodotti kkunsmati mill-unità domestika tad-detentur u/jew użati għal ħlasijiet in natura ta' oġġetti u servizzi (inkluża remunerazzjoni in natura).

Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta għal xogħol kuntrattwali (kodiċi 2010), attivitajiet turistiċi (kodiċi 2020) u l-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli (kodiċi 2030).

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom jiġu valwati abbażi tal-valur ġust.

L.FU *Użu tal-azjenda agrikola*

Prodotti tal-azjenda li kienu maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena kontabilistika u/jew li ġew prodotti matulha, u li jkunu ntużaw bħala inputs fl-azjenda matul is-sena. Huma inklużi prodotti pproċessati fl-azjenda agrikola (ħalib ipproċessat f'ġobon, ċereali pproċessati għall-ħobż, laħam li minnu sar perżut, eċċ.) li jkunu ntużaw bħala inputs għall-forniment tal-ikel jew għall-akkomodazzjoni turistika.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta għal xogħol kuntrattwali (kodiċi 2010), attivitajiet turistiċi (kodiċi 2020) u l-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli (kodiċi 2030).

Valur (kolonna V)

Il-prodotti għandhom jiġu valwati abbażi tal-valur ġust.

Tabella M

Sussidji

Struttura tat-tabella

	Kategorija tas-sussidju/informazzjoni amministrattiva	Kodiċi (*)		
	Finanzjament	Kodiċi (**)		
	Unità bażika	Kodiċi (***)		
Grupp ta' informazzjoni		Kolonni		
		Għadd ta' unitajiet bażiċi	Valur	Tip
		N	**V**	**T**
S	Sussidju			—
AI	Informazzjoni amministrattiva		—	

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Kolonni		
			N	V	T
		Pagamenti diżakkoppjati			
1250	S	Appoġġ Bażiku għall-Introjtu għas-Sostenibbiltà			—
1300	S	Appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà			—
1400	S	Skemi għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali (ekoskemi)			—
1600	S	Appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ			—
1700	S	Pagamenti għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira			—
		Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu			
		Għelejjel li jinħartu			
		COP (ċereali, żerriegħa żejtnija u għelejjel tal-proteini)			
23111	S	Ċereali			—
23112	S	Żrieragħ żejtnin			—
23114	S	Għelejjel tal-proteini u legumi tal-ħbub			—
2312	S	Patata			—
23121	S	Li minnha patata għal-lamtu			—
2313	S	Pitravi taz-zokkor			—
		Għelejjel industrijali			
23141	S	Għażel			—
23142	S	Qanneb			—
23143	S	Ħops			—
23144	S	Kannamieli			—
23145	S	Ċikwejra			—
23149	S	Għelejjel industrijal oħra			—
		Għelejjel oħra			
2315	S	Ħaxix			—
2316	S	Art mistrieħa			—
2317	S	Ross			—
2319	S	Għelejjel li jinħartu mhux definiti			—
2320	S	Art bil-ħaxix permanenti			—
2321	S	Għalf imnixxef			—
2322	S	Pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton			—

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Kolonni		
			N	V	T
2323	S	Programm nazzjonali ta' ristrutturar għas-settur tal-qoton			—
2324	S	Produzzjoni ta' żrieragħ			—
		Għelejjel permanenti			
23311	S	Bakek			—
23312	S	Ġwież			—
2332	S	Frott taż-żerriegħa u tal-għadma			—
2333	S	Pjantaġġuni taċ-ċitru			—
2334	S	Pjantaġġuni taż-żebbuġ – żejt taż-żebbuġa u żebbuġ tal-mejda			—
2335	S	Vinji			—
2339	S	Għelejjel permanenti mhux imsemmija band'oħra			—
		Annimali			
2341	S	Prodotti tal-ħalib			—
2342	S	Laħam taċ-ċanga u tal-vitella			—
2343	S	Bhejjem bovini (it-tip mhux speċifikat)			—
2344	S	Nagħaġ u mogħoż			—
2345	S	Ħnieżer u pollam			—
2346	S	Dud tal-ħarir			—
2347	S	Prodotti tal-apikultura			—
2349	S	Annimali mhux imsemmijin band'oħra			—
2410	S	Imsaġar ta' newba qasira			—
2490	S	Pagamenti akkoppjati oħra mhux imsemmija band'oħra			—
		Għotjiet u sussidji oħra ta' karattru eċċezzjonali			
2810	S	Pagamenti għal diżastri			—
2890	S	Għotjiet u sussidji oħra ta' karattru eċċezzjonali			—
2900	S	Pagamenti diretti oħra mhux imsemmija band'oħra			—
		Żvilupp rurali			
3100	S	Investimenti, inkluż fl-irrigazzjoni			—
3200	S	Stabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ u ta' bdiewa ġodda u l-bidu ta' negozji rurali			—
3310	S	Impenji ta' ġestjoni (ambjentali, relatati mal-klima u oħrajn) (minbarra t-trattament xieraq tal-annimali u l-biedja organika)			—
3320	S	Pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali			
3350	S	Biedja organika			—

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Kolonni		
			N	V	T
3400	S	Żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji (pereżempju Natura 2000, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma)			—
3500	S	Restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi għaż-żona			—
	S	Forestrija/investimenti li ma jrendux qligħ			
3610	S	Investimenti fl-iżvilupp taż-żoni forestali u titjib tal-vijabbiltà tal-foresti			—
3620	S	Pagamenti għan-Natura 2000 għall-forestrija u għas-servizzi ambjentali u tal-klima u għall-appoġġ tal-konservazzjoni tal-foresti			—
3750	S	Appoġġ biex jiġġedded il-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritlu ħsara b'diżastri naturali u eventi katastrofiċi u għall-introduzzjoni ta' azzjonijiet xierqa ta' prevenzjoni			—
3760	S	Għodda għall-ġestjoni tar-riskju			—
3770	S	Skambju tal-għarfien u tixrid ta' informazzjoni			
3780	S	Kooperazzjoni			
3900	S	Pagamenti oħra għall-iżvilupp rurali			—
		Għotjiet u sussidji fuq kostijiet			
4100	S	Pagi u sigurtà soċjali			—
4200	S	Fjuwils tal-magni			—
		Bhejjem			
4310	S	Għalf għall-bhejjem li jirgħu			—
4320	S	Għalf għall-qżieqeż u għall-pollam			—
4330	S	Kostijiet oħra relatati mal-bhejjem			—
		Għelejjel			
4410	S	Żrieragħ			—
4420	S	Fertilizzanti			—
4430	S	Ħarsien tal-għelejjel			—
4440	S	Kostijiet speċifiċi tal-għelejjel oħrajn			—
		Spejjeż ġenerali tal-biedja			
4510	S	Elettriku			—
4520	S	Fjuwils għat-tisħin, total			—
4521	S	li minnhom gass naturali u gassijiet manifatturati			—
4522	S	li minnhom żejt u prodotti petroliferi			—
4523	S	li minnhom fjuwils fossili solidi			—
4524	S	li minnhom fjuwils rinnovabbli			—
4530	S	Ilma			—
4540	S	Assigurazzjoni			—

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Kolonni		
			N	V	T
4550	S	Imgħax			—
4600	S	Kostijiet għal OGA			—
4900	S	Kostijiet oħra			—
		Għotjiet u sussidji fuq ix-xiri ta' bhejjem			
5100	S	Xiri ta' prodotti tal-ħalib			—
5200	S	Xiri ta' ċanga			—
5300	S	Xiri ta' nagħaġ u mogħoż			—
5400	S	Xiri ta' ħnieżer u pollam			—
5900	S	Xiri ta' annimali oħra			—
9000	S	**Differenzi minn snin kontabilistiċi preċedenti**			—
		Obbligi tal-Istati Membri relatati ma' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin tal-art (standards tal-KAAT 2, 8 u 9)			
10010	AI	KAAT 2 dwar l-artijiet mistagħdra u t-torbieri	—	—	
10011	AI	KAAT 2: għadd ta' ettari ta' artijiet mistagħdra u torbieri - art bil-ħaxix permanenti		—	—
10012	AI	KAAT 2: għadd ta' ettari ta' artijiet mistagħdra u torbieri – raba' fi stadju bikri		—	—
10013	AI	KAAT 2: għadd ta' ettari ta' artijiet mistagħdra u torbieri - għelejjel permanenti		—	—
10400	AI	KAAT 9: projbizzjoni fuq il-konverżjoni jew il-ħrit	—	—	
10401	AI	KAAT 9: għadd ta' ettari ta' art bil-ħaxix permanenti f'siti ta' Natura 2000		—	—
10402	AI	KAAT 9: għadd ta' ettari ta' bwar permanenti indikati bħala art bil-ħaxix permanenti ambjentalment sensittivi f'siti ta' Natura 2000 protetti taħt il-KAAT 9 u ddikjarati mill-bdiewa;		—	—
10403	AI	KAAT 9: għadd ta' ettari ta' art bil-ħaxix permanenti indikati bħala ambjentalment sensittivi barra mis-siti ta' Natura 2000, protetti taħt il-KAAT 9 u ddikjarati mill-bdiewa, fejn applikabbli.		—	—

Il-kodiċijiet li jiddeskrivu kif inhu ffinanzjat is-sussidju jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
0	Mhux applikabbli: dan il-kodiċi jrid jintuża għall-informazzjoni amministrattiva
1	Is-sussidju huwa ffinanzjat mill-baġit tal-Unjoni biss.
2	Il-miżura hija kofinanzjata mill-Unjoni u mill-Istat Membru.
3	Il-miżura mhijiex iffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni, iżda minn sorsi pubbliċi oħra.

Il-kodiċijiet li jiddefinixxu l-unitajiet bażiċi jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (***)	Deskrizzjoni
0	Mhux applikabbli: dan il-kodiċi jrid jintuża għall-informazzjoni amministrattiva
1	Is-sussidju jingħata skont l-għadd ta' bhejjem.
2	Is-sussidju jingħata għal kull ettaru.
3	Is-sussidju jingħata għal kull tunnellata.
4	Azjenda agrikola/oħra: is-sussidju jingħata għall-azjenda agrikola kollha jew b'mod li ma jaqax taħt il-kategoriji l-oħra.

It-Tabella M "SUSSIDJI" tkopri l-għotjiet u s-sussidji li jingħataw lill-azjendi agrikoli mill-korpi pubbliċi, iffinanzjati kemm mill-baġit nazzjonali kif ukoll mill-baġit tal-Unjoni. Tkopri wkoll l-informazzjoni amministrattiva dwar il-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tal-art.

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA M

S *Sussidji*

L-għotjiet u s-sussidji huma ddefiniti skont il-kategorija ta' sussidju (S), il-finanzjament u l-unitajiet bażiċi. Għal kull entrata jridu jiġu rreġistrati l-għadd ta' unitajiet bażiċi (N) u l-ammont li jingħata (V). Jista' jkun hemm diversi rekords għal kull kategorija ta' sussidju, hekk kif l-unitajiet bażiċi u/jew l-oriġini ta' finanzjament jistgħu jkunu differenti.

Bħala regola ġenerali, l-għotjiet u s-sussidji rreġistrati fit-Tabella M jikkorisspondu għas-sena kontabilistika kurrenti, irrispettivament minn meta jiġi riċevut il-ħlas (is-sena kontabilistika hija l-istess bħas-sena ta' talba). Is-sussidji għall-investiment u l-pagamenti rurali, minbarra l-pagamenti lil żoni li jġarrbu diffikultajiet naturali jew speċifiċi oħra jikkostitwixxu eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali, peress li l-ammonti rreġistrati għandhom jirreferu għall-pagamenti li verament ġew riċevuti matul is-sena kontabilistika (is-sena kontabilistika hija ekwivalenti għas-sena ta' pagament).

AI *Informazzjoni amministrativa*

Ċerti obbligi tal-Istati Membri relatati ma' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (standards 2 u 9 tal-KAAT) huma definiti skont il-kategorija ta' informazzjoni amministrattiva (IA). L-għadd (N) u/jew it-tip (T) ta' unitajiet bażiċi jridu jiġu rreġistrati għal kull entrata, kif inhu speċifikat fit-tabella.

L-għadd ta' unitajiet bażiċi (N) li jikkorrispondi għaż-żona kkonċernata mill-istandards tal-KAAT huwa espress f'ettari.

It-tip (T) jirreferi għall-applikazzjoni tal-KAAT fil-livell tal-azjenda agrikola u jrid jintgħażel mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi	Deskrizzjoni
1	L-azjenda agrikola għandha l-obbligu li tikkonforma mar-rekwiżit amministrattiv.
2	L-azjenda agrikola tibbenefika minn eżenzjoni jew deroga kif definit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK skont l-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 13(2a) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Tabella MI

Integrazzjoni tas-suq

Struttura tat-tabella

Kategorija	Kodiċi

		Kolonni				
Grupp ta' informazzjoni		Sehem tal-valur mibjugħ (%)	Tip ta' kuntratt	Arranġamenti tal-prezzijiet	Kondiviżjoni tal-valur	Termini kuntrattwali
		S	**C**	**P**	**V**	**R**
MI	Integrazzjoni tas-suq					

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi	Deskrizzjoni	Grupp	S	C	P	V	R
100	Bejgħ dirett lill-konsumatur	**MI**		—	—	—	—
200	Organizzazzjoni tal-produtturi/ Kooperattiva	**MI**		—			
300	Bejjiegħ bl-imnut	**MI**					
400	Proċessur tal-ikel	**MI**					
500	Bejjiegħ bl-ingrossa	**MI**					
600	Azjendi agrikoli oħra	**MI**					
700	Intermedjarji tal-esportazzjoni	**MI**					
800	Oħrajn	**MI**					

Il-grupp ta' informazzjoni dwar l-integrazzjoni tas-suq jirreferi għall-bejgħ tal-prodott ewlieni tal-azjenda agrikola f'termini ta' valur tal-bejgħ f'sena ta' rappurtar partikolari. Għall-prodott ewlieni partikolari, trid tingħata indikazzjoni dwar is-sehem tal-prodott mibjugħ lil xerrejja differenti u l-karatteristiċi tal-ftehimiet kuntrattwali rilevanti. Jekk il-prodott ewlieni jinbiegħ lil xerrejja differenti u/jew b'arranġamenti kuntrattwali differenti, għandu japplika l-istess kriterju tal-ogħla valur tal-bejgħ (jiġifieri, l-informazzjoni rreġistrata għandha tirreferi għax-xerrej ewlieni u/jew għall-kuntratt ewlieni f'termini ta' valur mibjugħ).

Deskrizzjoni tal-kolonni

S. *Sehem tal-valur mibjugħ (%)*

Il-kalkolu tas-sehem tal-valur mibjugħ jirreferi għad-determinazzjoni tal-perċentwal tal-valur totali tal-prodott agrikolu ewlieni f'termini tal-valur tal-bejgħ li jkun inbiegħ f'sena ta' rappurtar partikolari skont it-tip ta' xerrej.

C. *Tip ta' kuntratt*

Trid tingħata indikazzjoni dwar l-eżistenza ta' kuntratt bil-miktub bejn il-bidwi u x-xerrej dwar il-bejgħ tal-prodott agrikolu ewlieni. Jekk il-prodott agrikolu ewlieni partikolari jinbiegħ b'kuntratti differenti, għandha tiġi rrappurtata biss l-informazzjoni dwar il-kuntratt ewlieni f'termini ta' valur tal-bejgħ.

Kodiċijiet li għandhom jintużaw:

0 Le

1 Iva

P. *Arranġamenti tal-prezzijiet*

F'każ li jeżisti kuntratt bil-miktub (jiġifieri, il-valur imdaħħal taħt il-punt C huwa ugwali għal 2), trid tingħata indikazzjoni dwar it-tip ta' ftehim dwar il-prezz għall-bejgħ tal-prodott ewlieni tal-azjenda agrikola kopert minn dan il-kuntratt.

Kodiċijiet li għandhom jintużaw:

1 Prezz statiku (jiġifieri, il-kuntratt jipprevedi prezz li mhuwiex soġġett għal bidla irrispettivament mill-fluttwazzjonijiet fil-kostijiet, fil-kundizzjonijiet tas-suq, jew f'varjabbli oħra).

2 Prezz varjabbli (jiġifieri, il-kuntratt jipprevedi formula tal-prezz li tistabbilixxi indikaturi, indiċijiet u/jew metodi ta' kalkolu li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq, il-kwantitajiet, u l-kwalità u l-kompożizzjoni tal-prodotti kkonsenjati).

V. *Kondiviżjoni tal-valur*

F'każ li jeżisti kuntratt bil-miktub (jiġifieri, il-valur imdaħħal taħt il-punt C huwa ugwali għal 2), trid tingħata indikazzjoni dwar jekk il-kuntratt jiddeterminax kif kwalunkwe evoluzzjoni tal-prezzijiet tas-suq rilevanti għall-prodotti kkonċernati jew profitti jew telf ta' swieq oħra tal-komoditajiet trid tiġi allokata bejn il-partijiet kuntrattwali, inkluż permezz ta' bonusijiet jew kondiviżjoni tat-telf.

Kodiċijiet li għandhom jintużaw:

0 Le

1 Iva

R. *Kundizzjonijiet tal-kuntratt*

F'każ li jkun jeżisti kuntratt bil-miktub (jiġifieri, il-valur imdaħħal taħt il-punt C huwa ugwali għal 2), trid tingħata indikazzjoni dwar it-termini tal-kuntratt li jikkonċernaw il-kwantitajiet ta' oġġetti li għandhom jiġu kkonsenjati, il-frekwenza tal-konsenji, kif ukoll it-termini tal-ħlas u l-penali għan-nuqqas ta' konformità fir-rigward tal-bejgħ tal-prodott agrikolu ewlieni kopert minn tali kuntratt.

Kodiċijiet li għandhom jintużaw (għażla multipla possibbli):

1. Il-kuntratt jeħtieġ konsenji regolari tal-prodotti matul id-durata kollha tal-kuntratt.

2. It-tul tal-kuntratt huwa sa 1 sena mingħajr klawżola ta' tiġdid awtomatiku (jiġifieri, it-termini kollha inklużi fil-kuntratt, minbarra l-prezz, jiġu estiżi awtomatikament, inkluża l-frekwenza tal-konsenji, it-termini tal-ħlas, eċċ.).

3. Il-pagamenti għall-prodotti kkonsenjati skont il-kuntratt jridu isiru sa 30 jum mill-konsenja tal-merkanzija.

4. Il-kuntratti jinkludu penali għall-produttur għal nuqqas ta' konformità u/jew fil-każ ta' *force majeure*.

Tabella DI

Innovazzjoni u diġitalizzazzjoni

Struttura tat-tabella

Kategoriji ta' innovazzjoni u diġitalizzazzjoni	Kodiċi

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni	
		Parteċipazzjoni	Użu
		P	**U**
IN	**Proġetti u networks ta' innovazzjoni**		
FM	**Ġestjoni tal-azjenda agrikola**		
PF	**Biedja ta' preċiżjoni**		
LM	**Makkinarju għall-ġestjoni tal-bhejjem**		

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi	Deskrizzjoni	Grupp	P	U
110	Proġett ta' riċerka u innovazzjoni	**IN**		-
120	Grupp operazzjonali tal-EIP	**IN**		-
130	Azjenda agrikola ta' dimostrazzjoni	**IN**		-
140	Network tal-bdiewa	**IN**		-
150	Network ieħor	**IN**		-
210	Sistema ta' informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-azjendi agrikoli	**FM**	-	
310	Robotika għall-produzzjoni tal-għelejjel	**PF**	-	
320	Tekniki b'rata varjabbli	**PF**	-	
330	Monitoraġġ ta' preċiżjoni tal-għelejjel	**PF**	-	
410	Monitoraġġ tal-benesseri u tas-saħħa tal-annimali	**LM**	-	
420	Sistemi ta' tagħlif awtomatiku	**LM**	-	
430	Regolazzjoni awtomatika tal-klima fil-maqjel	**LM**	-	
440	Robots tal-ħlib	**LM**	-	

DESKRIZZJONI TAL-KATEGORIJI

110 *Proġett ta' riċerka u innovazzjoni*

Il-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (R &I) imwettqa mill-kumpaniji għandhom l-għan li jinnovaw u jintroduċu prodotti u servizzi ġodda jew li jtejbu l-offerta eżistenti. Dawn jistgħu jkunu r-riżultat ta' kollaborazzjoni bejn il-bdiewa, ir-riċerkaturi, u negozji oħra permezz ta' approċċ b'diversi atturi li jsaħħaħ l-isforzi tar-R&I u l-użu mill-azjenda agrikola tar-riżultati tar-R &I.

120 *Grupp operazzjonali tal-EIP*

Proġett tal-Grupp Operazzjonali tal-EIP-AGRI jinkludi sħab b'għarfien komplementari (eż., xjentifiku, tekniku, organizzattiv, eċċ.) li flimkien joħolqu soluzzjonijiet prattiċi għall-agrikoltura, il-forestrija u l-komunitajiet rurali fi proġett ta' innovazzjoni. Dan jista' jinkludi diversi atturi mis-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli Ewropej (AKIS), inklużi l-bdiewa, il-forestiera, ir-riċerkaturi, il-konsulenti, in-negozji, il-gruppi ambjentali, il-gruppi ta' interess tal-konsumaturi jew NGOs oħra biex javvanzaw l-innovazzjoni għall-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali.

130 *Azjenda agrikola ta' dimostrazzjoni*

Azjenda agrikola ta' dimostrazzjoni (jew azjenda agrikola sperimentali jew mudell) tikkontribwixxi għar-riċerka jew turi diversi tekniki agrikoli.

140 *Network tal-bdiewa*

Network tal-bdiewa huwa mod kif il-bdiewa jiskambjaw informazzjoni u għarfien tekniku, kif ukoll joħolqu opportunitajiet ta' konnessjoni fuq bażi regolari.

150 *Network ieħor*

Network ieħor ta' azjendi agrikoli jinkludi inizjattivi bħal LEADER u rħula intelliġenti.

210 *Sistema ta' informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-azjendi agrikoli*

Is-sistemi ta' informazzjoni ta' ġestjoni huma għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet, jew fuq kompjuter proprju jew permezz ta' sistema online. Dawn jinkludu iżda mhumiex ristretti għal għodda bħal ktieb diġitali tal-oqsma jew ktieb diġitali tal-merħla.

310 *Robotika għall-produzzjoni tal-għelejjel*

Dan jinkludi makkinarju awtonomu, robots tal-ġbir tal-bakek, tagħmir ta' preċiżjoni għolja ħafna bbażat fuq RTK–GPS (akkuratezza ta' 1 cm), u oħrajn. Tagħmir li juża gwida tal-GPS għall-applikazzjoni tal-PPPs u tagħmir għall-isprejjar mill-baned tal-PPPs huma inklużi wkoll.

320 *Tekniki b'rata varjabbli*

F'tekniki b'rata varjabbli, ir-rata ta' applikazzjoni hija bbażata fuq il-post preċiż jew il-kwalitajiet taż-żona. Jintużaw għal waħda jew aktar mill-operazzjonijiet tal-biedja li ġejjin:

— Fertilizzazzjoni

— Protezzjoni tal-pjanti

— Qtugħ ta' ħaxix ħażin

— Żrigħ

— Tħawwil

— Oħrajn

330 *Monitoraġġ ta' preċiżjoni tal-għelejjel*

Tekniki ta' monitoraġġ tal-għelejjel bħal:

— Stazzjonijiet tat-temp

— Immappjar diġitali (immappjar tal-kwalità tal-ħamrija, immappjar tar-rendiment, immappjar tal-Indiċi tal-Vegetazzjoni tad-Differenza Normalizzata (NDVI))

— Skennjar tal-ħamrija

— Sensuri ta' monitoraġġ tar-rendiment

— Oħrajn

410 *Monitoraġġ tal-benesseri u tas-saħħa tal-annimali*

Monitoraġġ tal-annimali tar-razzett bl-użu ta' teknika waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

— Monitoraġġ bil-kamera

— Monitoraġġ tal-ħoss

— Sistemi ta' twissija

— Sensuri tal-attività

— Intraċċar tal-annimali

— Monitoraġġ tas-saħħa (eż., monitoraġġ tat-temperatura, tal-piż, taz-zappip, jew tal-mastite)

— Reġistrazzjoni tal-għalf

— Reġistrazzjoni tax-xorb

— Oħrajn

420 *Sistemi awtomatiċi tal-għalf*

Is-sistemi awtomatiċi tal-għalf għall-annimali jawtomatizzaw u jottimizzaw il-proċess tal-għalf, filwaqt li jipprovdu konsenja konsistenti u kkontrollata tal-għalf lill-annimali filwaqt li jimminimizzaw ix-xogħol u jiżguraw l-użu effiċjenti tar-riżorsi.

430 *Regolamentazzjoni awtomatika tal-klima tal-maqjel*

Tagħmir għar-regolamentazzjoni awtomatika tal-klima tal-maqjel inkluż il-kontroll tat-temperatura, il-ventilazzjoni, il-ġestjoni tal-umdità, il-kontroll tat-tidwil, l-allarm, u s-sistema ta' monitoraġġ.

440 *Robots tal-ħlib*

Sistemi ta' ħlib awtomatiku li jissostitwixxu l-prattika tal-ħlib bl-idejn.

DESKRIZZJONI TAL-KOLONNI

Parteċipazzjoni (P)

Il-kodiċi jindika jekk l-azjenda agrikola pparteċipatx fi proġetti ta' innovazzjoni jew f'networks matul l-aħħar 3 snin. Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 Le

1 Iva

Użu (U)

Il-kodiċi jindika jekk il-bidwi kienx sid, kienx jikri jew juża t-teknoloġija partikolari fis-sena ta' rappurtar. Dan jista' jinkludi l-użu tat-teknoloġija partikolari minn fornitur tas-servizz jekk it-teknoloġija użata għat-twettiq tal-operazzjonijiet tal-biedja tkun speċifikata fil-kuntratt jew fil-fatturi jew jekk il-bidwi jkun konxju mit-teknoloġija użata b'għarfien jew informazzjoni diretta. Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 Le

1 Iva

Tabella OF

Sehem indikattiv tal-introjtu barra mill-azjenda agrikola

Struttura tat-tabella

		Kolonna
Grupp ta' informazzjoni		Kodiċi
		C
OI	Introjtu barra mill-azjenda agrikola	

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi	Deskrizzjoni	Grupp	C
100	Sehem tal-introjtu barra mill-azjenda agrikola	OI	
200	Sorsi ta' introjtu barra mill-azjenda agrikola	OI	

Il-grupp ta' informazzjoni dwar l-introjtu barra mill-azjenda agrikola jirreferi għall-introjtu tal-bdiewa minn impjieg għajr xogħol agrikolu u għajr *attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ relatati direttament mal-azjenda agrikola* (OGA). Dan jinkludi l-impjieg mhux fl-azjenda agrikola u l-impjieg indipendenti ta' detentur/maniġer mhux imħallas jew detentur/mhux maniġer jew maniġer/mhux detentur. Jekk il-valuri tal-introjtu jkunu għadhom mhumiex magħrufa għas-sena ta' rappurtar tal-FSDN, il-perjodu ta' osservazzjoni jista' jirreferi għall-perjodu ta' referenza tal-introjtu ta' 12-il xahar preċedenti, jiġifieri s-sena kalendarja jew tat-taxxa preċedenti kemm għall-introjtu tal-azjendi agrikoli kif ukoll għal dawk barra l-azjendi agrikoli (pereżempju, 2026 introjtu tal-azjendi agrikoli u mhux tal-azjendi agrikoli li għandhom jitqiesu għas-sena ta' rappurtar tal-FSDN 2027). Il-perjodu ta' osservazzjoni (jiġifieri s-sena ta' rappurtar tal-FSDN jew il-perjodu ta' referenza tal-introjtu ta' 12-il xahar preċedenti) applikat minn kull Stat Membru għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni fi żmien xieraq għall-istabbiliment tas-sistema kompjuterizzata ta' konsenja u kontroll imsemmija fl-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament.

Trid issir distinzjoni bejn il-kategoriji li ġejjin:

OF.OI.100.C. *Sehem tal-introjtu barra mill-azjenda agrikola*

Trid tingħata indikazzjoni dwar il-proporzjon indikattiv tal-introjtu barra l-azjenda agrikola meta mqabbel mal-introjtu mill-biedja u mill-attività bi skop ta' qligħ (jiġifieri, indikazzjoni jekk l-introjtu barra mill-azjenda agrikola huwiex ogħla jew aktar baxx meta mqabbel mal-introjtu tal-azjenda agrikola u sa liema punt). Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 L-ebda preżenza ta' introjtu barra mill-azjenda agrikola – jiġifieri, l-introjtu barra mill-azjenda agrikola huwa ugwali għal 0

1 L-introjtu barra l-azjenda agrikola huwa sors sekondarju ta' introjtu – jiġifieri, l-introjtu barra l-azjenda agrikola huwa inqas minn 50 % meta mqabbel mal-introjtu mill-biedja u mill-OGA

2 L-introjtu barra l-azjenda agrikola huwa sors sinifikanti ta' introjtu – jiġifieri, l-introjtu barra l-azjenda agrikola huwa bejn 50 % u 100 % meta mqabbel mal-introjtu mill-biedja u mill-OGA

3 L-introjtu barra l-azjenda agrikola huwa akbar mill-introjtu mill-biedja u mill-OGA – jiġifieri, l-introjtu barra l-azjendi agrikoli huwa aktar minn 100 % meta mqabbel mal-introjtu mill-biedja u mill-OGA

Il-formula ta' kalkolu li ġejja tista' tintuża biex jiġi stmat is-sehem tal-introjtu barra l-azjenda agrikola:

$$\text{Sehem} = \frac{\text{Off} - \text{farm income}}{\text{Income from farming and OGA}} \times 100$$

Madankollu, tali kalkolu mhuwiex meħtieġ u ma għandux jitwettaq speċjalment meta, minħabba ċerti valuri tal-introjtu (eż., introjtu negattiv), ir-riżultat ma jkunx sinifikanti.

OF.OI.200.C. *Sorsi ta' introjtu barra mill-azjenda agrikola*

Trid tingħata indikazzjoni tas-sorsi tal-introjtu barra l-azjenda agrikola jekk il-kodiċi użat biex jimtela OF.OI.100.C ikun differenti minn 0. Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1 Fil-biċċa l-kbira impjieg

2 Fil-biċċa l-kbira impjieg indipendenti

Tabella FP1

Prattiki tal-biedja 1

Il-prattiki tal-biedja ambjentali u klimatiċi huma kwalunkwe azzjoni ta' protezzjoni, impenn jew investiment imwettqa minn bidwi jew maniġer tal-art bl-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet ambjentali tal-biedja, u li jiġi mmitigat it-tibdil fil-klima u li jsir adattament għalih.

Struttura tat-tabella

	Kategorija ta' prattiki tal-biedja	Kodiċi (*)	
Grupp ta' informazzjoni		Erja	Kwantità
		TA	**Q**
TI	Ġestjoni tal-ħdim tar-raba'		—
SC	Kopertura tal-ħamrija		—
OF	Fertilizzazzjoni organika		
AL	Applikazzjoni tal-ġir	—	

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni	TA	Q
100	**TI**	Ħdim tar-raba' konvenzjonali		—
200	**TI**	L-ebda ħdim tar-raba'		—
300	**TI**	Ħdim tar-raba' (baxx) b'konservazzjoni		—

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni	TA	Q
400	**SC**	Kopertura tal-ħamrija tax-xitwa fuq raba' fi stadju bikri		—
500	**SC**	Kopertura erbaċea f'għelejjel permanenti		—
600	**OF**	Użu ta' kompost	—	
700	**OF**	Użu ta' diġestati jew frazzjonijiet rikki fin-nutrijenti	—	
800	**OF**	Tidmil bil-ħaxix		—
900	**OF**	Użu ta' ħama tad-dranaġġ	—	
1000	**AL**	Applikazzjoni tal-ġir	—	

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA FP1

TI *Ħdim tar-raba'*

Għal kull entrata, trid tiġi rreġistrata ż-żona (TA) taħt il-prattiki differenti ta' ġestjoni tal-ħdim tar-raba'. Iż-żona trid tingħata f'ares (100 ares = 1 ettaru).

SC *Kopertura tal-ħamrija*

Għal kull entrata, trid tiġi rreġistrata ż-żona koperta (TA). Iż-żona trid tingħata f'ares (100 ares = 1 ettaru).

OF *Fertilizzazzjoni organika*

Għal kull entrata, il-kwantità (Q) trid tiġi rreġistrata, ħlief għat-tidmil bil-ħaxix, għal liema żona (TA) trid tiġi rreġistrata. Il-kwantità ta' fertilizzant organiku applikat matul is-sena ta' rappurtar għandha tiġi indikata fi qnatar (100 kg). Għat-tidmil bil-ħaxix l-erja tirreferi għall-erja totali mħawla b'għelejjel użati speċifikament għal dan l-għan. Iż-żona trid tingħata f'ares (100 ares = 1 ettaru).

AL *Applikazzjoni tal-ġir*

Għal kull entrata, trid tiġi rreġistrata l-kwantità (Q). Il-kwantità għandha tiġi indikata fi qnatar (100 kg).

Kategoriji ta' prattiki tal-biedja

100 *Ħdim tar-raba' konvenzjonali*

li jinvolvi l-inverżjoni tal-ħamrija, normalment b'moħriet mouldboard jew forma ta' diska bħala l-operazzjoni primarja tal-ħrit, segwita minn ħrit sekondarju b'xatba tar-raba' b'diski.

200 *Żrigħ mingħajr ħrit*

Prattika li fiha l-għalla tinżera' direttament f'ħamrija li ma tkunx inklinata mill-ħsad tal-għalla preċedenti (imsejħa wkoll żrigħ dirett). Il-kontroll tal-ħaxix ħażin jinkiseb bl-użu ta' erbiċidi u/jew mulching xieraq u tekniki oħra bħal għelejjel intermedji jew iż-żrigħ u l-qasbija jinżammu għall-kontroll tal-erożjoni. Ma jiġi applikat l-ebda ħdim tar-raba' bejn il-ħsad u ż-żrigħ. Il-prattiki taż-żrigħ mingħajr ħrit għandhom jiġu rreġistrati f'din il-kategorija.

300 *Ħdim tar-raba' (baxx) b'konservazzjoni*

Il-ħdim tar-raba' (baxx) b'konservazzjoni jirreferi għal prattiki tal-ħdim tar-raba' jew sistema li ma jinvolvux inverżjoni tal-ħamrija. Din il-kategorija tinkludi metodi ta' ħdim tar-raba' li jinvolvu gradi baxxi ta' disturb tal-ħamrija (eż. ħdim minimu tar-raba', ħdim tar-raba' taħt il-ħamrija, nuqqas ta' inverżjoni, jew inverżjoni tal-wiċċ), kif ukoll ħdim tar-raba' fi strixxi jew ħdim tar-raba' żonali, ħdim tar-raba' fil-laned jew ħdim tar-raba' vertikali u ħdim tar-raba' fuq ix-xifer.

400 *Kopertura tal-ħamrija tax-xitwa fuq raba' fi stadju bikri*

Hija l-erja ta' raba' fi stadju bikri li hija koperta (mhux mikxufa) matul ix-xitwa. Din tinkludi:

— Erja kkultivata b'għelejjel tax-xitwa regolari

— Erja kkultivata b'għelejjel ta' kopertura, għelejjel intermedji u/jew kwalunkwe pjanta li tinżera' speċifikament għall-ġestjoni tal-erożjoni tal-ħamrija, il-fertilità, u l-kwalità, l-ilma, il-ħaxix ħażin, il-pesti, il-mard, il-bijodiversità u l-organiżmi selvaġġi, bejn il-ħsad u ż-żrigħ, matul ix-xitwa.

— Raba' fi stadju bikri kopert bir-residwi tal-pjanti u l-qasbija tal-istaġun tal-għelejjel preċedenti u/jew art miksija b'mulch (għata laxka b'materjal li huwa naturali bħal marqad, ħaxix maqtugħ, tiben, weraq, residwi taż-żbir, qoxra tas-siġar jew serratura, jew artifiċjali bħal karta jew fibri sintetiċi).

500 *Kopertura erbaċea f'għelejjel permanenti*

Erja koperta minn veġetazzjoni erbaċea, jew spontanja jew imħawla (inklużi għelejjel ta' kopertura), fuq erja agrikola użata okkupata minn għelejjel permanenti. Din tinkludi kopertura erbaċea bejn ir-ringieli għall-vinji u l-imsaġar imħawla f'ringieli, kif ukoll iż-żona bejn is-siġar fl-imsaġar mhux imħawla fir-ringiela. Biex jingħata rendikont, il-kopertura erbaċea għandha tkun inżammet għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur matul is-sena ta' rappurtar.

600 *Użu ta' kompost*

Il-kompost huwa l-prodott tal-kompostjar, proċess bijoloġiku li jissottometti l-iskart bijodegradabbli għad-dekompożizzjoni anaerobika jew aerobika u li jirriżulta fi prodott użat fuq l-art jew għall-produzzjoni ta' materjal għat-tkabbir jew sottostrati. Il-kompost jitħejja b'mod komuni bid-dekompożizzjoni tal-iskart mill-impjanti u mill-ikel, mir-riċiklaġġ ta' materjali organiċi, u mid-demel.

700 *Diġestati jew frazzjonijiet rikki fin-nutrijenti*

L-applikazzjoni ta' diġestati jew frazzjonijiet rikki fin-nutrijenti rkuprati mid-demel. Id-diġestat huwa residwu li mhuwiex dekompost fil-proċess tad-diġestjoni anaerobika bħal dak għall-produzzjoni tal-bijogass. Tipi differenti ta' frazzjonijiet u diġestat huma inklużi f'din il-kategorija bħall-frazzjoni likwida tad-demel, frazzjonijiet solidi tad-demel, demel diġestat biss, kodiġestat, frazzjonijiet likwidi tad-diġestat, konċentrati minerali tad-demel/diġestat.

800 *Tidmil bil-ħaxix*

Għandha tiġi rrapportata l-erja totali mħawla b'għelejjel użati għat-tidmil bil-ħaxix. L-għelejjel tat-tidmil bil-ħaxix huma pjanti li jitkabbru, jinqatgħu u jiġu inkorporati fil-ħamrija biex tittejjeb il-fertilità tal-ħamrija. Il-mustarda, ir-ravanell u xi għelejjel leguminużi jintużaw bħala demel aħdar. L-inkorporazzjoni tat-tiben jew tar-residwi tal-għelejjel mill-għelejjel ewlenin ma għandhiex titqies bħala tidmil bil-ħaxix.

900 *Użu ta' ħama tad-dranaġġ*

Materjal residwu u semisolidu li jiġi prodott bħala prodott sekondarju matul it-trattament tad-dranaġġ tal-ilma mormi industrijali jew muniċipali.

1000 *Applikazzjoni tal-ġir*

Applikazzjoni fil-ħamrija ta' materjali b'kontenut għoli ta' kalċju (Ca) u manjeżju (Mg) f'diversi forom, inklużi trab ġulġlieni, ġibs, ġebla tal-ġir, ġir maħruq jew ġir idratat.

Tabella FP2

Prattiki tal-biedja 2

Struttura tat-tabella

	Kategorija ta' prattiki tal-biedja	Kodiċi (*)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni
		Erja
		TA
CR	Newba tal-għelejjel	
LU	Użi speċifiċi tal-art	

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi(*)	Grupp	Deskrizzjoni	TA
100	CR	Newba tal-għelejjel	
200	LU	Agroforestrija	
300	LU	Kultivazzjoni tal-għadajjar	

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA FP2 – Prattiki tal-biedja 2

CR *Newba tal-għelejjel*

L-erja totali (TA) trid tiġi rreġistrata. Iż-żona trid tingħata f'ares (100 ares = 1 ettaru).

LU *Użi speċifiċi tal-art*

L-erja totali (TA) trid tiġi rreġistrata. Iż-żona trid tingħata f'ares (100 ares = 1 ettaru).

Kategoriji ta' prattiki tal-biedja

100 *Newba tal-għelejjel*

L-erja totali taħt in-newba tal-għelejjel. In-newba tal-għelejjel hija prattika fejn l-għelejjel imkabbra f'għalqa speċifika jiġu alternati skont mudell jew sekwenza ppjanata fi snin suċċessivi tal-għelejjel sabiex ma jitkabbrux għelejjel tal-istess speċi fl-istess għalqa mingħajr interruzzjoni. In-newba tal-għelejjel tapplika għal raba' fi stadju bikri kkultivata għall-produzzjoni tal-għelejjel jew żona maħsuba (għal inqas minn ħames snin); l-erja tar-roqgħa art trid titqies bħala parti minn skema tan-newba tal-għelejjel hekk kif ma tkunx tħawlet jew ma kinitx koperta kontinwament bl-istess għalla jew titħalla tistrieħ fuq l-art fl-aħħar 3 snin.

L-għelejjel li ġejjin ma għandhomx jitqiesu meta tiġi kkalkulata l-erja tat-tnewwib:

— Raba' fi stadju bikri taħt il-ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli;

— Faqqiegħ ikkultivat.

200 *Agroforestrija*

L-agroforestrija hija tip ta' sistema tal-użu tal-art fejn il-perenni tal-injam (siġar, arbuxelli) jintużaw apposta fuq l-istess unità ta' ġestjoni tal-art flimkien ma' għelejjel agrikoli, artijiet bil-ħaxix u/jew annimali.

300 *Kultivazzjoni tal-għadajjar*

Żona għall-kultivazzjoni tal-għadajjar, definita bħala tip ta' użu tal-art fejn torbiera intatta jew imxarrba mill-ġdid tintuża għall-produzzjoni tal-bijomassa għal skopijiet kummerċjali.

Tabella NM1

Użu u ġestjoni tan-nutrijenti – Ħżin tad-demel

Struttura tat-tabella

	Kategorija tas-sistema tal-ħżin tad-demel	Kodiċi (*)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni
		Sehem
		S
MS	Faċilitajiet għall-ħżin tad-demel	

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi(*)	Deskrizzjoni	S
100	Ħżin solidu tad-demel f'munzelli	
200	Demel solidu maħżun f'munzelli tal-kompost	
300	Demel solidu maħżun f'fosos taħt l-erja ta' reklużjoni tal-annimali	
400	Demel solidu maħżun f'sistemi ta' mifrex fond	
500	Ħżin tad-demel likwidu/semisolidu mingħajr kopertura	
600	Ħżin tad-demel likwidu/semisolidu b'kopertura permeabbli	
700	Ħżin ta' demel likwidu/semisolidu b'kopertura impermeabbli	
800	Demel solidu maħżun f'faċilitajiet oħra m.k.b.	
900	Demel likwidu/semisolidu maħżun f'faċilitajiet oħra m.k.b.	
1000	Tixrid ta' kuljum ta' Demel Solidu	
1100	Tixrid ta' kuljum ta' demel likwidu/semisolidu	

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA NM1 – Ħżin tad-demel

MN *Faċilitajiet għall-ħżin tad-demel*

Id-*data* għandha tiġi rrappurtata fil-prospetti tal-biedja kull sena. Madankollu, id-*data* tista' tiġi kkumpilata jew tinġabar bi frekwenza aktar baxxa, sakemm dan isir mill-inqas darba kull ħames snin.

Il-faċilitajiet tal-ħżin għas-sistemi ta' ġestjoni tad-demel ikopru l-ħżin tad-demel solidu u tad-demel likwidu/semisolidu.

— Id-demel likwidu huwa l-awrina minn annimali domestiċi inkluż possibbilment ammont żgħir ta' eskrement u/jew ilma. Id-demel likwidu għandu sa 4 % materja niexfa. Id-demel semisolidu huwa demel f'forma likwida, taħlita ta' ħmieġ u awrina ta' annimali domestiċi, inkluż possibbilment ilma u/jew ammont żgħir ta' mifrex. Is-sehem tal-kontenut ta' materja niexfa huwa ta' 4-20 %. Għall-fini tal-FSDN, id-demel likwidu u semisolidu jitqiesu b'mod konġunt.

— Id-demel solidu, inkluż id-demel tal-irziezet, huma eskrementi, bil-mifrex jew mingħajru, ta' annimali domestiċi inkluż possibbilment ammont żgħir ta' awrina. Id-demel solidu għandu mill-inqas 20 % materja niexfa. Jiġi mmaniġġjat b'tagħmir li jgħabbi minn quddiem jew furkettuni.

Deskrizzjoni tal-kategoriji tas-sistemi tal-ħżin tad-demel

100 *Ħżin solidu tad-demel f'munzelli*

Demel li jinħażen fi mniezel mhux ikkonfinati jew f'erjas ta' konfinament fil-miftuħ, normalment għal perjodu ta' bosta xhur. Dawn il-faċilitajiet jista' jkollhom saqaf jew le, jew jistgħu jkunu koperti jew le.

200 *Demel solidu maħżun f'munzelli tal-kompost*

Demel maħżun f'munzelli ta' kompost magħluqin, li huma arjati u/jew imħalltin.

300 *Demel solidu maħżun f'fosos taħt l-erja ta' reklużjoni tal-annimali*

Demel maħżun bi ftit jew l-ebda ilma miżjud, tipikament taħt art f'għamla ta' gradilja f'faċilità magħluqa ta' trażżin tal-annimali, normalment għal perjodi ta' inqas minn sena. Jinkludi mifrex fond tal-bhejjem bovini u tal-ħnieżer u demel tal-pollam mingħajr mifrex.

400 *Demel solidu maħżun f'sistemi ta' mifrex fond*

Demel li jiġi akkumulat matul ċiklu ta' produzzjoni, li jista' jestendi għal 6 jew 12-il xahar.

500 *Ħżin tad-demel likwidu/semisolidu mingħajr kopertura*

Demel maħżun f'tankijiet jew għadajjar mhux mgħottijin, normalment għal perjodu ta' inqas minn sena. Jinkludi laguni anaerobiċi skoperti u laguni għat-trattament aerobiku.

600 *Ħżin ta' demel likwidu / semisolidu b'kopertura permeabbli*

Demel maħżun f'tankijiet jew għadajjar, normalment għal perjodu ta' inqas minn sena, u li jkun mgħotti b'kopertura permeabbli (bħal tafal, tiben jew qoxra naturali).

700 *Ħżin ta' demel likwidu / semisolidu b'kopertura impermeabbli*

Demel maħżun f'tankijiet jew għadajjar, normalment għal perjodu ta' inqas minn sena u li jkun mgħotti b'kopertura impermeabbli (bħal polietilen b'densità għolja jew għata ta' pressjoni negattiva).

800 *Demel solidu maħżun f'faċilitajiet oħra m.k.b.*

Demel solidu maħżun f'faċilitajiet oħra li mhumiex ikklassifikati band'oħra.

900 *Demel likwidu/semisolidu maħżun f'faċilitajiet oħra m.k.b.*

Demel likwidu/semisolidu maħżun f'faċilitajiet oħra li mhumiex ikklassifikati band'oħra.

1000 *Tixrid ta' kuljum ta' demel solidu*

Demel li ta' rutina jitneħħa minn faċilità ta' reklużjoni u jiġi applikat għar-raba' jew bwar fi żmien 24 siegħa wara l-eskrezzjoni.

1100 *Tixrid ta' kuljum ta' demel likwidu/semisolidu*

Demel li ta' rutina jitneħħa minn faċilità ta' reklużjoni u jiġi applikat għar-raba' jew bwar fi żmien 24 siegħa wara l-eskrezzjoni.

Deskrizzjoni tal-kolonni

Sehem (S)

Dan jirreferi għas-sehem (f'perċentwali) ta' demel solidu prodott minnu stess li jinħażen f'kull tip ta' faċilità ta' ħżin (%) u l-perċentwali ta' demel likwidu/demel likwidu prodott minnu stess li jinħażen f'kull tip ta' faċilità tal-ħżin (%).

Tabella NM2

Użu u ġestjoni tan-nutrijenti – Applikazzjoni tad-demel

Struttura tat-tabella

	Kategorija ta' tekniki ta' applikazzjoni tad-demel	Kodiċi (*)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni	
		Kodiċi	
		Sehem	Kwantità
		S	Q
MA	Tekniki ta' applikazzjoni tad-demel		

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi(*)	Deskrizzjoni	S	Q
100	Inkorporazzjoni ta' tifrix ta' demel solidu fuq il-wiċċ kollu fi żmien 4 sigħat		-
110	Inkorporazzjoni ta' tifrix ta' demel likwidu/semisolidu fuq il-wiċċ kollu fi żmien 4 sigħat		-
120	Inkorporazzjoni ta' tifrix ta' demel solidu fuq il-wiċċ kollu wara 4 sigħat		-
130	Inkorporazzjoni ta' tifrix ta' demel likwidu/semisolidu fuq il-wiċċ kollu wara 4 sigħat		-
140	L-ebda inkorporazzjoni ta' tifrix ta' demel solidu fuq il-wiċċ kollu		-
150	L-ebda inkorporazzjoni ta' tifrix ta' demel likwidu/semisolidu fuq il-wiċċ kollu		-
160	Distributur mobbli tad-demel bil-pajpijiet għat-tidmil b'furkettun ta' demel likwidu/semisolidu		-
170	Distributur bit-tubi flessibbli għat-tidmil b'furkettun ta' demel likwidu/semisolidu		-
180	Injezzjoni ta' demel likwidu/semisolidu minn qasma baxxa/miftuħa		-
190	Injezzjoni ta' demel likwidu/semisolidu minn qasma fonda/magħluqa		-
200	Demel solidu użat fl-impjant tal-bijogass proprju (prodott minnu stess)		
210	Demel likwidu/semisolidu użat fl-impjant tal-bijogass proprju (prodott minnu stess)		
220	Esportazzjoni ta' demel solidu mill-azjenda agrikola	-	
230	Esportazzjoni ta' demel likwidu/semisolidu mill-azjenda agrikola	-	
240	Importazzjoni ta' demel solidu fl-azjenda agrikola	-	
250	Importazzjoni ta' demel likwidu/semisolidu fl-azjenda agrikola	-	

Kategoriji ta' applikazzjoni tad-demel

100 *Inkorporazzjoni ta' tifrix ta' demel solidu fuq il-wiċċ kollu fi żmien 4 sigħat 110 demel likwidu/Slurry xandru inkorporazzjoni fi żmien 4 siegħa, 120 demel solidu xandru inkorporazzjoni wara 4 siegħa; 130 Inkorporazzjoni ta' tifrix ta' demel likwidu/semisolidu fuq il-wiċċ kollu wara 4 sigħat 140 L-ebda inkorporazzjoni ta' tifrix ta' demel solidu fuq il-wiċċ kollu; 150 L-ebda inkorporazzjoni ta' tifrix ta' demel likwidu/semisolidu fuq il-wiċċ kollu.*

It-tifrix fuq il-wiċċ kollu jista' jintuża għall-applikazzjoni ta' demel solidu, semisolidu u likwidu. It-tekniki tal-applikazzjoni jinkludu l-box spreaders, vaguni tank, pajpijiet tal-irmonk, u sistemi tal-irrigazzjoni. It-tifrix fuq il-wiċċ kollu jeħtieġ l-inqas ammont ta' enerġija u ħin, u jirriżulta f'disinn ta' applikazzjoni uniformi.

L-inkorporazzjoni immedjata tad-demel tikkonsisti f'tekniki li jippermettu l-inkorporazzjoni immedjata ta' rawt solidu jew semisolidu. Għal tnaqqis effettiv, l-inkorporazzjoni trid sseħħ malajr kemm jista' jkun. Dan ifisser li d-demel applikat jiġi inkorporat direttament minn magna li xxerred id-demel jew id-demel semisolidu jew il-magna li xxerred tiġi immedjatament segwita minn magna oħra li tinkorpora d-demel fil-ħamrija (ħrit b'moħriet bi skarpell jew b'moħriet forma ta' diska). Il-limitu ta' 4 sigħat jista' jitqies bħala l-limitu ta' żmien approssimattiv biex issir distinzjoni bejn l-inkorporazzjoni immedjata.

160 *Distributur mobbli tad-demel bil-pajpijiet għat-tidmil b'furkettun ta' demel likwidu/semisolidu; 170 Distributur bit-tubi flessibbli għat-tidmil b'furkettun ta' demel likwidu/semisolidu*

It-tidmil b'furkettun huwa t-tqegħid ta' fertilizzant f'saff ikkonċentrat jew f'post (faxxa) fil-ħamrija, ġeneralment 8-15 cm taħt il-wiċċ. Faxex ta' fertilizzanti jistgħu jitqiegħdu maż-żerriegħa, taħt iż-żerriegħa, jew it-tnejn.

Distributur mobbli tad-demel bil-pajpijiet: Id-demel semisolidu jiġi skarikat fil-livell tal-art fil-ħaxix jew fir-raba' fi stadju bikri permezz ta' serje ta' pajpijiet flessibbli. L-applikazzjoni bejn ir-ringieli ta' għalla li qed tikber hija fattibbli.

Distributur bit-tubi flessibbli: Id-demel semisolidu jiġi skarikat permezz ta' pajpijiet riġidi li jispiċċaw fi "żraben" tal-metall, iddisinjati biex jirkbu tul il-wiċċ tal-ħamrija, u b'ħekk l-għalla titfarrak sabiex id-demel likwidu jiġi applikat direttament fuq il-wiċċ tal-ħamrija u taħt il-kopertura tal-għalla. Ċerti tipi ta' distributuri bit-tubi flessibbli huma ddisinjati biex jaqtgħu qasma baxxa fil-ħamrija biex jgħinu fl-infiltrazzjoni.

180 *Injezzjoni ta' demel likwidu/semisolidu minn qasma baxxa/miftuħa*

Injezzjoni baxxa: l-applikazzjoni ta' demel likwidu permezz tat-tqegħid fi slots baxxi u vertikali, tipikament fondi madwar 50 mm u 25-30 cm 'il bogħod minn xulxin, maqtugħa fil-ħamrija permezz ta' sinna jew diska; dawn jintużaw b'mod aktar komuni fuq art bil-ħaxix.

190 *Injezzjoni ta' demel likwidu/semisolidu minn qasma fonda/magħluqa*

Injezzjoni fil-fond: l-applikazzjoni ta' demel likwidu jew demel likwidu permezz tat-tqegħid f'slottijiet profondi u vertikali, tipikament fond ta' madwar 150 mm, maqtugħa fil-ħamrija permezz ta' laned iddisinjati apposta; il-laned ikunu mgħammra b'ġwienaħ laterali li jgħinu d-dispersjoni fil-ħamrija; tipikament, dawn jintużaw fuq raba' li jinħadem peress li għandhom riskju akbar li jagħmlu ħsara fiżika lill-ħaxix.

200 *Demel solidu użat fl-impjant tal-bijogass (prodott minnu stess) 210 Demel likwidu/semisolidu użat fl-impjant tal-bijogass proprju (prodott minnu stess)*

Demel li ntuża għall-produzzjoni tal-enerġija f'impjanti tal-bijogass.

220 *Esportazzjoni ta' demel solidu mill-azjenda agrikola*

Hija l-kwantità ta' demel solidu esportat mill-azjenda agrikola għall-użu dirett bħala fertilizzant jew maħsub għall-ipproċessar industrijali irrispettivament minn jekk jinbigħx, jinbidilx jew jingħatax b'xejn. Dan jinkludi d-demel li ntuża għall-produzzjoni tal-enerġija u fi stadju aktar tard irid jerġa' jintuża fl-agrikoltura.

230 *Esportazzjoni ta' demel likwidu/semisolidu mill-azjenda agrikola*

Hija l-kwantità ta' demel likwidu/semisolidu esportat mill-azjenda agrikola għall-użu dirett bħala fertilizzant jew maħsub għall-ipproċessar industrijali irrispettivament minn jekk jinbigħx, jinbidilx jew jingħatax b'xejn. Dan jinkludi d-demel li ntuża għall-produzzjoni tal-enerġija u fi stadju aktar tard irid jerġa' jintuża fl-agrikoltura.

240 *Importazzjoni ta' demel solidu fl-azjenda agrikola; 250 Importazzjoni ta' demel likwidu/semisolidu fl-azjenda agrikola*

Hija l-kwantità ta' demel importat fl-azjenda agrikola għall-użu dirett bħala fertilizzant jew maħsub għall-ipproċessar industrijali irrispettivament minn jekk jinxtarax, jinbidilx jew jinkisibx mingħajr ħlas. Dan jinkludi d-demel li ntuża għall-produzzjoni tal-enerġija u fi stadju aktar tard irid jerġa' jintuża fl-agrikoltura.

Deskrizzjoni tal-kolonni

Sehem (S)

Dan jirreferi għas-sehem (f'perċentwali) ta' demel solidu totali (prodott minnu stess u importat) li ġie applikat permezz ta' teknika ta' applikazzjoni differenti jew użat f'impjant tal-bijogass (%); u s-sehem (f'perċentwali) tat-total ta' demel likwidu/semisolidu (prodott minnu stess u importat) li ġie applikat permezz ta' teknika ta' applikazzjoni differenti jew użat f'impjant tal-bijogass (%).

Kwantità (Q)

Il-kwantità għandha tiġi indikata fi qnatar (100 kg) għad-demel solidu u f'metru kubu għad-demel likwidu/semisolidu.

Tabella NM3

Użu u ġestjoni tan-nutrijenti – Input tal-Għalf

Struttura tat-tabella

	Kategorija tal-għalf	Kodiċi (*)	
Grupp ta' informazzjoni		Kolonni	
		Kodiċi	
		Kwantità	Numru ta' annimali
		Q	N
FI	Input tal-għalf		

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi(*)	Kategorija tal-għalf	Q	N
100	Ċereali		-
110	Żerriegħa żejtnija u derivattivi tagħhom		-
120	Għelejjel li fihom il-proteini u d-derivattivi tagħhom		-
130	Prodotti sekondarji tal-industrija tal-ipproċessar		-
140	Foraġġ bl-ingrossa ffermentat (silaġġ tal-ħuxlief u silaġġ)		-
150	Foraġġ tal-fibra mhux tas-silaġġ		-
160	Xaħmijiet u żjut		-
170	Minerali		-
180	Konċentrati		-
190	Addittivi tal-għalf għat-tnaqqis tal-metan	-	

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA NM3 — Input tal-għalf

FI *Input tal-għalf*

Għall-kategoriji 100 sa 180, il-kwantità ta' għalf tirreferi għall-ammont ta' għalf importat fl-azjenda agrikola (mixtri jew miksub b'xejn) u użat għall-għalf tal-annimali matul is-sena kontabilistika għandu jiġi rreġistrat. Il-kwantità għandha tiġi espressa fi qnatar (100 kg).

Għall-kategorija 190, għandu jiġi rreġistrat l-għadd ta' baqar tal-ħalib u annimali bovini riproduttivi li jiġu mitmugħa fi stat stabbli u jingħataw l-addittiv 3-NOP biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan mill-fermentazzjoni enterika.

Deskrizzjoni tal-kategoriji:

100 Ċereali

Tinkludi: qamħ artab u durum, qamħirrum, xgħir, ħafur, triticale, sorgu, segala

110 Żerriegħa żejtnija u d-derivattivi tagħhom

Tinkludi: grixa tal-lift estratta, grixa tal-ġirasol estratta, żerriegħa żejtnija estratti, qxur, żerriegħa żejtnija oħra u d-derivattivi tagħhom

120 Għelejjel li fihom il-proteini u d-derivattivi tagħhom

Tinkludi: fażola tas-sojja sħiħa/estruża (kontenut minimu ta' xaħam mhux raffinat ta' 18 %), għelejjel oħra tal-proteina estrużi (piżelli tal-għalf, fażola wiesgħa, lupini), grixa tal-fażola tas-sojja estratta, prodotti oħra tal-fażola tas-sojja (qxur u gerbub tad-dqiq tas-sojja), alfalfa mnixxfa (gerbub u pasta), għelejjel oħra tal-proteini u d-derivattivi tagħhom

130 Prodotti sekondarji tal-industrija tal-ipproċessar

Tinkludi: ċereali u qamħirrum DDGS/WDGS, CGF niexfa u mxarrba, dqiq tal-glutina tal-qamħirrum (CGM), nibbieta tal-qamħirrum, polpa tal-pitravi, melassa, prodott sekondarju tal-immaltjar (nuħħala), prodotti sekondarji tal-industrija tal-birra, prodotti sekondarji tal-industrija tal-birra, prodotti sekondarji oħra tal-industrija tal-ipproċessar

140 Foraġġ bl-ingrossa ffermentat (silaġġ tal-ħuxlief u silaġġ)

Tinkludi: żerriegħa tal-qamħirrum biċ-ċifċiegħ (CCM) u weraq, foraġġ aħdar tal-ħaxix (sorgu taz-zokkor, segala, xgħir), foraġġ tal-legumi (alfalfa, silla, eċċ.), brassika tal-foraġġ (lift tan-nevew, kaboċċi tal-għalf), taħlita ta' foraġġ aħdar (ħarifa, rebbiegħa), għalf tal-għeruq, tat-tuberi u tal-kukurbita, foraġġ bl-ingrossa ieħor iffermentat (sillaġġ tal-ħuxlief u silaġġ)

150 Għalf tal-fibri mhux tas-silaġġ

Tinkludi: ħuxlief, tiben, ħaxix tal-mergħa, foraġġ ieħor tal-fibra mhux tas-silaġġ

160 Xaħmijiet u żjut

170 Minerali

Tinkludi: materjali b'kontenut tal-fosfati, ġir, melħ, eċċ)

180 Konċentrati

Tinkludi: għalf komplet, sostitut tal-ħalib, għalf komplementari, taħlitiet lesti minn qabel

190 Addittivi tal-għalf għat-tnaqqis tal-metan

Addittiv tal-għalf 3-NOP għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan mill-fermentazzjoni enterika. Dan jista' jingħata lill-baqar tal-ħalib u lill-annimali riproduttivi biss, u biss meta jiġu mitmugħa fi stat stabbli.

Tabella ST

Test tal-ħamrija

Din l-informazzjoni hija fakultattiva għall-Istati Membri. F'każ li l-Istati Membri jiddeċiedu li jipprovdu din l-informazzjoni, ir-riżultati tat-testijiet tal-ħamrija jistgħu jiġu sottomessi jekk ikunu disponibbli u jkunu twettqu fl-aħħar 5 snin. It-test tal-ħamrija jappartjeni għal roqgħa art waħda, fejn ikun sar il-kampjunar. Jekk ikun sar aktar minn test wieħed fuq l-istess roqgħa art fl-aħħar 5 snin, irid jiġi pprovdut l-aktar wieħed reċenti. Jekk tkun disponibbli *data* relatata ma' aktar minn roqgħa art waħda, jistgħu jiddaħħlu diversi entrati.

Struttura tat-tabella

	ID tal-pakkett	Kodiċi (*)	
	Kategoriji tat-test	Kodiċi (**)	

Grupp ta' informazzjoni		Kwantità
		Q
ST	Test tal-ħamrija	

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni	Q
100	Densità tal-massa fil-ħamrija tal-wiċċ (g/cm³)	
110	Densità tal-massa fit-tfannid (g/cm³)	
120	Kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija (% tal-volum tal-ilm a/ volum ta' ħamrija saturata)	
130	Rata ta' Erożjoni tal-Ħamrija (tunnellata/ha/sena)	
140	Respirazzjoni tal-bażi tal-ħamrija (mm³ O_2/g/hr) f'ħamrija xotta	
150	Konsistenza tal-ħamrija	
160	Aċidità tal-Ħamrija (pH)	
170	Konċentrazzjoni tal-Karbonju Organiku tal-Ħamrija (SOC) (g/kg)	
180	Konduttività elettrika (dS/m — deci-Siemens għal kull metru)	
190	$CaCO_3$ (m/m%)	
200	Nitroġenu fil-ħamrija (g/cm³)	
210	Fosfru li jista' jiġi estratt (mg/kg) (skont ISO 11263: 1994)	
220	K_2O (mg/kg)	
230	Cd (µg/kg)	
240	Cu (µg/kg)	
250	Pb (µg/kg)	
260	Zn (µg/kg)	

Tabella BD1

Bijodiversità – Karatteristiċi tal-pajsaġġ

Struttura tat-tabella

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni	
LF	Tip ta' Karatteristiċi tal-Pajsaġġ	Preżenza	Erja
		P	TA

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi	Grupp	Deskrizzjoni	P	TA
100	**LF**	Għelieqi mtarrġa		
110	**LF**	Ringieli ta' sġajriet, siġar individwali jew gruppi ta' siġar, ringieli ta' siġar		
120	**LF**	Ġmiem madwar l-għelieqi, ta' rqajja' jew ta' biċċiet art ta' lqugħ		
130	**LF**	Fosos		
140	**LF**	Nixxigħat		
150	**LF**	Għadajjar żgħar		
160	**LF**	Artijiet mistagħdra żgħar		

Kodiċi	Grupp	Deskrizzjoni	P	TA
170	**LF**	Ħitan tal-ġebel		
180	**LF**	Cairns		
190	**LF**	Karatteristiċi kulturali		
200	**LF**	Oħrajn		

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA BD1 – Karatteristiċi tal-pajsaġġ

LF: Karatteristiċi tal-pajsaġġ. Kull azjenda trid tirreġistra l-preżenza (P) tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ fiż-żona tal-azjenda agrikola.

Il-kodiċijiet li għandhom jintużaw:

0 Le

1 Iva

Ir-reġistrazzjoni taż-żona tal-pajsaġġ hija fakultattiva. Iż-żona (TA) trid tiġi indikata f'ares (100 ares = 1 ettaru).

Deskrizzjoni tal-kategoriji

100 *Għelieqi mtarrġa*

L-għoljiet imtarrġa huma strutturi antropoġeniċi maħluqa biex inaqqsu r-riskju ta' erożjoni, li jikkonsistu f' "tarġa" waħda jew aktar (sezzjonijiet weqfin miksija b'siġar jew veġetazzjoni bil-ħaxix permanenti jew ħitan tal-ġebel) u "blokok tal-art" (sezzjonijiet ċatti li jintużaw għall-produzzjoni agrikola, separati bit-tarġiet). Il-veġetazzjoni erbaċea titqies bħala parti integrali mill-għelieqi mtarrġa.

110 *Ringieli ta' sġajriet, siġar individwali jew grupp ta' siġar, ringieli ta' siġar*

Tinkludi siġar iżolati, siġar f'linja, ringieli ta' sġajriet, veġetazzjoni tal-injam riparja (tul il-kanal tal-ilma), jew kwalunkwe strixxi dojoq (20 m) ta' art koperta minn siġar u arbuxelli f'kuntest agrikolu. Dan it-tip jista' jinkludi wkoll gruppi żgħar ta' siġar, imsaġar tal-għelieqi, jew kwalunkwe grupp żgħir ta' veġetazzjoni seminaturali tal-injam f'kuntest agrikolu. F'każ li jkun hemm saff ta' ħaxix (ħxejjex aromatiċi) taħt il-veġetazzjoni tal-injam, il-karatteristika tal-injam titqies li tinkorpora s-saff tal-ħaxix sottostanti wkoll. L-erja massima għal karatteristika tal-pajsaġġ tal-injam hija ta' 0,5 ettaru.

120 *Ġmiem madwar l-għelieqi, ta' rqajja' jew ta' biċċiet art ta' lqugħ*

Il-ġmiem madwar l-għelieqi, ta' rqajja' jew biċċiet tal-art ta' lqugħ jikkonsistu f'veġetazzjoni erbaċea semi-naturali permanenti (tipikament ħaxix u/jew ħxejjex perenni) li huma fil-kuntest agrikolu, u li ma jintużawx direttament għar-raġħa, jew għall-produzzjoni tal-għalf. Dan jista' jinkludi ġmiem tal-għelieqi, biċċiet art ta' lqugħ (tul fosos jew għadajjar), jew kwalunkwe biċċa żgħira oħra ta' veġetazzjoni erbaċea seminaturali sakemm dawn ikunu bejn l-għelieqi li jinħartu jew l-għelieqi b'għelejjel permanenti. Il-wisa' minima ta' dan it-tip ta' karatteristika tal-pajsaġġ hija ta' 1 m (biex tiġi żgurata l-persistenza). Madankollu, dan it-tip ta' karatteristika tal-pajsaġġ jeskludi rqajja' ta' artijiet bil-ħaxix ġestiti b'mod attiv (użati għar-raġħa jew għall-produzzjoni tal-għalf), u rqajja' kbar ta' artijiet bil-ħaxix naturali u seminaturali (usa' minn 20 m). Barra minn hekk, il-mogħdijiet tal-azjendi agrikoli bil-ħaxix, u l-istrixxi tal-ħaxix bejn ir-ringieli tal-vinji/tal-ġonna tas-siġar tal-frott huma esklużi wkoll (dawn għandhom jiġu rreġistrati taħt il-varjabbli 680) u lanqas ma għandhom jiġu rreġistrati l-"marġni tal-ħaxix" li jkunu ħdejn l-irqajja' tal-art bil-ħaxix. Il-karatteristiċi tal-pajsaġġ tal-ħaxix/ħxejjex aromatiċi permanenti ma jinkludux is-saff tal-ħaxix taħt karatteristika tal-injam, u lanqas il-veġetazzjoni umda tal-bur. Dan jinkludi ħaxix temporanju, li jikkonsisti fi strixxi dojoq ta' raba' mħawla b'għelejjel mhux produttivi jew veġetazzjoni mistrieħa (ta' ħaxix ħażin) rikka fil-fjuri f'raba' li jinħadem jew għelejjel permanenti (tipikament tul il-ġnub tal-għelieqi), miżrugħa deliberatament mill-bdiewa biex jappoġġaw il-bijodiversità.

Din teskludi l-erja fit-Tabella I taħt il-kategoriji 30100 (mergħat u mergħat), 30200 (raġħa aħrax), 30300 (art bil-ħaxix permanenti).

130 *Fosos, 140 Nixxigħat*

Dan it-tip jinkludi mogħdijiet tal-ilma żgħar f'kuntest agrikolu, inkluż il-wiċċ tal-ilma miftuħ ta' nixxigħat, fosos, u kanali żgħar u l-veġetazzjoni tal-marġ biswit sa wisa' massima ta' 20 m. Ditches li jkunu nixfin fil-ħin tal-osservazzjoni jistgħu jiġu rreġistrati wkoll jekk il-veġetazzjoni tiżvela preżenza regolari ta' ilma. Esklużjonijiet: Kostruzzjonijiet artifiċjali (kanali b'ħitan tal-konkrit u kostruzzjonijiet taħt l-art) huma esklużi.

150 *Għadajjar żgħar, 160 Artijiet mistagħdra żgħar*

Dan it-tip ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ jinkludi karatteristiċi żgħar tal-pajsaġġ frammentati kkaratterizzati minn artijiet mistagħdra u korpi tal-ilma f'kuntest agrikolu sa daqs massimu ta' 0,5 ettaru. It-tip jinkludi wkoll akkumulazzjonijiet ta' ilma wieqaf iffurmat b'mod naturali (eż. artijiet mistagħdra, lagi, laguni naturali, żoni ta' tnixxija) jew artifiċjalment (eż. spieri jew ħofor tal-ilma). Għadajjar żgħar jista' jkun fihom qalba ta' ilma miftuħ u art mistagħdra maġenb xulxin, ikkaratterizzata minn veġetazzjoni ta' bwar (eż. qasab jew sodod ta' saqajn) adattati u dipendenti fuq il-preżenza regolari tal-ilma tal-wiċċ u livelli għoljin tal-ilma. Esklużjonijiet: ġibjuni miksija bil-konkrit jew bil-plastik u depressjonijiet użati bħala miżbliet.

170 *Ħitan tal-ġebel, 180 Cairns*

Dan it-tip ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ jinkludi munzelli ta' blat jew ġebel f'kuntest agrikolu, u pajsaġġi agrikoli mtarrġa. Tali karatteristiċi jistgħu jkunu naturali (eż. ġebel sekulari) jew magħmula mill-bniedem, spiss storiċi, oġġetti (eż. ħitan tal-ġebel niexef, cairns vojta, terrazzi). Jekk is-siġar u l-arbuxelli (liana) jgħattu l-ħitan tal-ġebel, iż-żewġ karatteristiċi għandhom jiġu rreġistrati.

190 *Karatteristiċi kulturali*

Dan it-tip ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ jista' jinkludi monumenti, siti arkeoloġiċi, oġġetti ta' wirt kulturali (bħal shadoofs, mounds ta' dfin), bini storiku/tradizzjonali.

Tabella BD2

Bijodiversità – Kontroll bijoloġiku u ġestjoni tal-art bil-ħaxix

Struttura tat-tabella

	Kategorija ta' prattiki tal-biedja	Kodiċi (*)		
		Erja	Ħin Fakultattiv	Kodiċi
		TA	**T**	**C**
BI	Kontroll Bijoloġiku	—	—	
GR	Ġestjoni tal-art bil-ħaxix			

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni	TA	C	T Fakultattiv
100	**BI**	Kontroll bijoloġiku	—		—
110	**BI**	Kontroll bijoloġiku bil-mikrobi	—		—
120	**BI**	Kontroll bijoloġiku bil-makrobijoloġiċi	—		—
130	**BI**	Kontroll bijoloġiku b'sustanzi semjokimiċi	—		—
140	**BI**	Kontroll bijoloġiku b'sustanzi naturali	—		—
200	**GR**	Erja maħsuda darba fis-sena		—	—
210	**GR**	Erja maħsuda darbtejn fis-sena		—	—
220	**GR**	Erja maħsuda tliet darbiet jew aktar fis-sena		—	—

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni	TA	C	T Fakultattiv
250	**GR**	Żrigħ mill-ġdid tal-art bil-ħaxix		—	—
260	**GR**	Ħrit tal-art bil-ħaxix		—	—
270	**GR**	Ħin tal-ewwel ħsad	—	—	

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA BD2

BI *Kontroll bijoloġiku*

Iridu jintużaw il-kodiċijiet (C) li ġejjin:

0 il-prattika ma ġietx applikata fl-azjenda agrikola matul is-sena ta' rappurtar

1 il-prattika ġiet applikata fl-azjenda agrikola matul is-sena ta' rappurtar

GR *Ġestjoni tal-art bil-ħaxix*

Għall-kategoriji 200 sa 260, l-erja (TA) għandha tiġi rrappurtata f'tomniet (1 ha = 100 tomna), għall-kategorija 270 għandu jiġi indikat il-ħin tal-ewwel ħsad (T). L-indikazzjoni tal-ħin tal-ewwel ħsad hija fakultattiva.

Kategoriji ta' Kontroll Bijoloġiku

100 Kontroll bijoloġiku tfisser il-kontroll ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti bl-użu ta' mezzi naturali ta' oriġini bijoloġika jew sustanzi identiċi għalihom, bħal mikroorganiżmi, semjokimiċi, estratti minn prodotti tal-pjanti kif definit fl-Artikolu 3(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), jew makroorganiżmi invertebrati.

110 Makrobijoloġiċi: organiżmu multiċellolari: insetti, dud predatorju, wasps parassitiċi, u nematodi ta' benefiċċju li jieklu lill-pesti. *Data* volontarja.

120 Mikrobiċi: organiżmu multiċellolari: batterji (eż. *Bacillus thuringiensis*) fungi (eż. *Trichoderma*), viruses, u d-derivattivi tagħhom. *Data* volontarja.

130 Semjokimiċi: sustanzi kimiċi rilaxxati minn organiżmi biex jaffettwaw l-imġiba ta' oħrajn (eż. feromoni, allelokimiċi). *Data* volontarja.

140 Sustanzi naturali: derivati minn materjali naturali bħal annimali, pjanti, batterji, u ċerti minerali. *Data* volontarja.

Kategoriji ta' Ġestjoni ta' Art bil-Ħaxix

200 sa 220 Għall-bur li jkun inħasad matul is-sena ta' rappurtar, l-erja maħsuda darba, darbtejn, tliet darbiet jew aktar matul is-sena ta' rappurtar trid tiġi rrapportata, f'ares (100 ares = 1 ettaru).

250 Iż-żrigħ mill-ġdid tal-art bil-ħaxix

Hija ż-żona ta' art bil-ħaxix li fuqha tħawlu żrieragħ ġodda tal-ħaxix, irrispettivament minn jekk il-bur kienx jinħarat qabel jew le.

([11]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

260 Ħrit tal-art bil-ħaxix

Hija ż-żona ta' art bil-ħaxix li nħartet matul is-sena ta' rappurtar, permezz ta' tekniki ta' ħdim tar-raba' konvenzjonali (ara d-definizzjoni fit-tabella FP1). Żoni ta' art bil-ħaxix li ġew inklinati bl-użu ta' metodi ta' ħdim tar-raba' ta' konservazzjoni (ara d-definizzjoni fit-tabella FP1), ma għandhomx jiġu kkunsidrati hawnhekk.

270 Iż-żmien tal-ewwel ħsad jirrappreżenta l-perjodu tas-sena li fiha l-maġġoranza taż-żona tal-mergħat inħasdet għall-ewwel darba. Din l-informazzjoni hija fakultattiva għall-Istati Membri

Għall-kolonna (T) iridu jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

1 Jannar

2 Frar

3 L-ewwel nofs ta' Marzu

4 It-tieni nofs ta' Marzu

5 L-ewwel nofs ta' April

6 It-tieni nofs ta' April

7 L-ewwel nofs ta' Mejju

8 It-tieni nofs ta' Mejju

9 L-ewwel nofs ta' Ġunju

10 It-tieni nofs ta' Ġunju

11 L-ewwel nofs ta' Lulju

12 It-tieni nofs ta' Lulju

13 L-ewwel nofs ta' Awwissu

14 It-tieni nofs ta' Awwissu

15 Settembru

16 Ottubru

17 Novembru

18 Diċembru

Tabella WT

Ġestjoni tal-ilma

Struttura tat-tabella

	Kategorija tal-ġestjoni tal-ilma	Kodiċi (*)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni
		C
WS	Sors tal-ilma	
PT	Termini ta' pagament	
BM	Adozzjoni tal-aħjar prattiki ta' ġestjoni	

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi(*)	Deskrizzjoni	Grupp	C
100	Sors	**WS**	
200	Termini ta' pagament	**PT**	
300	Adozzjoni tal-iskedar tal-irrigazzjoni	**BM**	
400	Adozzjoni ta' sistemi ta' rkupru tal-ilma tal-egżost	**BM**	

Deskrizzjoni tal-kategoriji:

100 *Sors*

Il-kodiċijiet li ġejjin iridu jintużaw biex jindikaw is-sors **ewlieni** tal-ilma tal-azjenda għat-tisqija:

1 Ħżin ta' xita

2 Korsija tal-ilma tal-wiċċ naturali jew artifiċjali

3 Ilma ta' taħt l-art

4 Provvista tal-ilma tal-mejns

5 Użu mill-ġdid tal-ilma mormi (ilma reklamat) ([12])

6 Oħrajn

7 L-azjenda agrikola ma għandha l-ebda sistema tal-irrigazzjoni

200 *Termini ta' ħlas għall-ilma tal-irrigazzjoni*

Kodiċijiet li għandhom jintużaw:

1 Ma sarx ħlas għall-ilma

2 Tħallset tariffa bbażata fuq l-erja ta' art irrigata

3 Tħallset tariffa bbażata fuq il-volum tal-ilma

4 Modalitajiet oħra ta' pagament

300 *Adozzjoni tal-iskedar tal-irrigazzjoni*

Kodiċijiet li għandhom jintużaw:

0 Le

1 Iva

L-iskedar tal-irrigazzjoni jirreferi għal sistema ta' irrigazzjoni fejn l-ilma jiġi applikat għall-kultivazzjoni skont skedi predeterminati bbażati fuq il-monitoraġġ tal-istat tal-ilma tal-ħamrija u r-rekwiżiti tal-ilma tal-għelejjel.

400 *Irkupru tal-ilma tal-egżost*

Kodiċijiet li għandhom jintużaw:

0 Le

1 Iva

([12]) Definit bħala ilma mormi urban li ġie ttrattat f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 91/271/KEE u li jirriżulta minn trattament ulterjuri f'faċilità ta' reklamazzjoni f'konformità mat-Taqsima 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/741.

L-irkupru ta' ilma tal-egżost jinvolvi l-ġbir mill-ġdid tal-ilma tax-xeba' tat-tisqija rekuperabbli u jiġi applikat biex jiġu kkonservati l-provvisti tal-ilma tat-tisqija u/jew tittejjeb il-kwalità tal-ilma lil hinn mis-sit. Sistema ta' rkupru tal-ilma tal-egżost hija sistema ta' irrigazzjoni li fiha ġew installati xi faċilitajiet għall-ġbir, il-ħżin u t-trasport tal-ilma għat-tisqija mill-egżost għall-użu mill-ġdid.

Tabella I2

Użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

Struttura tat-tabella

ID tal-pakkett (fakultattiv)	Kodiċi (*)
Kategorija tal-għalla (fakultattiva)	Kodiċi (**)
Unità	Kodiċi (***)
Sustanza attiva	Kodiċi (****)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni
		Kwantità
		Q
PP	Użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti	

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA I1

Il-kwantità ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti applikat matul is-sena ta' rappurtar għandha tiġi pprovduta minn sustanzi attivi.

Il-kategoriji tal-għelejjel huma konformi mal-lista ta' għelejjel bħal fit-Tabella I. Id-*data* pprovduta dwar il-livell tal-għelejjel hija fakultattiva għall-Istati Membri.

Tista' tiddaħħal iktar minn entrata waħda.

It-tipi ta' kodiċijiet tal-unità jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (***)	Deskrizzjoni
1	**Grammi**
2	**Millilitri**
3	**Oħrajn**

ID tal-pakkett

L-ID tar-roqgħa art trid tinkludi kemm l-ID tar-roqgħa art ta' referenza kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1172 kif ukoll l-ID tal-pakkett ([13]) agrikolu kif imsemmi fl-Artikolu 8(3), il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1173. ([14]) Id-*data* pprovduta fil-livell tar-roqgħa art hija fakultattiva għall-Istati Membri.

([13]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1172 tal-4 ta' Mejju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-politika agrikola komuni u l-applikazzjoni u l-kalkolu ta' penali amministrattivi għall-kundizzjonalità (ĠU L 183, 8.7.2022, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/1172/oj).

([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1173 tal-31 ta' Mejju 2022 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-politika agrikola komuni (ĠU L 183, 8.7.2022, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1173/oj).

Deskrizzjoni tal-kolonni

Kwantità (Q): Kwantità ta' prodott (sustanza attiva) applikata matul is-sena ta' rappurtar.

Tabella J1

Użu tal-antimikrobiċi

Struttura tat-tabella

Tip ta' sustanzi attivi	Kodiċi (*)
Unità	Kodiċi (**)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni
		Kwantità
		Q
AU	Użu tal-antimikrobiċi	

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA J1

Użu tal-antimikrobiċi (UA)

Antimikrobiċi li jintużaw matul is-sena ta' rappurtar fil-produzzjoni tal-bhejjem biex jinżammu s-saħħa u l-produttività.

Deskrizzjoni tal-kolonni

Kwantità (Q)

Il-kwantità totali ta' antimikrobiċi li jintużaw matul is-sena ta' rappurtar minn sustanzi attivi.

It-tipi ta' kodiċijiet tal-unità jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
1	**Grammi**
2	**Millilitri**
3	**Oħrajn**

Tabella CS

Skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali

Struttura tat-tabella

	Kategorija ta' skemi ta' ċertifikazzjoni	Kodiċi (*)		

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni		
		C	Y	S
CS	Status u karatteristiċi taċ-ċertifikazzjoni			

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni	C	Y	S
10	UNI-EN-ISO 14001 ċertifikazzjoni standard			-
20	Ċertifikazzjoni EMAS			-
30	Ċertifikazzjoni tal-kultivazzjoni karbonika			-
40	Skemi ta' ċertifikazzjoni jew ekotikketti internazzjonali volontarji oħra			
50	Skemi nazzjonali volontarji oħra			

L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel jipprovdu assigurazzjoni (permezz ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni) li ċerti karatteristiċi jew attributi tal-prodott jew il-metodu jew is-sistema ta' produzzjoni tiegħu ġew osservati.

Teskludi: skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali li jirreferu għall-biedja organika, sakemm ma jinkludux rekwiżiti addizzjonali meta mqabbla mar-Regolament (UE) 2018/848.

DESKRIZZJONI TAL-KATEGORIJI

10 *UNI-EN-ISO 14001 ċertifikazzjoni standard*

L-azjenda agrikola għandha sistema ta' ġestjoni tal-kwalità ta' ċertifikazzjoni konformi mal-istandard UNI-EN-ISO 14001.

20 *Ċertifikazzjoni EMAS*

L-azjenda agrikola għandha ċertifikazzjoni EMAS (Skema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali, ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ([15])

30 *Ċertifikazzjoni tal-kultivazzjoni karbonika*

L-azjenda agrikola għandha ċertifikazzjoni tal-kultivazzjoni karbonika ([16]).

40 *Skemi ta' ċertifikazzjoni jewekotikketti internazzjonali volontarji oħra*

L-azjenda agrikola hija ċċertifikata skont skema ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuta internazzjonalment/ekotikketta fis-settur agrikolu/tal-ikel

50 *Ekotikketti nazzjonali volontarji oħra*

L-azjenda agrikola hija ċċertifikata taħt skema ta' ċertifikazzjoni nazzjonali (jew sotto/nazzjonali)/ekotikketta fis-settur agrikolu/tal-ikel, uffiċjalment rikonoxxuta fil-livell tal-Istati Membri.

([15]) Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22/12/2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1221/oj).

([16]) Skont it-tifsira tad-definizzjoni fil-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju – COM/2022/672 final - 2022/0394 (COD)

Għall-varjabbli 30, 40 u 50 l-iskemi ta' ċertifikazzjoni volontarji jew l-ekotikketti jridu jiġu rreġistrati jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti bażiċi li ġejjin kif stabbilit fil-linji gwida tal-Kummissjoni għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għall-prodotti agrikoli (2010/C 341/04) ([17]):

— Iċ-ċertifikazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-iskema titwettaq minn korp indipendenti akkreditat:

  — mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni maħtur mill-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ([18])f'konformità mal-istandards u l-gwidi Ewropej jew internazzjonali rilevanti li jistabbilixxu r-rekwiżiti ġenerali għall-korpi li joperaw sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti, jew —

  — minn korp ta' akkreditazzjoni firmatarju għall-arranġament ta' rikonoxximent multilaterali (MLA) għaċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti tal-Forum Internazzjonali ta' Akkreditazzjoni (IAF)

DESKRIZZJONI TAL-KOLONNI

Status taċ-ċertifikazzjoni (C)

Kodiċijiet li għandhom jintużaw:

0 l-azjenda agrikola mhijiex iċċertifikata

1 l-azjenda agrikola għandha ċertifikazzjoni attiva u valida

2 l-azjenda agrikola bdiet iżda għadha ma lestietx il-proċess ta' ċertifikazzjoni

Sena (Y)

Is-sena li fiha l-proċess ta' ċertifikazzjoni nbeda formalment. Is-sena għandha tiġi pprovduta b'erba' ċifri.

Setturi koperti (S)

Din l-informazzjoni tirreferi għas-sett ta' standards, indikaturi, kriterji u impenji li l-azjenda agrikola trid issegwi biex tikseb u żżomm iċ-ċertifikazzjoni. Għażliet multipli huma possibbli:

1 Biedja organika mtejba: l-ekotikketta/l-iskema hija bbażata fuq (u konformi ma') ir-Regolament (UE) 2018/848 iżda tintroduċi rekwiżiti addizzjonali jew aktar stretti

2 Kultivazzjoni tal-karbonju: il-kultivazzjoni tal-karbonju f'art agrikola jinkludi l-prattiki kollha mmirati biex iżidu l-kultivazzjoni tal-karbonju u/jew inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-agrikoltura, permezz ta' tekniki ta' ġestjoni tal-ħamrija jew prattiki oħra.

3 Użu u ġestjoni tan-nutrijenti: jinkludi kwalunkwe prattika/ impenn dwar l-użu tan-nutrijenti, ir-restrizzjoni fuq l-użu tal-fertilizzanti, eż. il-kwantità, is-sors/it-tip ta' nutrijent (organiku, minerali, eċċ.), it-tekniki ta' applikazzjoni, it-twaqqit.

4 It-trattament xieraq u s-saħħa tal-annimali: jinkludu miżuri/impenn dwar il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni (konċessjoni ta' spazju, ventilazzjoni, dawl, temperatura, umdità, eċċ.), aċċess għar-ragħa fuq barra u spazju fuq barra, limitazzjonijiet fuq l-użu tal-antimikrobiċi.

([17]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida tal-aqwa prattiki tal-UE għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU C 341, 16.12.2010, p. 5).

([18]) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/765/oj).

5 Ġestjoni integrata tal-pesti: miżuri biex jiġi ottimizzat u limitat l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, skont il-prinċipji stabbiliti mid-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19])

6 Appoġġ għall-bijodiversità: dan jinkludi kwalunkwe prattika mmirata lejn l-appoġġ tal-bijodiversità funzjonali (pollinaturi, predaturi tal-pesti), bħall-istabbiliment u ż-żamma ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ, ħabitats seminaturali, pjantaġġuni ta' strixxi bil-fjuri, rifuġji u kenn għall-insetti u l-għasafar, mammiferi żgħar eċċ.

7 Forestrija: din tinkludi prattiki relatati mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti

Tabella MT

Enerġija

Struttura tat-tabella

	Kategorija ta' produzzjoni	Kodiċi (*)	
Grupp ta' informazzjoni		Kolonni	
		Sehem tal-ħtiġijiet tal-enerġija	Kodiċi
		S	C
EP	Produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli		-
EF	Faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli	-	

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi	Grupp	Deskrizzjoni	Sehem tal-ħtiġijiet tal-enerġija koperti minn dan is-sors	Kodiċi
100	EP	Elettriku prodott minnhom stess minn sorsi rinnovabbli (mir-riħ, mix-xemx, mill-bijogass, mill-idroenerġija)		-
200	EP	Fjuwils tat-tisħin prodotti minnhom stess minn sorsi rinnovabbli (ħatab għan-nar, pellets, tiben, solari, bijogass, bijomassa oħra)		-
300	EF	Impjanti tal-bijogass	-	
400	EF	Pannelli solari	-	
500	EF	Turbini eoliċi	-	
600	EF	Sistema ġeotermali	-	

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA EN

EP Produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli

EF Faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli użati mill-bidwi

([19]) Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj).

KOLONNI FIT-TABELLA EN

Sehem tal-ħtiġijiet tal-enerġija (S)

Is-sehem tal-enerġija jeħtieġ li jiġi pprovdut bħala medda ta' perċentwali li tindika l-proporzjon tar-rekwiżiti tal-enerġija koperti mis-sors speċifiku. Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 0 %

1 > 0 sa ≤ 25 %

2 > 25 % sa ≤ 50 %

3 > 50 % sa ≤ 75 %

4 > 75 % għal ≤ 100 %

5 > 100 %

Kodiċi (C)

Trid tingħata indikazzjoni dwar jekk it-teknoloġija jew l-assi partikolari humiex proprjetà tal-bidwi, mikrija, koproprjetà ma' sħab oħra (bħal impjanti tal-bijogass użati minn diversi azjendi agrikoli) jew proprjetà ta' suġġetti oħra (bħal pannelli fotovoltajċi li huma proprjetà ta' suġġetti oħra installati fuq l-art tal-azjenda agrikola). F'każ li l-bidwi juża aktar minn faċilità waħda taħt strutturi ta' sjieda differenti, il-kodiċi jrid jindika t-tip predominanti ta' sjieda.

Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

1 L-assi huwa proprjetà tal-bidwi

2 L-assi jinkera mill-bidwi

3 L-assi huwa koproprjetà ma' sħab oħra

4 L-assi huwa proprjetà ta' suġġetti oħra

Tabella FL

Telf ta' produzzjoni fl-azjenda agrikola għal użi ta' ikel u għalf

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' telf ta' ikel	Kodiċi(*)	
Grupp ta' informazzjoni		Kodiċi
		C
FL	Telf ta' ikel/għalf	

It-telf tal-produzzjoni fl-azjenda agrikola għall-użu fl-ikel u fl-għalf huwa l-ammont ta' prodotti tal-azjenda agrikola inizjalment maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali li jintrema jew jintilef (jiġifieri li ma jasalx fis-suq jew ma jintużax kif maħsub bħala ikel u/jew għalf). Għall-għelejjel, dan jinkludi kwalunkwe telf li jseħħ mill-mument meta l-prodotti jkunu diġà maturi biżżejjed biex jinħasdu, sal-fażi ta' wara l-ħsad, meta l-prodotti jaslu sal-bieb tal-azjenda agrikola.

Għall-annimali ħajjin, dan jinkludi kwalunkwe telf li jseħħ mill-mument li l-annimali jitqiesu maturi biżżejjed biex jinqatlu sakemm il-prodotti jaslu sal-bieb tal-azjenda agrikola.

Għall-prodotti tal-annimali (ħalib u bajd), it-telf għandu jingħadd mill-mument li l-ħalib ikun ittieħed mid-driegħ u l-għasfur ikun bied il-bajd.

Din tinkludi:

— għelejjel maturi li tħallew mhux maħsuda (eż. minħabba prezzijiet tas-suq baxxi ħafna jew ħsarat);

— prodotti maħsuda u ttrattati fil-post fl-azjenda agrikola (eż., ikkompostjati fl-azjenda agrikola, maħruqa), jew skarikati barra mill-azjenda agrikola;

— prodotti rrifjutati mix-xerrej (eż., minħabba rekwiżiti ta' kwalità u kummerċjali, produzzjoni żejda) li jirritornaw lejn is-sit tal-produzzjoni jew li jiġu skarikati;

— telf ieħor seħħ matul il-ħżin, it-trasport, l-ipproċessar fl-azjenda agrikola.

Ma tinkludix:

— prodotti inizjalment maħsuba għall-konsum mill-bniedem li jiġu ddevjati biex jintużaw bħala għalf għall-bhejjem;

— prodotti mhux ikkummerċjalizzati kkonsmati fl-azjenda agrikola jew mogħtija b'donazzjoni lil organizzazzjonijiet tal-karità, banek tal-ikel jew kanali simili oħra.

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi(*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Grupp	C
100	Raġuni għat-telf	FL	

DESKRIZZJONI TAL-KOLONNI

Il-kodiċijiet li ġejjin iridu jintużaw biex jindikaw ir-raġuni għat-telf kif definit hawn fuq li seħħ matul is-sena ta' rappurtar (huma permessi entrati multipli).

Kodiċi (C)

1 Għelejjel maturi li tħallew mhux maħsuda

2 Prodotti maħsuda u ttrattati fl-azjenda agrikola jew skarikati barra mill-azjenda agrikola.

3 Prodotti rrifjutati mix-xerrej minħabba l-kwalità u/jew ir-rekwiżiti kummerċjali (għelejjel)

4 Prodotti rrifjutati mix-xerrej minħabba rekwiżiti ta' kwalità u/jew kummerċjali (annimali u prodotti tal-annimali)

5 Telf li seħħ matul il-ħżin u/jew it-trasport u/jew l-ipproċessar fl-azjenda agrikola (prodotti tal-għelejjel)

6 Telf li seħħ matul il-ħżin u/jew it-trasport u/jew l-ipproċessar fl-azjenda agrikola (annimali u prodotti tal-annimali)

7 Raġunijiet oħra mhux imsemmija hawn fuq (eż. bidliet mhux previsti fis-suq)

Tabella TR

Taħriġ

Struttura tat-tabella

	Kategoriji ta' taħriġ	Kodiċi (*)
		Kolonni
		Kodiċi
Grupp ta' informazzjoni		C
TT	Suġġetti tat-taħriġ	

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Gruppi ta' informazzjoni	C
1000	Ġestjoni tal-azjenda agrikola	**TT**	
1010	Leġiżlazzjoni	**TT**	
1020	Saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol	**TT**	
1030	Prevenzjoni tar-riskju u ġestjoni	**TT**	
1040	Diġitalizzazzjoni u mekkanizzazzjoni	**TT**	
1050	Biedja organika u ġestjoni integrata tal-pesti (IPM)	**TT**	
1060	Kultivazzjoni karbonika	**TT**	
1070	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti	**TT**	
1080	Nutrijenti	**TT**	
1090	Ġestjoni tal-ħamrija u tal-ilma	**TT**	
1100	Użu tal-enerġija	**TT**	
1110	Trobbija tal-annimali	**TT**	
1120	Benesseri tal-annimali	**TT**	
1130	Oħrajn	**TT**	

GRUPPI U KATEGORIJI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA TR

TR.TT.1000.C sa TR.TT.1140.C: *Taħriġ vokazzjonali skont is-suġġett*: trid tingħata indikazzjoni dwar jekk il-korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali għal kull suġġett attendewx id-detentur(i) u/jew il-maniġer(s) u l-ħaddiema matul is-sena ta' rappurtar. Dan jirreferi għal taħriġ vokazzjonali, miżura jew attività ta' taħriġ, ipprovduti minn ħarrieġ jew istituzzjoni ta' taħriġ immirati primarjament lejn l-akkwist ta' ħiliet ġodda relatati mal-attivitajiet tal-azjenda agrikola jew attivitajiet relatati direttament mal-azjenda agrikola jew l-iżvilupp u t-titjib ta' dawk eżistenti. F'każ li kors ta' taħriġ ikopri aktar minn suġġett wieħed, għandhom jiġu rrapportati s-suġġetti rilevanti kollha.

Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 Le

1 Iva

TR.TT.1000.C. *Ġestjoni tal-azjenda agrikola*

Il-ġestjoni tal-azjenda agrikola tista' tinkludi l-kontabilità, il-finanzi, il-kummerċjalizzazzjoni.

TR.TT.1010.C. *Leġiżlazzjoni*

Il-leġiżlazzjoni tista' tirreferi għal rekwiżiti legali, taxxi, PAK u sussidji oħra. Eskludiet is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, li jeħtieġ li jiġu rrapportati taħt TR.TT.1020.C.

TR.TT.1020.C. *Saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol*

Is-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol jistgħu jirreferu għall-antiċipazzjoni, ir-rikonoxximent, l-evalwazzjoni u l-kontroll ta' perikli li jinħolqu fuq il-post tax-xogħol jew minnu li jistgħu jfixklu s-saħħa u l-benesseri tal-ħaddiema.

TR.TT.1030.C. *Prevenzjoni tar-riskju u ġestjoni*

It-taħriġ fil-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju jista' jirreferi għal kwalunkwe prattika u strateġija tradizzjonali u innovattiva għall-ġestjoni tar-riskju biex jittaffa r-riskju fil-produzzjoni agrikola, kif ukoll tekniki ta' ġestjoni biex jittaffew ir-riskji finanzjarji fil-biedja. Dan jista' jinkludi taħriġ dwar il-ġestjoni tar-riskji permezz ta' strateġiji ta' ġestjoni tal-input għall-produzzjoni tal-għelejjel u tal-bhejjem, deċiżjonijiet dwar it-tagħmir, kontroll tal-pesti u tal-mard, assigurazzjonijiet privati, programmi tal-gvern, strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni, ftehimiet ta' pussess tal-art, kreditu agrikolu, diversifikazzjoni fl-azjenda agrikola (eż. OGA relatata direttament mal-azjenda agrikola), impjiegi barra mill-azjenda agrikola, eċċ.

TR.TT.1040.C. *Diġitalizzazzjoni u mekkanizzazzjoni*

It-taħriġ fid-diġitalizzazzjoni u l-mekkanizzazzjoni jista' jirreferi għall-fehim u l-applikazzjoni tal-mekkanizzazzjoni u teknoloġija ġdida fil-biedja u jitgħallem dwar kif it-teknoloġija tista' ttejjeb il-ġestjoni tal-azjendi agrikoli u l-produttività fl-azjendi agrikoli. Dan jista' jinkludi s-sensibilizzazzjoni, il-ħiliet u l-għarfien biex tiżdied l-adozzjoni fl-azjendi agrikoli ta' teknoloġiji relatati mad-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura, inklużi għodod għall-analiżi tad-*data*.

TR.TT.1050.C. *Biedja organika u ġestjoni integrata tal-pesti (IPM)*

Il-biedja organika hija metodu agrikolu li għandu l-għan li jipproduċi l-ikel bl-użu ta' sustanzi u proċessi naturali. Miżuri ta' ġestjoni integrata pesti biex jiġi ottimizzat u limitat l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, skont il-prinċipji stabbiliti mid-Direttiva 128/2009/KE.

TR.TT.1060.C. *Kultivazzjoni karbonika*

Il-kultivazzjoni karbonika f'art agrikola jinkludi l-prattiki kollha mmirati biex iżidu l-kultivazzjoni tal-karbonju u/jew inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-agrikoltura, permezz ta' tekniki ta' ġestjoni tal-ħamrija jew prattiki oħra.

TR.TT.1070.C. *Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti*

It-taħriġ dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPP) jista' jirreferi għal kwalunkwe prattika/impenn dwar l-użu tal-PPP u restrizzjoni fuq l-użu tal-PPP.

TR.TT.1080.C. *Nutrijenti*

L-użu u l-ġestjoni tan-nutrijenti jistgħu jirreferu għal kwalunkwe prattika/impenn dwar l-użu tan-nutrijenti, ir-restrizzjoni fuq l-użu tal-fertilizzanti, eż. il-kwantità, is-sors/it-tip ta' nutrijent (organiku, minerali, eċċ.), it-tekniki ta' applikazzjoni, it-twaqqit.

TR.TT.1090.C. *Ġestjoni tal-ħamrija u tal-ilma*

Il-ġestjoni tal-ħamrija hija l-applikazzjoni ta' operazzjonijiet, prattiki u trattamenti għall-protezzjoni tal-ħamrija u għat-titjib tal-prestazzjoni tagħha (bħall-fertilità tal-ħamrija jew il-mekkanika tal-ħamrija). Dan jinkludi l-konservazzjoni tal-ħamrija, l-emenda tal-ħamrija, u l-aħjar saħħa tal-ħamrija. Il-ġestjoni tal-ilma tirreferi għall-ippjanar strateġiku, l-iżvilupp u l-użu tar-riżorsi tal-ilma biex tiġi ottimizzata l-produzzjoni tal-għelejjel u tal-annimali u jinżammu prattiki tal-biedja sostenibbli. Dan jinkludi l-użu effiċjenti tal-irrigazzjoni, il-konservazzjoni tal-ilma, l-iskedar, il-ġestjoni tad-dranaġġ, il-ġbir tal-ilma tax-xita u l-użu mill-ġdid tal-ilma. Il-ġestjoni tal-ħamrija u tal-ilma tista' tirreferi wkoll għall-ġestjoni tal-għelejjel u tal-artijiet bil-ħaxix.

TR.TT.1100.C. *Użu tal-enerġija*

It-taħriġ dwar l-enerġija jista' jirreferi għall-produzzjoni tal-enerġija (eż., il-bijomassa, l-enerġija solari) u miżuri għall-iffrankar tal-enerġija.

TR.TT.1110.C. *Trobbija tal-annimali*

It-taħriġ dwar it-trobbija tal-annimali jista' jirreferi għat-tnissil, l-għalf u l-akkomodazzjoni tal-annimali. Dan jeskludi t-trattament xieraq tal-annimali, li jeħtieġ li jiġi rrapportat taħt TR.TT.1120.C. Il-benesseri tal-annimali Benesseri tal-annimali

TR.TT.1120.C. *Benesseri tal-annimali*

It-trattament xieraq u s-saħħa tal-annimali jinkludu miżuri/impenn dwar il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni (konċessjoni ta' spazju, ventilazzjoni, dawl, temperatura, umdità, eċċ.), aċċess għar-ragħa fuq barra u spazju fuq barra, limitazzjonijiet fuq l-użu tal-antimikrobiċi.

TR.TT.1130.C. *Oħrajn*

Suġġetti ta' taħriġ mhux elenkati hawn fuq.

Tabella SA

Sikurezza

Struttura tat-tabella

Kategoriji ta' faċilitajiet u sikurezza		Kodiċi (*)
		Kolonni
Grupp ta' informazzjoni		Kodiċi
		C
SA	**Sikurezza**	

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

		Grupp	Kodiċi
Kodiċi	Deskrizzjoni tal-kategoriji		C
100	Pjan għas-sikurezza tal-azjenda agrikola	SA	
200	Inċidenti fuq ix-xogħol	SA	

Għandhom jitniżżlu d-dettalji li ġejjin:

SA.SA.100.C. *Pjan għas-sikurezza tal-azjenda agrikola*

Trid tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda agrikola wettqitx valutazzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol bl-għan li jitnaqqsu l-perikli relatati max-xogħol, li tirriżulta f'dokument bil-miktub (bħal "pjan ta' sikurezza tal-azjendi agrikoli"). Id-*data* għandha tiġi rrappurtata fil-prospetti tal-biedja kull sena. Madankollu, id-*data* tista' tiġi kkumpilata jew tingħabar bi frekwenza aktar baxxa, sakemm dan isir mill-inqas darba kull ħames snin.

Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 Le

1 Iva

SA.SA.200.C.: *Inċidenti fuq ix-xogħol*

Trid tingħata indikazzjoni dwar jekk id-detentur(i) u/jew il-maniġer(s) jew il-ħaddiema esperjenzawx aċċident fuq il-post tax-xogħol matul is-sena ta' rappurtar (li rriżulta f'jum wieħed jew aktar ta' assenza mix-xogħol). Aċċident fuq ix-xogħol huwa okkorrenza diskreta matul ix-xogħol li twassal għal ħsara fiżika jew mentali.

Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 Le

1 Iva

Tabella SI

Inklużjoni soċjali

Struttura tat-tabella

	Kategoriji ta' inklużjoni soċjali	Kodiċi (*)
		Kolonni
		Kodiċi
Grupp ta' informazzjoni		C
SF	Biedja soċjali	

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Grupp	C
100	Preżenza ta' attivitajiet ta' biedja soċjali	**SF**	

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA SI

SI.SF.100.C: *Biedja soċjali*

Il-biedja soċjali hija l-użu ta' riżorsi agrikoli u l-ambjent naturali tal-azjenda agrikola għall-provvista ta' attivitajiet ta' kura u servizzi soċjali għal persuni vulnerabbli (anzjani, persuni b'diżabilità, eċċ.) filwaqt li jiġu involuti fl-attività agrikola.

Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 Le

1 Iva

Tabella SE

Servizzi aċċessibbli għall-bdiewa

Struttura tat-tabella

Kategoriji ta' servizzi	Kodiċi (*)
	Kolonni
	Kopertura
	C
Grupp ta' informazzjoni	Daħħal il-kodiċi
IC **Konnessjoni mal-Internet**	

	Abbonament
	S
	Daħħal il-kodiċi

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	Grupp	C	S
100	**Broadband fiss**	**IC**		
200	**Broadband mobbli**	**IC**		

GRUPPI U KATEGORIJI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA SE

Għall-punti tad-*data* li ġejjin, id-*data* għandha tiġi rrapportata fil-prospetti tal-biedja kull sena. Madankollu, id-*data* tista' tiġi kkumpilata jew tinġabar bi frekwenza aktar baxxa, sakemm dan isir mill-inqas darba kull ħames snin.

SE.IC.100.C. *Kopertura tal-konnessjoni broadband mal-internet fissa*

Trid tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda agrikola tintlaħaqx/huwiex possibbli li tintlaħaq b'konnessjoni fissa tal-internet broadband bħal DSL, ADSL, VDSL, kejbil, fibra ottika, satellita jew konnessjonijiet pubbliċi tal-Wi-Fi.

Kodiċijiet li għandhom jintużaw:

0 Le

1 Iva

SE.IC.100.S. *Abbonament għall-konnessjoni broadband mal-internet fissa*

Trid tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda agrikola għandhiex abbonament għal konnessjoni broadband mal-internet bħal DSL, ADSL, VDSL, kejbil, fibra ottika, satellita jew konnessjonijiet pubbliċi tal-Wi-Fi.

Għandha tintalab biss għal azjendi li jistgħu jintlaħqu b'konnessjoni broadband mal-internet fissa (tweġiba għal SE.IC.100.C. = 1).

Kodiċijiet li għandhom jintużaw:

0 Le

1 Iva

SE.IC.200.C. *Kopertura tal-konnessjoni broadband mal-internet*

Trid tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda agrikola tintlaħaqx/huwiex possibbli li tintlaħaq permezz ta' konnessjoni broadband mal-internet (permezz ta' network tal-mowbajl, mill-inqas 4G).

Kodiċijiet li għandhom jintużaw:

0 Le

1 Parzjalment

2 Iva

SE.IC.200.S. *Abbonament għal konnessjoni broadband mobbli mal-internet*

Trid tingħata indikazzjoni dwar jekk l-azjenda agrikola tkunx abbonat għal konnessjoni broadband mobbli mal-internet disponibbli fl-azjenda agrikola (permezz ta' network tal-mowbajl, mill-inqas 4G).

Għandha tintalab biss għal azjendi li jistgħu jintlaħqu permezz ta' konnessjoni broadband mobbli mal-internet (tweġiba għal SE.IC.200.C. =1 jew 2).

Kodiċijiet li għandhom jintużaw:

0 Le

1 Iva

Tabella GR

Tiġdid ġenerazzjonali

Struttura tat-tabella

	Kategoriji ta' maniġment u suċċessuri	Kodiċi (*)	

		Kolonni	
Grupp ta' informazzjoni		Kodiċi	Sena
		C	Y
GR	**Tiġdid ġenerazzjonali**		

Il-kategoriji jridu jintgħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi(*)	Deskrizzjoni	Grupp	C	Y
100	Sena meta d-detentur ħa kontroll	**GR**	—	
200	Trażmissjoni	**GR**		—
300	Pjanijiet għall-waqfien tal-attività	**GR**		—

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA GR

GR.GR.100.Y. *Sena meta d-detentur ħa kontroll*

Trid tingħata indikazzjoni dwar is-sena meta d-detentur attwali (detentur/maniġer jew detentur/mhux maniġer) ħa f'idejh l-azjenda agrikola, li għandha tiġi rreġistrata fil-format "SSSS".

Fil-każ ta' aktar minn detentur/maniġer wieħed jew detentur/mhux maniġer wieħed li jaħdem fl-azjenda agrikola (u għalhekk irrapportat fit-Tabella C), is-sena għandha tirreferi għall-ewwel persuna li ħadet f'idejha l-azjenda.

Għandu jiġi mistoqsi biss jekk l-azjenda agrikola għandhiex detentur/maniġer(s) jew detentur/mhux maniġer(s) irrapportat (i) fit-Tabella C.

Id-*data* għandha tiġi rrappurtata fil-prospetti tal-biedja kull sena. Madankollu, id-*data* tista' tiġi kkumpilata jew tinġabar bi frekwenza aktar baxxa, sakemm dan isir mill-inqas darba kull ħames snin.

GR.GR.200.C. *Trażmissjoni*

Trid tingħata indikazzjoni dwar il-persuna li mingħandha ġiet trasferita l-azjenda lid-detentur/maniġer attwali jew detentur/mhux maniġer, meta ħadet f'idejha.

Fil-każ ta' aktar minn detentur/maniġer wieħed jew detentur/mhux maniġer wieħed li jaħdem fl-azjenda agrikola (u għalhekk irrapportat fit-Tabella C), it-tweġiba għandha tirreferi għall-ewwel waħda li ħadet f'idejha l-azjenda.

Meta jkun hemm aktar minn metodu wieħed ta' trażmissjoni, għandu jiġi rrapportat l-akbar valur. Għandu jiġi mistoqsi biss jekk l-azjenda agrikola għandhiex detentur/maniġer(s) jew detentur/mhux maniġer(s) irrapportat (i) fit-Tabella C.

Id-*data* għandha tiġi rrappurtata fil-prospetti tal-biedja kull sena. Madankollu, id-*data* tista' tiġi kkumpilata jew tinġabar bi frekwenza aktar baxxa, sakemm dan isir mill-inqas darba kull ħames snin.

Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 mhux applikabbli (l-azjenda agrikola ma għandhiex detentur/maniġer – detentur/mhux maniġer)

1 azjenda agrikola trasferita minn membru tal-familja (permezz ta' donazzjoni, suċċessjoni jew forom oħra)

2 azjenda agrikola trasferita minn membru mhux tal-familja

3 azjenda agrikola maħluqa mid-detentur/maniġer jew detentur/mhux maniġer attwali

GR.GR.300.C. *Pjanijiet għall-waqfien tal-attività*

Għandha tingħata indikazzjoni dwar jekk id-detentur/il-maniġer jew id-detentur/nonmaniġer għamilx pjanijiet speċifiċi dwar kif ir-riżorsi tal-azjenda agrikola se jiġu ġestiti meta jwaqqfu l-attività tagħhom (eż. wara l-irtirar).

Għandu jiġi mistoqsi biss jekk l-eqdem detentur/maniġer jew detentur/mhux maniġer irrapportat fit-Tabella C għandux aktar minn 60 sena.

Meta jkun hemm aktar minn metodu wieħed ta' trażmissjoni, għandu jiġi rrapportat l-akbar valur.

Iridu jintużaw in-numri ta' kodiċi li ġejjin:

0 mhux applikabbli (l-azjenda agrikola ma għandhiex detentur/maniġer jew detentur/mhux maniġer)

1 l-ebda pjan għalissa

2 l-azjenda agrikola se tiġi trasferita lil membru tal-familja (permezz ta' donazzjoni, suċċessjoni jew forom oħra)

3 l-azjenda agrikola se tiġi trasferita lil membru mhux tal-familja

4 id-detentur/il-maniġer jew id-detentur/mhux maniġer ippjana li jikri l-azjenda agrikola/l-art agrikola

5 oħra

KOLONNI FIT-TABELLA GR

Il-kolonna C tirreferi għall-kodiċi, il-kolonna Y tirreferi għas-sena.

ANNESS IX

Skeda ta' żmien għas-sottomissjoni tad-*data* msemmija fl-Artikolu 11(3) u eżenzjonijiet għal varjabbli speċifiċi msemmija fl-Artikolu 12

Fil-kolonna "tabella tal-Anness VIII" huwa possibbli li jiġu identifikati t-tabelli tal-FADN eżistenti (kodiċi b'ċifra waħda minn A sa M) u t-tabelli u l-varjabbli tal-FSDN li għadhom kif ġew introdotti:

— tabelli ġodda tal-FSDN huma indikati bħala linji u identifikati b'kodiċijiet b'żewġ jew tlitt ċifri,

— varjabbli ġodda tal-FSDN fit-tabelli tal-FADN eżistenti huma indikati bil-kodiċi tal-varjabbli speċifiku bħala linji addizzjonali taħt it-tabella tal-FADN korrispondenti.

Għat-tabelli tal-FADN eżistenti huwa possibbli li jintalbu eżenzjonijiet biss għal varjabbli ġodda tal-FSDN, indikati b'mod espliċitu fir-rigward tat-tabelli eżistenti tal-FADN.

Tabelli tal-Anness VIII u varjabbli ġodda tal-FSDN	L-ewwel sena ta' rappurtar		Eżenzjonijiet mis-sottomissjoni ta' varjabbli speċifiċi (l-ewwel sena ta' rappurtar hija indikata)
	2025	2027	
Tabella A - Informazzjoni ġenerali dwar l-azjenda			Mhux applikabbli ħlief għal:
A.CL.142.DT. Is-sena li fiha l-azjenda agrikola bdiet il-konverżjoni organika			Il-Ġermanja, Franza, il-Greċja, Ċipru fl-2026 Ir-Rumanija fl-2027
A.CL.145.C. Sehem ta' prodotti tal-biedja organika mibjugħa bħala organiċi f'azjendi agrikoli ċċertifikati	X		Il-Ġermanja, Franza, il-Greċja, Ċipru, is-Slovakkja, l-Iżvezja fl-2026 Ir-Rumanija fl-2027
A.OT.240.C Parteċipazzjoni f'fondi mutwi			Il-Ġermanja, Franza, il-Greċja, Ċipru, is-Slovakkja, l-Iżvezja fl-2026 Ir-Rumanija fl-2027
A.OT.241.C Kumpens għat-telf			Il-Ġermanja, Franza, il-Greċja, Ċipru, is-Slovakkja, l-Iżvezja fl-2026 Ir-Rumanija fl-2027
Tabella B - Tip ta' okkupazzjoni	X		Mhux applikabbli
Tabella C - Xogħol			Mhux applikabbli ħlief għal:
C.EX Esterni			Il-Ġermanja, il-Greċja, Ċipru, il-Portugall, l-Iżvezja fl-2026 Ir-Rumanija, il-Latvja fl-2027 Franza, Malta fl-2028
Kolonna G – Ġeneru (għall-ħaddiema)	X		Il-Ġermanja, il-Greċja, Ċipru, il-Portugall fl-2026 Ir-Rumanija, il-Latvja fl-2027
Kolonni AW - Pagi u kostijiet tas-sigurtà soċjali kull sena / kull siegħa			Franza, il-Greċja, Ċipru, il-Portugall fl-2026 Ir-Rumanija, Malta, il-Latvja, l-Iżvezja fl-2027
Kolonna R - Irtirar			Franza, il-Greċja, Ċipru, il-Portugall fl-2026 Ir-Rumanija, il-Latvja fl-2027

Tabelli tal-Anness VIII u varjabbli ġodda tal-FSDN	L-ewwel sena ta' rappurtar		Eżenzjonijiet mis-sottomissjoni ta' varjabbli speċifiċi (l-ewwel sena ta' rappurtar hija indikata)
	2025	2027	
Tabella D - Assi u investimenti	X		Mhux applikabbli
Tabella E - Kwoti u drittijiet oħra	X		Mhux applikabbli
Tabella F - Dejn/krediti	X		Mhux applikabbli
Tabella G - Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)	X		Mhux applikabbli
Tabella H - Inputs	X		Mhux applikabbli ħlief għal:
5035. Li minnhom oriġini oħra			Il-Greċja, Ċipru fl-2026 Ir-Rumanija, Malta fl-2027
Tabella I - Użu tal-art u għelejjel	X		Mhux applikabbli ħlief għal:
Kolonni "li minnhom kompletament organiku – li minnhom fi stat ta' konverżjoni organika"			Il-Greċja, Ċipru fl-2026 Ir-Rumanija, il-Latvja fl-2027 Il-Lussemburgu fl-2028
Tabella J - Produzzjoni tal-bhejjem	X		Mhux applikabbli ħlief għal:
J. OR Organiku - J. CO f'konverżjoni organika			Franza, il-Greċja, Ċipru fl-2026 Ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Latvja, il-Kroazja fl-2027
J.DL Għadd ta' mwiet, inkluż qtil b'emerġenza			Franza, il-Greċja, Ċipru, il-Portugall fl-2026 Ir-Rumanija fl-2027
J.TH Tip ta' akkomodazzjoni			Il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Greċja, Ċipru, l-Iżvezja fl-2026 Ir-Rumanija, il-Latvja fl-2027
J. TO Ħin imqatta' barra			Il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Greċja, Ċipru, l-Iżvezja fl-2026 Ir-Rumanija, il-Latvja fl-2027
Tabella K - Prodotti u servizzi tal-annimali	X		Mhux applikabbli
Tabella L - OGA relatati direttament mal-azjenda agrikola	X		Mhux applikabbli
Tabella M - Sussidji	X		Mhux applikabbli ħlief għal:
3770 - Skambju ta' għarfien u tixrid ta' informazzjoni			Il-Ġermanja, Franza, il-Greċja, Ċipru fl-2026 Ir-Rumanija, Malta fl-2027
3780 - Kooperazzjoni			Il-Ġermanja, Franza, il-Greċja, Ċipru fl-2026 Ir-Rumanija, Malta fl-2027

Tabelli tal-Anness VIII u varjabbli ġodda tal-FSDN	L-ewwel sena ta' rappurtar		Eżenzjonijiet mis-sottomissjoni ta' varjabbli speċifiċi (l-ewwel sena ta' rappurtar hija indikata)
	2025	2027	
Tabella MI - Integrazzjoni tas-suq	X		Il-Ġermanja, Franza, iċ-Ċekja, il-Greċja, Ċipru, il-Portugall, l-Iżvezja fl-2026 Il-Belġju, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Malta, il-Latvja, il-Kroazja fl-2027
Tabella DI - Innovazzjoni u diġitalizzazzjoni		X	Franza, Malta fl-2028
Tabella OF - Sehem indikattiv tal-introjtu barra l-azjenda agrikola		X	Franza, Malta fl-2028
Tabella FP1 - Prattiki tal-biedja	X		Il-Ġermanja, il-Greċja, Ċipru, il-Portugall, l-Iżvezja fl-2026 Il-Belġju, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Latvja, il-Kroazja fl-2027 Franza, Malta fl-2028
Tabella FP2 - Prattiki tal-biedja		X	Franza, Malta fl-2028
Tabella NM1 - Użu u ġestjoni tan-nutrijenti - Ħżin tad-demel	X		Il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, Ċipru, il-Latvja, l-Iżvezja fl-2026 Iċ-Ċekja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Kroazja fl-2027 Franza, Malta fl-2028
Tabella NM2 - Użu u ġestjoni tan-nutrijenti - Applikazzjoni tad-demel	X		il-Ġermanja, il-Greċja, Ċipru, il-Latvja, l-Iżvezja fl-2026 Il-Belġju, l-Estonja, iċ-Ċekja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Kroazja fl-2027 Franza, Malta fl-2028
Tabella NM3 - Użu u ġestjoni tan-nutrijenti - Input tal-Għalf		X	Franza, Malta, Spanja fl-2028
Tabella ST - Test tal-ħamrija (fakultattiv)	X		
Tabella BD1 - Bijodiversità – Karatteristiċi tal-pajsaġġ	X		Il-Ġermanja, il-Greċja, Ċipru fl-2026 Ir-Rumanija fl-2027 Franza, il-Lussemburgu, Malta fl-2028
Tabella BD2 - Bijodiversità — Kontroll bijoloġiku u ġestjoni tal-art bil-ħaxix		X	Franza, il-Lussemburgu, Malta fl-2028
Tabella WT - Ġestjoni tal-ilma		X	Franza, Malta fl-2028
Tabella I2 - Użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti		X	Franza, Malta, Spanja fl-2028
Tabella J1 - Użu tal-antimikrobiċi		X	Franza, Malta, Spanja fl-2028
Tabella CS - Skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali	X		Il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, Ċipru, l-Iżvezja fl-2026 Ir-Rumanija, is-Slovakkja, Malta fl-2027
Tabella EN - Enerġija		X	Franza, Malta fl-2028

Tabelli tal-Anness VIII u varjabbli ġodda tal-FSDN	L-ewwel sena ta' rappurtar		Eżenzjonijiet mis-sottomissjoni ta' varjabbli speċifiċi (l-ewwel sena ta' rappurtar hija indikata)
	2025	2027	
Tabella FL - Telf tal-produzzjoni fl-azjenda agrikola għall-użu fl-ikel u fl-għalf		X	Franza, il-Lussemburgu, Malta, il-Kroazja fl-2028
Tabella TR - Taħriġ		X	Franza, Malta fl-2028
Tabella SA - Sikurezza	X		Il-Ġermanja, il-Greċja, Ċipru fl-2026 Ir-Rumanija fl-2027 Franza, Malta fl-2028
Tabella SI - Inklużjoni soċjali	X		Il-Ġermanja, il-Greċja, Ċipru fl-2026 Ir-Rumanija fl-2027 Franza, Malta fl-2028
Tabella SE - Servizzi aċċessibbli għall-bdiewa	X		Il-Ġermanja, il-Greċja, Ċipru, l-Iżvezja fl-2026 Ir-Rumanija, Malta fl-2027
Tabella GR - Tiġdid ġenerazzjonali	X		Il-Ġermanja, il-Greċja, Ċipru, l-Iżvezja fl-2026 Ir-Rumanija, is-Slovakkja fl-2027 Franza, Malta fl-2028

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2746/oj

ANNESS X

Ammont pagabbli lill-Istati Membri, f'EUR (prezzijiet kurrenti), għas-snin ta' rappurtar 2025, 2026 u 2027, kif imsemmi fl-Artikolu 17

	Sena ta' rappurtar 2025				Sena ta' rappurtar 2026				Sena ta' rappurtar 2027		
	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (b)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (b)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu
IL-BELĠJU	198 000	397 600	136 702	732 302	198 000	374 816	182 270	755 086	198 000	501 241	699 241
IL-BULGARIJA	396 360	352 436	501 697	1 250 493	396 360	352 436	501 697	1 250 493	396 360	1 003 394	1 399 754
IĊ-ĊEKJA	230 760	386 620	185 874	803 254	230 760	373 343	212 427	816 530	230 760	584 174	814 934
ID-DANIMARKA	261 000	400 883	300 331	962 214	261 000	400 883	300 331	962 214	261 000	660 727	921 727
IL-ĠERMANJA	919 980	1 985 289	105 861	3 011 130	919 980	1 455 983	1 164 475	3 540 438	919 980	2 328 950	3 248 930
L-ESTONJA	104 400	223 399	108 119	435 918	104 400	223 399	108 119	435 918	104 400	264 291	368 691
L-IRLANDA	162 000	368 882	205 053	735 935	162 000	368 882	205 053	735 935	162 000	410 107	572 107
IL-GREĊJA	533 880	1 013 146	61 433	1 608 459	533 880	705 980	675 765	1 915 625	533 880	1 351 529	1 885 409
SPANJA	1 566 000	1 606 195	1 982 182	5 154 377	1 566 000	1 606 195	1 982 182	5 154 377	1 566 000	3 423 769	4 989 769
FRANZA	1 368 000	2 553 255	472 244	4 393 499	1 368 000	2 474 548	629 659	4 472 207	1 368 000	629 659	1 997 659
IL-KROAZJA	225 180	372 981	181 379	779 540	225 180	372 981	181 379	779 540	225 180	544 137	769 317
L-ITALJA	1 695 240	1 623 948	2 145 769	5 464 957	1 695 240	1 623 948	2 145 769	5 464 957	1 695 240	4 291 538	5 986 778
ĊIPRU	90 000	265 654	10 356	366 010	90 000	213 873	113 919	417 792	90 000	227 837	317 837
IL-LATVJA	180 000	295 256	144 987	620 243	180 000	274 543	186 412	640 955	180 000	455 674	635 674
IL-LITWANJA	180 000	306 954	227 837	714 791	180 000	306 954	227 837	714 791	180 000	455 674	635 674
IL-LUSSEMBURGU	81 000	201 967	93 206	376 173	81 000	201 967	93 206	376 173	81 000	177 091	258 091
L-UNGERIJA	342 000	463 433	432 890	1 238 323	342 000	463 433	432 890	1 238 323	342 000	865 781	1 207 781
MALTA	96 480	251 602	11 102	359 184	96 480	251 602	11 102	359 184	96 480	44 408	140 888
IN-NETHERLANDS	270 000	702 640	341 756	1 314 396	270 000	702 640	341 756	1 314 396	270 000	683 511	953 511

	Sena ta' rappurtar 2025				Sena ta' rappurtar 2026				Sena ta' rappurtar 2027		
	Ammont kif imsemmi fl-Arti-kolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Arti-kolu 17(1), il-punt (b)	Ammont kif imsemmi fl-Arti-kolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu	Ammont kif imsemmi fl-Arti-kolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Arti-kolu 17(1), il-punt (b)	Ammont kif imsemmi fl-Arti-kolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu	Ammont kif imsemmi fl-Arti-kolu 17(1), il-punt (a)	Ammont kif imsemmi fl-Arti-kolu 17(1), il-punt (c)	Ammont massimu
L-AWSTRIJA	324 000	367 386	410 107	1 101 493	324 000	367 386	410 107	1 101 493	324 000	820 213	1 144 213
IL-POLONJA	1 620 000	1 377 272	2 050 533	5 047 805	1 620 000	1 377 272	2 050 533	5 047 805	1 620 000	4 101 066	5 721 066
IL-PORTUGALL	414 000	553 417	428 748	1 396 165	414 000	505 779	524 025	1 443 804	414 000	1 048 050	1 462 050
IR-RUMANIJA	918 000	1 359 686	105 634	2 383 320	918 000	1 359 686	105 634	2 383 320	918 000	2 323 938	3 241 938
IS-SLOVENJA	163 440	258 693	206 876	629 009	163 440	258 693	206 876	629 009	163 440	413 752	577 192
IS-SLOVAKKJA	101 160	280 835	58 202	440 197	101 160	280 835	58 202	440 197	101 160	256 089	357 249
IL-FINLANDJA	117 000	275 514	148 094	540 608	117 000	275 514	148 094	540 608	117 000	296 188	413 188
L-IŻVEZJA	184 500	377 326	84 921	646 747	184 500	303 020	233 533	721 053	184 500	467 066	651 566
Total tal-EU	12 742 380	18 622 269	11 141 893	42 506 542	12 742 380	17 476 591	13 433 252	43 652 223	12 742 380	28 629 854	41 372 234
Riżerva għall-konsenji bil-quddiem				2 493 458				1 347 777			

ANNESS XI

Il-forma u t-tqassim tad-*data* li għandha tiġi estratta mis-settijiet tad-data msemmija fl-Artikolu 18

Dan it-test jipprovdi gwida ulterjuri dwar is-sottomissjoni ta' *data* diżaggregata dwar l-interventi u l-benefiċjarji u jiddefinixxi l-forma u l-kontenut ta' din id-*data*.

Imsemmija fl-Artikolu 4a(1), il-punt (a) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 u bl-għan li l-azjendi prospettanti tal-FSDN jintrabtu mal-fajls korrispondenti tal-benefiċjarji, inkluża data diżaggregata dwar il-benefiċjarji, u fajls ta' intervent, inkluża *data* diżaggregata dwar l-interventi, inkluża fid-*data* għas-sett tad-data għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8 fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1475, l-Istati Membri ([1]) għandhom jagħżlu waħda mill-għażliet li ġejjin.

Opzjoni 1: Jekk l-Istati Membri jagħżlu li jipprovdu lill-Kummissjoni l-identifikatur tal-benefiċjarju relatat mal-azjenda prospettanti, id-*data* li ġejja għandha tinqasam mill-fajls tal-intervent u tal-benefiċjarju:

M030/B010 ID unika tal-benefiċjarju msemmija fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1475.

Numru FSDN: Marbut mal-ID unika tal-benefiċjarju, l-Istat Membru għandu jipprovdi n-numru tal-FSDN tal-azjenda prospettanti.

Huma possibbli entrati multipli, peress li azjenda waħda tal-FSDN jista' jkollha diversi benefiċjarji assoċjati magħha u benefiċjarju wieħed jista' jiġi assoċjat ma' diversi azjendi tal-FSDN.

Opzjoni 2: Jekk l-Istat Membru jagħżel li jipprovdi lill-Kummissjoni direttament id-*data* relatata mal-azjenda prospettanti, id-*data* li ġejja għandha tiġi kondiviża mill-fajls tal-intervent u tal-benefiċjarju:

Numru FSDN: Marbut mad-*data*, l-Istat Membru għandu jipprovdi n-numru tal-FSDN tal-azjenda prospettanti.

Huma permessi entrati multipli, peress li azjenda waħda tal-FSDN jista' jkollha diversi benefiċjarji assoċjati magħha u benefiċjarju wieħed jista' jiġi assoċjat ma' diversi azjendi tal-FSDN.

DATA DIŻAGGREGATA DWAR L-INTERVENZJONIJIET

Numru	Deskrizzjoni
Varjabbli tal-monitoraġġ għar-rappurtar tal-informazzjoni amministrattiva	
M010	il-kodiċi tal-aġenzija tal-pagamenti
M020	kodiċi uniku għall-applikazzjoni għall-għajnuna jew għat-talba għal pagament għal intervent
M040	kodiċi baġitarju
Varjabbli tal-monitoraġġ għar-rappurtar tal-ammonti minfuqa	
M050	ammont totali ta' fondi tal-Unjoni
M060	nefqa pubblika totali
M070	total tal-finanzjament nazzjonali addizzjonali

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1475 tas-6 ta' Settembru 2022 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-għoti ta' informazzjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni (ĠU L 232, 7.9.2022, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1475/oj).

Numru	Deskrizzjoni
Varjabbli tal-monitoraġġ biex tiġi rrappurtata l-erja eliġibbli u ddeterminata	
M080	l-għadd ta' ettari ta' żona eliġibbli ddeterminati qabel l-applikazzjoni tal-limiti, minbarra l-forestrija
M085	l-għadd ta' ettari ta' żona tal-forestrija eliġibbli ddeterminati qabel l-applikazzjoni tal-limiti
M090	l-għadd ta' ettari ta' żona eliġibbli minbarra l-forestrija
M095	l-għadd ta' ettari ta' żona tal-forestrija eliġibbli ddeterminati wara l-applikazzjoni tal-limiti
Varjabbli tal-monitoraġġ għar-rappurtar tal-unitajiet imħallsa	
M100	l-għadd ta' ettari ta' żona eliġibbli mħallsa
M101	l-għadd ta' ettari ta' art eliġibbli li tinħadem imħallsa għal prattiki għall-manutenzjoni ta' żoni mhux produttivi, tali art mistrieħa
M102	l-għadd ta' ettari ta' art eliġibbli li tinħadem imħallsa għal prattiki għall-istabbiliment ta' karatteristiċi ġodda tal-pajsaġġ kif stabbilit fl-Artikolu 31(1a) tar-Regolament (UE) 2021/2115
M110	l-għadd ta' irjus tal-annimali mħallsa
M120	l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem imħallsa
M130	l-għadd ta' operazzjonijiet imħallsa
M140	l-għadd ta' azjendi agrikoli appoġġati
M150	l-għadd ta' fondi mutwi mħallsa
M160	l-għadd ta' unitajiet oħra mħallsa – unità ta' kejl
M161	l-għadd ta' unitajiet oħra mħallsa — output iġġenerat
Monitoraġġ ta' varjabbli li jirrapportaw jekk kundizzjoni hijiex issodisfata	
M170	investiment li jirriżulta f'żieda netta ta' żona irrigata
M180	investiment li jirriżulta f'titjib tal-installazzjonijiet eżistenti tat-tisqija
M190	investiment fl-użu tal-ilma reklamat
M200	investiment fil-broadband
M210	investiment fil-bijometan

DATA DIŻAGGREGATA DWAR IL-BENEFIĊJARJI

Numru	Deskrizzjoni
B020	il-ġeneru
B030	bidwi żagħżugħ
B040	post ġeografiku – muniċipalità
B050	żona b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra
B060	żona vulnerabbli għan-nitrati
B070	il-karatteristiċi tal-post tal-azjenda agrikola fi pjan ta' ġestjoni ta' baċir tax-xmara
B080	Żona ta' Natura 2000
B090	azjenda agrikola organika

Numru	Deskrizzjoni
B100	l-għadd ta' ettari ta' raba' li jinħadem iddikjarat
B110	l-għadd ta' ettari ta' bwar permanenti ddikjarati
B120	l-għadd ta' ettari b'għelejjel permanenti ddikjarati
B130	l-għadd ta' ettari ta' żoni oħra eliġibbli għal pagamenti diretti
B141	KAAT 2 – għadd ta' ettari ta' artijiet mistagħdra u torbieri – art bil-ħaxix permanenti
B142	KAAT 2 – għadd ta' ettari ta' artijiet mistagħdra u torbieri – raba' fi stadju bikri
B143	KAAT 2 – għadd ta' ettari ta' artijiet mistagħdra u torbieri – għelejjel permanenti
B170	KAAT 9 – għadd ta' ettari soġġetti għall-projbizzjoni fuq il-konverżjoni jew il-ħrit
B171	KAAT 9 – għadd ta' ettari ta' artijiet bil-ħaxix permanenti f'siti tan-Natura 2000
B172	KAAT 9 – għadd ta' ettari ta' bwar permanenti dežinjati ambjentalment sensittivi f'siti tan-Natura 2000 protetti skont il-KAAT 9 u ddikjarati mill-bdiewa
B180	l-għadd ta' ettari ta' artijiet bil-ħaxix permanenti ddežinjati ambjentalment sensittivi barra mis-siti tan-Natura 2000, protetti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-KAAT u ddikjarati mill-bdiewa, fejn applikabbli

ANNESS XII

Il-forma u t-tqassim tad-*data* li għandha tiġi estratta mis-settijiet tad-data msemmija fl-Artikolu 20

Dan it-test jipprovdi gwida ulterjuri dwar is-sottomissjoni ta' data diżaggregata mis-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK) stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ([1])

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-korrispondenza bejn in-Numri ta' Identifikazzjoni (IDs) tal-azjenda prospettanti fis-sistemi tas-SIAK u tal-FSDN, filwaqt li jiżguraw li jirreferu għall-istess entità.

B'referenza għall-Artikolu 4a(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, l-Istati Membri għandhom jagħżlu waħda mill-għażliet 1, 2.1 jew 2.2 li ġejjin.

Opzjoni 1: Jekk l-Istat Membru jagħżel li jipprovdi lill-Kummissjoni l-identifikaturi tal-pakketti relatati mal-azjenda prospettanti, id-*data* li ġejja għandha tiġi kondiviża mis-sistema tal-IACS:

F'każ li l-Istati Membri jagħżlu din l-għażla, huma għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-identifikaturi li ġejjin mis-SIAK marbuta mal-ID tal-FSDN: numru ta' identifikazzjoni uniku (ID) tal-ħbula tar-raba' ta' referenza, tal-bċejjeċ tar-raba' u taż-żoni mhux agrikoli meqjusa eliġibbli mill-Istati Membri biex jirċievu appoġġ għall-interventi bbażati fuq l-erja, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1172 u fl-Artikolu 8(3), il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1173.

Huma possibbli diversi entrati, peress li azjenda waħda tal-FSDN jista' jkollha diversi rqajja' ta' referenza assoċjati, ħbula tar-raba' u żoni mhux agrikoli meqjusa eliġibbli mill-Istat Membru.

Opzjoni 2: Jekk l-Istat Membru jagħżel li jipprovdi lill-Kummissjoni direttament bid-*data* relatata mal-azjenda prospettanti, l-informazzjoni ġeografika li ġejja għandha tiġi kondiviża mis-sistema tas-SIAK:

Opzjoni 2.1

F'każ li l-Istati Membri jagħżlu din l-għażla, huma għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bis-sett ta' data ġeografika tal-ħbula tar-raba' ta' referenza u tal-ħbula raba' li ġejjin, kif imsemmi fid-Direttiva 2007/2/KE ([2]) u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/138, ([3])inklużi l-attributi li ġejjin:

— Ġeometrija (konfini u erja ta' kull roqgħa art): irqajja' ta' referenza, irqajja' agrikoli u unitajiet ta' art li fihom erjas mhux agrikoli meqjusa eliġibbli mill-Istat Membru kif deskritt fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1172 u fl-Artikolu 8(3) (a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1173.

— Użi tal-art (għelejjel jew gruppi ta' għelejjel).

— Karatteristiċi tal-pajsaġġ kif imsemmija fl-Artikolu 8(3), il-punt (c), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1173.

— Żona taħt biedja organika kif imsemmi fl-Artikolu 8(3), il-punt (e), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1173.

Marbuta mad-*data* ġeografika tas-SIAK, l-Istati Membri għandhom jipprovdu n-numru FSDN tal-azjenda prospettanti.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

([2]) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2007/2/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 tal-21 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi lista ta' settijiet tad-data speċifiċi ta' valur għoli u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tagħhom (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 43).

Huma permessi diversi entrati, peress li azjenda waħda tal-FSDN jista' jkollha diversi pakketti ta' referenza, ħbula raba' assoċjati u żoni mhux agrikoli meqjusa eliġibbli mill-Istat Membru.

Opzjoni 2.2

F'każ li l-Istati Membri jagħżlu din l-għażla, huma għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-indikaturi li ġejjin:

— Il-frammentazzjoni tal-azjenda: l-għadd ta' rqajja' agrikoli, id-daqs medju tal-irqajja', id-distanza massima bejn l-irqajja' l-aktar' il bogħod, id-distanza medja bejn l-irqajja', l-għadd ta' raggruppamenti tal-irqajja' f'żona ta' lqugħ ta' 1 km u 10 km.

— Tibdil fl-użu tal-art: konverżjoni tal-art mis-sena ta' qabel għall-kategoriji tal-użu tal-art li ġejjin: art forestali, raba', bwar, artijiet mistagħdra, insedjamenti, u art oħra kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2018/841 ([4]).

— Karatteristiċi tal-pajsaġġ: Għandhom jiġu pprovduti ż-żoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ inklużi fl-Anness VIII - it-Tabella BD1 - Bijodiversità - Karatteristiċi tal-pajsaġġ.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj).